IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 29.6.2017
COM(2017) 352 final

2017/0145 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar l-Aġenzija Ewropea għat-tmexxija operattiva tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, u li jemenda r-Regolament (KE) 1987/2006 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/533/ĠAI u jħassar ir-Regolament (UE) 1077/2011

MT MT

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

- Ir-raġunijiet u l-għanijiet tal-proposta

Ir-Regolament li jistabbilixxi l-Aġenzija Ewropea responsabbli mit-tmexxija operattiva tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja (li ssir referenza għaliha bħala eu-LISA) ġie adottat fl-2011 (ir-Regolament (UE) Nru 1077/2011) u emendat fl-2015 mir-Regolament (UE) 603/2013[1]. Bħalissa, l-eu-LISA hija responsabbli għat-tmexxija operattiva fil-livell ċentrali tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen tat-tieni ġenerazzjoni (SIS II), is-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS) u Eurodac. eu-LISa jistgħu wkoll jiġu fdati bl-iżvilupp u l-ġestjoni operattiva ta' sistemi oħra tal-IT fuq skala kbira fil-qasam tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja jekk ikun hekk stipulat minn strumenti leġiżlattivi relevanti.

L-eu-LISA bdiet tassumi l-kompiti ewlenin tagħha fl-1 ta' Diċembru 2012 u ilha topera l-VIS mill-1 ta' Diċembru 2012, is-SIS II minn Mejju 2013 u l-Eurodac minn Ġunju 2013. Is-sede tal-Aġenzija huwa Tallinn u s-sistemi jitħaddmu mis-sit tekniku fi Strasburgu. Is-sit ta' riżerva jinsab f'Sankt Johann im Pongau.

L-għan ta' din il-proposta huwa li tirrevedi r-Regolament li jistabbilixxi l-Aġenzija sabiex tadattah għar-rakkomandazzjonijiet għal emendi leġiżlattivi li joħorġu mill-evalwazzjoni, kif ukoll li ttejjeb il-funzjonament tal-Aġenzija u ssaħħaħ ir-rwol tagħha sabiex tiżgura li l-mandat tagħha jissodisfa l-isfidi attwali fil-livell tal-UE fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja. Hija għandha l-għan ukoll li ddaħħal fir-Regolament bidliet li jirriżultaw mill-iżviluppi politiċi, legali jew fattwali u, b'mod partikolari, li jkunu jirriflettu l-fatt li se jiġu fdati sistemi ġodda lill-Aġenzija soġġetti għal qbil mill-koleġiżlaturi u li jkun xieraq li l-Aġenzija jkollha l-kompitu li tikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' interoperabbiltà bejn is-sistemi tal-IT fuq skala kbira fis-segwitu għall-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni tas-6 ta' April 2016 dwar Sistemi ta' Informazzjoni Aktar Intelliġenti u b'Saħħithom għall-fruntieri u s-sigurtà[2], ir-rapport finali tal-Grupp ta' esperti ta' livell għoli dwar is-sistemi ta' informazzjoni u l-interoperabbiltà tal-11 ta' Mejju 2017[3] u s-Seba' rapport ta' progress tal-Kummissjoni lejn Unjoni tas-Sigurtà effettiva u ġenwina tas-16 ta' Mejju 2017[4]. Hija tindirizza wkoll ir-rakkomandazzjonijiet għall-emendi proposti mill-Bord tat-Tmexxija tal-Aġenzija u l-ħtieġa possibbli li l-eu-LISA tospita u tiġġestixxi soluzzjonijiet tekniċi konġunti għall-implimentazzjoni nazzjonali ta' sistemi deċentralizzati għall-Istati Membri interessati. Fl-aħħar nett, il-proposta tallinja l-att tat-twaqqif tal-Aġenzija mal-prinċipji tad-Dikjarazzjoni Konġunta tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni Ewropea dwar l-aġenziji deċentralizzati tad-19 ta' Lulju 2012 (minn hawn 'il quddiem 'l-Approċċ Komuni').

---

1 Ir-Regolament (UE) Nru 603/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment tal-"Eurodac" għat-tqabbil ta' marki tas-swaba' għall-applikazzjoni effettiva tar-{Regolament (UE) Nru 604/2013 li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali ddepożitata f'wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida} u dwar talbiet għat-tqabbil ma' *data* tal-Eurodac mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri u mill-Europol għall-finijiet ta' infurzar tal-liġi, u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1077/2011 li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għat-tmexxija operattiva tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja (riformulazzjoni). ĠU L 180, 9.6.2013.

2 Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar Sistemi ta' Informazzjoni Aktar Intelliġenti u b'Saħħithom għall-Fruntieri u s-Sigurtà. COM(2016) 205 finali, 6.4.2016.

3 http://ec.europa.eu/transparency/regexpert/index.cfm?do=groupDetail.groupDetailDoc&id=32600&no=1

4 COM(2017) 261 finali.

B'konformità mal-Artikolu 31 tar-Regolament tat-twaqqif, il-Kummissjoni wettqet evalwazzjoni, abbażi ta' evalwazzjoni esterna[5], f'konsultazzjoni mill-qrib mal-Bord tat-Tmexxija tal-eu-LISA, sabiex teżamina l-mod u kemm l-Aġenzija effettivament tikkontribwixxi għat-tmexxija operattiva tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja u twettaq il-kompiti tagħha stipulati fir-Regolament tat-twaqqif. Hija eżaminat ukoll il-ħtieġa għal reviżjoni jew estensjoni tal-kompiti fdati lill-eu-LISA fir-Regolament tat-twaqqif. Abbażi ta' dik l-evalwazzjoni, ikun xieraq li l-Kummissjoni, wara konsultazzjoni mal-Bord tat-Tmexxija, toħroġ rakkomandazzjonijiet rigward il-bidliet fir-Regolament tat-twaqqif u tibgħathom, flimkien mal-opinjoni tal-Bord tat-Tmexxija, kif ukoll proposti xierqa, lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data*. Ir-rakkomandazzjonijiet ġew inklużi fir-*Rapport mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-funzjonament tal-Aġenzija Ewropea għat-tmexxija operattiva tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja* (eu-LISA) [6]u fid-dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni li jakkumpanjah dwar l-evalwazzjoni [7]eu-LISA li huma previsti li jiġi adottat fl-istess ħin ma' din il-proposta.

Għalhekk, din il-proposta hija marbuta mal-evalwazzjoni tal-Aġenzija, iżda ssegwi wkoll żviluppi politiċi u leġiżlattivi oħrajn u tirrifletti fuq ir-rakkomandazzjonijiet imsemmija fuq, kif ukoll l-opinjoni tal-Bord tat-Tmexxija.

- L-indirizzar tar-rakkomandazzjonijiet tar-rapport tal-evalwazzjoni esterna tal-eu-LISA

Erba' snin wara li l-Aġenzija bdiet tassumi l-kompiti tagħha f'Diċembru 2012, l-evalwazzjoni wriet li l-Aġenzija wriet il-kapaċità tagħha li tissodisfa l-kompiti tagħha, kif ukoll il-kompiti ġodda fdati lilha, b'mod partikolari DubliNet[8], VISION[9] u l-eżekuzzjoni tal-Proġett Pilota "Fruntieri Intelliġenti"[10] b'mod effettiv u effiċjenti. Hija sabet ukoll li l-eu-LISA kkontribwixxiet b'mod effettiv għall-istabbiliment ta' ambjent tal-IT ikkoordinat, effettiv u koerenti għat-tmexxija tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira li jappoġġjaw l-implimentazzjoni ta' politiki fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja.

Madankollu, hemm nuqqasijiet li jridu jiġu rrimedjati sabiex jittejjeb il-funzjonament tal-Aġenzija u sabiex jittejjeb u jissaħħaħ ir-rwol tagħha, filwaqt li jiġi żgurat li l-mandat tagħha jiġi adattat sabiex jissodisfa l-isfidi attwali fil-livell tal-UE fil-qasam tal-migrazzjoni u s-sigurtà. Ħafna min-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni jistgħu jiġu indirizzati mingħajr emendi leġiżlattivi. Ir-rakkomandazzjonijiet mhux leġiżlattivi ġew segwiti mid-Direttur

[5] http://bookshop.europa.eu/is-bin/INTERSHOP.enfinity/WFS/EU-Bookshop-Site/en_GB/-/EUR/ViewPublication-Start?PublicationKey=DR0116464
[6] COM(2017) 346, 29.6.2017.
[7] SWD(2017) 249, 29.6.2017.
[8] Ċerti kompiti operattivi u ta' sigurtà li jikkonċernaw lil DubliNet ġew ittrasferiti lill-eu-LISA permezz ta' ftehim dwar il-livell ta' servizz datat il-31 ta' Lulju 2014 bejn l-Aġenzija u d-Direttur Ġenerali għall-Migrazzjoni u l-Affarijiet Interni. Il-Kummissjoni żammet ir-responsabbiltà għall-baġit u għal kwistjonijiet kuntrattwali. DubliNet għandu jiġi ttrasferit legalment lill-Aġenzija permezz ta' dispożizzjoni li temenda r-Regolament (UE) 1077/2011 tal-proposta tar-riformulazzjoni tal-Eurodac. COM(2016) 272 finali, 4.5.2016.
[9] Il-funzjonament ta' VISION (in-Netwerk ta' Konsultazzjoni ta' Schengen) ġie fdat lill-eu-LISA permezz ta' ftehim dwar il-livell ta' servizz iffirmat bejn l-Istati Membri u l-Iżlanda, il-Liechtenstein u n-Norveġja bl-użu ta' VISION, irrappreżentati mill-Presidenza tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u mill-Aġenzija fis-27 ta' Mejju 2013.
[10] Matul in-negozjati tal-Pakkett dwar il-Fruntieri Intelliġenti li ġie adottat mill-Kummissjoni fit-28 ta' Frar 2013, qam tħassib dwar diversi kwistjonijiet tekniċi, operattivi u ta' spejjeż li tqiesu li jeħtieġu aktar investigazzjoni. Fl-4 ta' Frar 2014, COREPER approva eżerċizzju ta' prova tal-kunċett, li jikkonsisti f'eżerċizzju mmexxi mill-Kummissjoni u fażi ta' test jew Pilota li trid titmexxa mill-eu-LISA. Il-pilota ġiet fdata lill-eu-LISA permezz ta' ftehim ta' delega u twettqet b'suċċess fl-2015.

Eżekuttiv tal-eu-LISA; il-Bord tat-Tmexxija adotta l-Pjan ta' Azzjoni rilevanti fil-21 ta' Marzu 2017.

In-nuqqasijiet li jirrikjedu emendi leġiżlattivi kif identifikati fl-evalwazzjoni huma dawn li ġejjin:

– ikun xieraq li l-koerenza tal-ġestjoni tal-infrastruttura tal-komunikazzjoni tittejjeb permezz tat-trasferiment tal-kompiti relatati tal-Kummissjoni (b'mod partikolari l-implimentazzjoni tal-baġit, l-akkwiżizzjoni u t-tiġdid u l-kwistjonijiet kuntrattwali) lill-Aġenzija, permezz ta' emenda tal-istrumenti leġiżlattivi li jirregolaw l-istabbiliment u t-tħaddim tas-sistemi operati mill-Aġenzija;

– ikun xieraq li l-kamp ta' applikazzjoni tal-kooperazzjoni ma' aġenziji oħrajn fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja jiġi ċċarat fi ħdan il-mandat tal-eu-LISA;

– ikun xieraq li jiġi adottat rapport interim mill-Bord tat-Tmexxija sal-aħħar ta' Awwissu ta' kull sena dwar il-progress fuq l-implimentazzjoni tal-attivitajiet ippjanati li jkopru l-ewwel sitt xhur ta' dik l-istess sena;

– ikun xieraq li l-kamp ta' applikazzjoni tal-proġetti pilota li jistgħu jitwettqu mill-eu-LISA ikun limitat għal dawk imsemmija fl-Artikolu 54(2)a tar-Regolament Finanzjarju (jiġifieri mingħajr att bażiku) u li jiġi estiż mill-inqas għal proġetti pilota b'att bażiku eżistenti;

L-evalwazzjoni rrakkomandat ukoll li jkun xieraq li jitħejjew valutazzjoni tar-riskji u valutazzjoni 'ex ante' għall-proġetti ta' 'l fuq minn EUR 500 000 li jitwettqu mill-eu-LISA fil-mandat attwali tagħha (jiġifieri mhux derivati minn strument leġiżlattiv li jafdaha b'sistema ġdida li għaliha tiġi pprovduta valutazzjoni tal-impatt mill-Kummissjoni). Din hija rakkomandazzjoni importanti li għandha tiġi indirizzata kif xieraq mill-eu-LISA. Madankollu, hija ma teħtieġ ebda bidla tar-Regolament tal-Aġenzija minħabba li l-Artikolu 29(5) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1271/2013[11] u tar-Regolament Finanzjarju tal-Aġenzija diġà jirrikjedu evalwazzjonijiet 'ex ante' u 'ex post' tal-programmi u l-attivitajiet li jinvolvu nfiq sinifikanti.

L-evalwazzjoni għamlet ukoll rakkomandazzjonijiet oħrajn sabiex isiru emendi fil-mandat tal-Aġenzija. Dawn ikun xieraq li jiddaħħlu fl-istrumenti leġiżlattivi tas-sistemi u, fir-rigward tar-responsabbiltà estiża għall-eu-LISA f'dak li għandu x'jaqsam mal-istatistika, ma jirrikjedu ebda emenda fir-Regolament li jistabbilixxi l-Aġenzija:

– Responsabbiltà estiża għall-eu-LISA fil-ġenerazzjoni/pubblikazzjoni tal-istatistika għal kull sistema.

– Kompitu ġdid għall-eu-LISA li tipproduċi rapporti dwar il-kwalità tad-*data* u l-analiżi tad-*data* sabiex ittejjeb il-kontroll tal-implimentazzjoni tal-istrumenti legali tas-sistemi.

Ir-Rapport dwar il-funzjonament tal-Aġenzija Ewropea għat-tmexxija operattiva tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, li ġie adottat fl-istess data li fiha saret din il-proposta, jippreżenta s-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-evalwazzjoni. Huwa innota wkoll li r-Regolament tat-twaqqif li jiddefinixxi l-kompiti tal-Aġenzija jirrispondi għall-ambjent legali, politiku u ekonomiku li fih inħolqot l-Aġenzija. L-iżviluppi leġiżlattivi u politiċi riċenti jitolbu għal aktar reviżjoni jew estensjoni tal-kompiti fdati lill-eu-LISA fir-Regolament tat-twaqqif u fi strumenti legali rilevanti oħrajn (jiġifieri l-istrumenti

[11] Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1271/2013 tat-30 ta' Settembru 2013 dwar Regolament Finanzjarju ta' qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 208 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ĠU L 328, 7.12.2013, p. 42.

legali tas-sistemi). Fl-2016, il-Kummissjoni ppreżentat proposti bil-għan li tafda sistemi ġodda lill-Aġenzija: is-Sistema ta' Dħul/Ħruġ (EES)[12], is-sistema awtomatizzata għar-reġistrazzjoni, il-monitoraġġ u l-mekkaniżmu ta' allokazzjoni tal-applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali[13] u s-Sistema tal-UE ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar (ETIAS)[14]. Jekk dawn l-inizjattivi jiġu adottati mill-koleġiżlaturi, huma jkunu jirrikjedu bidliet fir-Regolament tal-eu-LISA, li jkun xieraq li jidħlu fis-seħħ meta dawk il-proposti jsiru applikabbli sabiex ikunu jirriflettu dawn il-kompiti ġodda fir-Regolament tal-eu-LISA, b'mod partikolari fir-rigward tar-responsabbiltajiet tal-Bord tat-Tmexxija u tad-Direttur Eżekuttiv. Il-proposta tal-EES tinkludi emendi fir-Regolament (UE) 1077/2011. Fil-każ tal-proposti ta' riformulazzjoni tal-ETIAS u tal-Eurodac, tali emendi ddaħħlu mill-Presidenza matul id-diskussjonijiet fil-Kunsill. Madankollu, billi din il-proposta hija ppreżentata qabel tiġi adottata kwalunkwe waħda mit-tliet proposti li jafdaw sistemi ġodda lill-Aġenzija, huwa neċessarju li l-emendi meħtieġa jkunu riflessi wkoll f'din il-proposta fil-parentesi, soġġetti għall-aċċettazzjoni finali tagħhom fit-test meta l-proposti jiġu adottati mill-koleġiżlaturi.

Fis-6 ta' April 2016, il-Kummissjoni adottat ukoll Komunikazzjoni dwar Sistemi ta' Informazzjoni Aktar Intelliġenti u b'Saħħithom għall-Fruntieri u s-Sigurtà[15]. Ikun xieraq li l-eu-LISA tingħata mandat espliċitu fir-Regolament tat-twaqqif sabiex twettaq il-kompiti fdati lilha kif deskritt f'din il-Komunikazzjoni u fis-Seba' rapport ta' progress tal-Kummissjoni lejn Unjoni tas-Sigurtà effettiva u ġenwina, li ġie adottat fis-16 ta' Mejju 2017. Dan jinkludi, b'mod partikolari, l-għoti ta' appoġġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri sabiex jeżaminaw il-fattibbiltà teknika tal-iżviluppi u l-azzjonijiet lejn l-interoperabbiltà tas-sistemi, inkluż permezz ta' studji u/jew attivitajiet ta' ttestjar.

Il-bidliet li jirriżultaw mill-evalwazzjoni tas-SIS imwettqa fl-2016, kif riflessi fil-proposti li jirrevedu l-istrumenti leġiżlattivi tas-SIS,[16] kif ukoll mill-proposta ta' riformulazzjoni tal-Eurodac,[17] ikun xieraq li jiddaħħlu wkoll fil-proposta.

---

[12] Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Sistema ta' Dħul/Ħruġ (EES) sabiex tiġi rreġistrata d-*data* ta' dħul u ħruġ u d-*data* tar-rifjut ta' dħul ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jaqsmu l-fruntieri esterni tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea u sabiex jiġu ddeterminati l-kundizzjonijiet għall-aċċess għall-EES għall-finijiet tal-infurzar tal-liġi u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 767/2008 u r-Regolament (UE) Nru 1077/2011 COM(2016) 194 finali, 6.4.2016.

[13] Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi sabiex jiġi ddeterminat liema hu l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina l-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali ddepożitata f'wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida (riformulazzjoni) COM(2016) 270 finali, 4.5.2016.

[14] Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar (ETIAS) u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 515/2014, (UE) 2016/794 u (UE) 2016/1624. COM(2016) 731 finali, 16.11.2016.

[15] Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar Sistemi ta' Informazzjoni Aktar Intelliġenti u b'Saħħithom għall-Fruntieri u s-Sigurtà. COM(2016) 205 finali, 6.4.2016.

[16] Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS) fil-qasam tal-kontrolli fil-fruntieri, li jemenda r-Regolament (UE) 515/2014 u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1987/2006. COM(2016) 882 finali, 21.12.2016; Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS) fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija u tal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali, li jemenda r-Regolament (UE) 515/2014 u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1986/2006, id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/533/ĠAI u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2016/261/UE. COM(2016) 883 finali, 21.12.2016.

[17] Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment tal-'Eurodac' għat-tqabbil ta' marki tas-swaba' għall-applikazzjoni effettiva tar-{Regolament (UE) Nru 604/2013 li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi sabiex jiġi ddeterminat liema huma l-Istati Membri responsabbli biex jeżaminaw applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali ddepożitata f'wieħed mill-Istati Membri

Barra minn hekk, hemm diverġenzi bejn ir-Regolament tat-twaqqif u l-Approċċ Komuni marbuta mad-Dikjarazzjoni Konġunta tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill tal-UE u tal-Kummissjoni Ewropea dwar l-aġenziji deċentralizzati tad-19 ta' Lulju 2012 (minn hawn 'il quddiem 'l-Approċċ Komuni') u mar-Regolament Finanzjarju l-ġdid u r-Regolament Finanzjarju qafas. Ikun xieraq li dawn jiġu indirizzati fir-reviżjoni leġiżlattiva. Eżempju ta' dawn huwa l-estensjoni possibbli tal-mandat tad-Direttur Eżekuttiv għal mhux aktar minn ħames snin minflok il-massimu ta' tliet snin li huwa previst bħalissa. It-tieni eżempju huwa l-ħtieġa għal evalwazzjonijiet tal-Aġenzija kull ħames snin minflok kull erba' snin, kif inhu previst bħalissa.

Ikuun xieraq li r-Regolament jistipula wkoll li l-eu-LISA tista' tipprovdi pariri lill-Istati Membri dwar il-konnessjoni tas-sistemi nazzjonali mas-sistemi ċentrali u appoġġ/assistenza ad hoc lill-Istati Membri (bħall-appoġġ ipprovdut fil-hotspot Griega fil-bidu tal-2016 matul il-kriżi tar-refuġjati).

Ikun xieraq li jippermetti wkoll lill-eu-LISA tipprovdi assistenza/appoġġ lis-servizzi tal-Kummissjoni rilevanti dwar kwistjonijiet tekniċi relatati mas-sistemi eżistenti jew dawk ġodda, meta jintalab dan.

- L-indirizzar tar-Rakkomandazzjonijiet għall-emendi proposti mill-Bord tat-Tmexxija tal-Aġenzija

Il-Bord tat-Tmexxija tal-Aġenzija ġie kkonsultat fil-25 ta' Novembru 2016 fuq ir-rakkomandazzjonijiet għal emendi tar-Regolament li jistabbilixxi l-Aġenzija u adotta l-opinjoni tiegħu fis-27 ta' Frar 2017. Il-Bord laqa' r-rakkomandazzjonijiet għal emendi u l-intenzjoni tal-Kummissjoni li testendi r-responsabbiltajiet tal-eu-LISA u li tressaq aktar rakkomandazzjonijiet għal emendi. Minn fost dawn ir-rakkomandazzjonijiet addizzjonali għal emendi, il-Kummissjoni assumiet l-estensjoni tal-mandat dwar ir-riċerka, kif ukoll l-estensjoni tal-mandat tal-President tal-Gruppi Konsultattivi. Il-Bord tat-Tmexxija ppropona li jkun xieraq li l-Aġenzija tkun tista' tistabbilixxi siti tekniċi addizzjonali wara l-approvazzjoni tal-Bord minbarra dawk eżistenti fi Strasburgu u f'Sankt Johann im Pongau (l-Awstrija). Il-Kummissjoni ma tistax taċċetta din ir-rakkomandazzjoni, minħabba li mhijiex appoġġjata minn kwalunkwe evidenza rilevanti ta' ħtieġa, valur miżjud jew titjib fl-effiċjenza. Huwa nnotat li l-postijiet tas-sistemi ċentrali u ta' riżerva għas-SIS II u l-VIS fi Strasburgu (Franza) u f'Sankt Johann im Pongau (l-Awstrija) kienu diġà ġew stabbiliti mill-koleġiżlaturi fl-istrumenti leġiżlattivi dwar is-SIS II (adottati fl-2006 u fl-2007, rispettivament) u l-VIS (adottat fl-2008). Matul in-negozjati tal-proposta għar-Regolament li jistabbilixxi l-Aġenzija, ġie deċiż mill-koleġiżlaturi, abbażi ta' offerta konġunta ppreżentata mill-Estonja u minn Franza biex jospitaw l-Aġenzija, li s-sede tal-Aġenzija se tkun f'Tallinn, filwaqt li s-siti tekniċi u ta' riżerva se jibqgħu fi Strasburgu u f'Sankt Johann im Pongau. Barra minn hekk, ma ġiet ipprovduta ebda valutazzjoni mill-Aġenzija li tiġġustifika l-ħtieġa għal sit addizzjonali. Madankollu, sabiex tiġi żgurata aktar flessibilità, din il-proposta tipprevedi l-possibbiltà għall-Aġenzija li tuża s-sit ta' riżerva ta' Sankt Johann im Pongau sabiex tħaddem is-sistemi ta' riżerva simultanjament f'modalità attiva. Dan għandu jippermetti l-ipproċessar tat-tranżazzjonijiet kummerċjali mhux biss f'każ ta' ħsara fis-sistemi, iżda anki waqt it-tħaddim normali.

- L-indirizzar tal-bidliet meħtieġa sabiex l-eu-LISA tiġi fdata bil-kompiti msemmija fir-rapport finali tal-Grupp ta' Esperti ta' Livell Għoli dwar is-

minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida}, għall-identifikazzjoni ta' ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida b'residenza illegali u dwar talbiet għat-tqabbil ma' *data* tal-Eurodac mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri u mill-Europol għall-finijiet ta' infurzar tal-liġi (riformulazzjoni). COM(2016) 272 finali, 4.5.2016.

sistemi ta' informazzjoni u l-interoperabbiltà tal-11 ta' Mejju 2017 u fis-seba' rapport ta' progress tal-Kummissjoni lejn Unjoni tas-Sigurtà effettiva u ġenwina adottat fis-16 ta' Mejju 2017.

Dawn il-bidliet jinkludu:

(a) l-għoti lill-eu-LISA ta' responsabbiltajiet imsaħħa fir-rigward tal-kwalità tad-*data* soġġetta għall-adozzjoni ta' emendi/proposti leġiżlattivi speċifiċi

Il-Grupp ta' Esperti ta' Livell Għoli dwar is-sistemi ta' informazzjoni u l-interoperabbiltà kkunsidra r-rakkomandazzjoni prevista fil-Komunikazzjoni dwar Sistemi ta' Informazzjoni Aktar Intelliġenti u b'Saħħithom għall-Fruntieri u s-Sigurtà biex l-eu-LISA tiżviluppa kapaċità ta' monitoraġġ ċentrali għall-kwalità tad-*data*. Il-Grupp ta' Esperti kien tal-fehma li jkun xieraq li l-kontrolli awtomatizzati tal-kwalità, tal-format u tal-kompletezza imposti jew issuġġeriti mis-sistemi ċentrali jittejbu jew jitlestew. Hija meħtieġa analiżi ulterjuri dwar l-iżvilupp possibbli ta' kontroll awtomatizzat tal-kwalità tad-*data* tad-diversi oqsma tad-*data* fis-SIS, fil-VIS u fl-Eurodac u fi kwalunkwe sistemi ġodda, bħall-EES. L-għan ta' tali mekkaniżmu ta' kontroll tal-kwalità tad-*data* se jkun li s-sistemi ċentrali jidentifikaw b'mod awtomatiku s-sottomissjonijiet tad-*data* apparentement skorretti jew inkonsistenti sabiex l-Istat Membru tal-oriġini jkun jista' jivverifika d-*data* u jwettaq kwalunkwe azzjoni ta' rimedju meħtieġa. Din l-attività tista' tiġi ffaċilitata permezz ta' repożitorju tad-*data* komuni għall-produzzjoni ta' rapporti tal-istatistika u l-kwalità tad-*data* (maħżen virtwali tad-*data*) li jkun fihom *data* anonimizzata estratta mis-sistemi. Is-Seba' rapport ta' progress lejn Unjoni tas-Sigurtà effettiva u ġenwina nnota li l-Kummissjoni se tressaq ir-rakkomandazzjonijiet tal-Grupp ta' Esperti dwar il-kontroll awtomatizzat tal-kwalità, 'maħżen virtwali tad-*data*' li jkun kapaċi janalizza d-*data* anonimizzata estratta mis-sistemi ta' informazzjoni rilevanti għall-finijiet ta' statistika u rapportar, kif ukoll moduli ta' taħriġ dwar il-kwalità tad-*data* għall-persunal responsabbli biex jipprovdi kontribut għas-sistemi fil-livell nazzjonali.

Dan il-kompitu ġdid, kif ukoll il-ħolqien ta' 'maħżen virtwali tad-*data*', jirrikjedu li jiġu previsti dispożizzjonijiet dettaljati speċifiċi dwar il-kwalità tad-*data* fl-istrumenti tas-sistemi jew fi strument leġiżlattiv speċifiku.

(b) l-għoti lill-eu-LISA ta' responsabbiltà għall-iżvilupp ta' azzjonijiet ta' interoperabbiltà soġġett għall-adozzjoni tal-proposti leġiżlattivi rilevanti.

Is-Seba' rapport ta' progress lejn Unjoni tas-Sigurtà effettiva u ġenwina, li ġie adottat fis-16 ta' Mejju 2017, innota li, skont il-Komunikazzjoni ta' April 2016, u kif ikkonfermat mis-sejbiet u mir-rakkomandazzjonijiet tal-Grupp ta' Esperti, il-Kummissjoni tistabbilixxi approċċ ġdid għall-ġestjoni tad-*data* għall-fruntieri u s-sigurtà, meta s-sistemi ta' informazzjoni ċentralizzati kollha tal-UE għas-sigurtà, il-ġestjoni tal-fruntieri u l-migrazzjoni jkunu interoperabbli b'rispett sħiħ għad-drittijiet fundamentali sabiex:

- is-sistemi jkunu jistgħu jiġu mfittxija simultanjament bl-użu ta' portal Ewropew ta' tfittxija, f'konformità sħiħa mal-limitazzjoni tal-iskop u d-drittijiet ta' aċċess, sabiex isir użu aħjar mis-sistemi ta' informazzjoni eżistenti, possibbilment b'aktar regoli ssimplifikati għal aċċess għall-infurzar tal-liġi;
- is-sistemi jużaw servizz tat-tqabbil bijometriku kondiviż wieħed li jippermetti li jsir tiftix bejn sistemi ta' informazzjoni differenti li jkun fihom *data* bijometrika, possibbilment b'indikaturi ta' "hit/no-hit" li jindikaw il-konnessjoni ma' *data* bijometrika li tkun tinstab f'sistema oħra;

- is-sistemi għandhom repożitorju komuni b'*data* ta' identità alfanumerika sabiex jiskopru jekk persuna hijiex irreġistrata taħt aktar minn identità waħda f'bażijiet ta' *data* differenti.

Din il-proposta għandha l-għan li tippermetti lill-eu-LISA twettaq il-kompiti li jirriżultaw mis-Seba' rapport ta' progress lejn Unjoni tas-Sigurtà effettiva u ġenwina adottat fis-16 ta' Mejju 2017[18] kif ukoll l-iżvilupp ta' Portal Ewropew ta' Tfittxija, servizz kondiviż ta' tqabbil bijometriku u Repożitorju Komuni tal-Identità, soġġetta għall-adozzjoni tal-istrument leġiżlattiv rilevanti dwar l-interoperabbiltà.

(c) l-indirizzar tal-ħtieġa possibbli li l-eu-LISA tiżviluppa, tiġġestixxi u/jew tospita soluzzjonijiet tekniċi konġunti għall-implimentazzjoni nazzjonali ta' aspetti tekniċi tal-obbligi li jirriżultaw mil-leġiżlazzjoni tal-UE dwar is-sistemi deċentralizzati fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja għall-Istati Membri interessati.

Kif imfakkar fis-Seba' rapport ta' progress lejn Unjoni tas-Sigurtà effettiva u ġenwina, li ġie adottat fis-16 ta' Mejju 2017, ir-rapport finali tal-Grupp ta' Esperti ta' Livell Għoli dwar is-sistemi tal-IT u l-interoperabbiltà enfasizza wkoll l-importanza tal-implimentazzjoni u l-applikazzjoni b'mod sħiħ tas-sistemi ta' informazzjoni eżistenti. Huwa ħares ukoll lejn il-qafas Prüm deċentralizzat għall-iskambju ta' *data* rigward id-DNA, il-marki tas-swaba' u r-reġistrazzjoni tal-vetturi[19], filwaqt li rrakkomanda li jsir studju tal-fattibbiltà dwar it-tranżizzjoni lejn komponent ċentrali ta' routing u, possibbilment, iż-żieda ta' funzjonalitajiet ġodda. Fir-rigward tal-Informazzjoni Antiċipata dwar il-Passiġġieri (API), il-Grupp ta' Esperti rrakkomanda lill-Kummissjoni twettaq studju tal-fattibbiltà dwar mekkaniżmu ċentralizzat għall-API, inkluża l-ħtieġa għal router ċentrali. L-għan se jkun li l-Istati Membri interessati jkun jista' jkollhom konnettività ta' one-stop shop għal-linji tal-ajru u jipprovdu *data* tal-API kemm għas-sistemi nazzjonali kif ukoll għas-sistemi ċentrali (EES, ETIAS). Fir-rigward tas-sistema deċentralizzata stabbilita mir-Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri tal-UE (id-Direttiva dwar il-PNR)[20], il-Grupp ta' Esperti rrakkomanda studju tal-fattibbiltà dwar komponent ċentrali għal informazzjoni antiċipata dwar il-passiġġieri u *data* fir-reġistru tal-ismijiet tal-passiġġieri bħala għodda teknika maħsuba biex tiffaċilita l-konnettività mat-trasportaturi tal-ajru. L-għan se jkun li l-Istati Membri interessati jkun jista' jkollhom konnettività ta' one-stop shop għal-linji tal-ajru u jipprovdu *data* tal-PNR għas-sistemi

[18] Is-Seba' rapport ta' progress lejn Unjoni tas-Sigurtà effettiva u ġenwina stieden lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jorganizzaw diskussjoni konġunta dwar it-triq 'il quddiem fuq l-interoperabbiltà kif stabbilita fil-komunikazzjoni. Għal dan l-għan, il-Kummissjoni se tippreżenta u tiddiskuti dawn l-ideat mal-Kumitat tal-Parlament Ewropew għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (LIBE) fis-26 ta' Mejju 2017 u mal-Istati Membri waqt il-laqgħa tal-Kunsill Ġustizzja u Affarijiet Interni fid-9 ta' Ġunju 2017. Filwaqt li jibnu fuq dawk id-diskussjonijiet, huwa mistenni li t-tliet istituzzjonijiet jorganizzaw laqgħat tripartitiċi f'livell tekniku fil-ħarifa tal-2017 sabiex ikomplu jiddiskutu t-triq 'il quddiem dwar l-interoperabbiltà kif stabbilit f'din il-Komunikazzjoni, inklużi l-ħtiġijiet operattivi għall-fruntieri u s-sigurtà u kif tista' tiġi żgurata l-proporzjonalità u l-konformità sħiħa mad-drittijiet fundamentali. L-għan huwa li jintlaħaq, kemm jista' jkun malajr u sa mhux aktar tard mill-aħħar tal-2017, fehim komuni dwar it-triq 'il quddiem u dwar il-passi meħtieġa li jridu jittieħdu sabiex tinkiseb interoperabbiltà tas-sistemi ta' informazzjoni sal-2020. Abbażi ta' tali fehim komuni, fil-bidu tar-rebbiegħa tal-2018, il-Kummissjoni se tippreżenta proposta leġiżlattiva dwar l-interoperabbiltà. B'mod parallel mad-diskussjonijiet konġunti bejn it-tliet istituzzjonijiet, u mingħajr ma jiġi antiċipat l-eżitu tagħhom, il-Kummissjoni u l-eu-LISA se jkollhom bżonn iwettqu analiżi teknika ulterjuri dwar is-soluzzjonijiet proposti għall-interoperabbiltà matul l-2017, permezz ta' serje ta' studji tekniċi u provi tal-kunċett. Il-Kummissjoni se taġġorna regolarment lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-progress li jkun sar f'din l-analiżi teknika. Filwaqt li tieħu vantaġġ mill-iskambji mal-Parlament Ewropew u mal-Kunsill, il-Kummissjoni qed taħdem b'mod intensiv sabiex tippreżenta, mill-aktar fis possibbli, proposta leġiżlattiva dwar l-interoperabbiltà.

[19] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/615/ĠAI (23.6.2008).

[20] Id-Direttiva (UE) 2016/681 (27.4.2016).

nazzjonali tal-Istati Membri li implimentaw id-Direttiva dwar il-PNR. Il-Grupp ta' Esperti kien tal-fehma li dan isaħħaħ l-effettività tal-Unitajiet tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri ladarba l-Istati Membri jkunu implimentaw id-Direttiva tal-UE dwar il-PNR.

Għalhekk, din il-proposta tipprevedi l-possibbiltà li l-Aġenzija tista' tiġi inkarigata wkoll minn grupp ta' Stati Membri sabiex tiżviluppa, tiġġestixxi u/jew tospita sistema tal-IT komuni sabiex huma jkunu jistgħu jimplimentaw b'mod konġunt l-aspetti tekniċi tal-obbligi li jirriżultaw mil-leġiżlazzjoni tal-UE dwar is-sistemi deċentralizzati fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja soġġetti għal approvazzjoni minn qabel mill-Kummissjoni u wara deċiżjoni tal-Bord tat-Tmexxija. Dan jista' jsir permezz ta' ftehim ta' delega bejn l-Istati Membri kkonċernati u l-Aġenzija li jafda lil din tal-aħħar bil-kompiti msemmija hawn fuq u bil-baġit korrispondenti. F'każ bħal dan, l-Aġenzija għandha titlob lill-Istati Membri kontribut li jkopri l-ispejjeż rilevanti kollha.

Kif kien indikat fis-Seba' rapport ta' progress lejn Unjoni tas-Sigurtà effettiva u ġenwina, il-Kummissjoni appoġġjat il-ħidma mwettqa f'dan l-istadju minn grupp ta' Stati Membri sabiex iżommu l-e-CODEX, sistema għal kooperazzjoni transfruntiera ġudizzjarja u aċċess diġitali għall-proċeduri legali. Il-Kummissjoni ħadet nota li dawn l-Istati Membri jqisu li din mhijiex soluzzjoni sostenibbli. Fil-livell tal-grupp ta' ħidma tal-Kunsill, l-Istati Membri eżaminaw għażliet differenti u kkonkludew li l-aħjar post sabiex jiġu żgurati l-manutenzjoni u l-operabbiltà tas-sistema e-CODEX ikun l-eu-LISA. Bil-għan li tesplora l-aħjar soluzzjoni, il-Kummissjoni nediet valutazzjoni tal-impatt ta' diversi għażliet għall-manutenzjoni tal-e-CODEX. Ir-riżultat ta' din il-valutazzjoni tal-impatt se jkun disponibbli sal-ħarifa tal-2017.

- Indirizzar tal-bidliet meħtieġa mill-adozzjoni tal-proposta tal-ECRIS-TCN

Fl-aħħar nett, il-proposta tirrifletti wkoll il-bidliet meħtieġa mill-adozzjoni tal-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi sistema ċentralizzata għall-identifikazzjoni tal-Istati Membri li għandhom informazzjoni dwar il-kundanna ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi (TCN) u persuni apolidi sabiex jissupplimentaw u jappoġġjaw is-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali (sistema ECRIS-TCN)[21] (minn hawn 'il quddiem is-sistema ECRIS-TCN).

Kif inhu l-każ għall-proposti l-oħrajn li jafdaw sistemi ġodda lill-Aġenzija, il-proposta tal-ECRIS-TCN se tesiġi li jsiru bidliet fir-Regolament tal-eu-LISA. Jeħtieġ li dawn il-bidliet ikunu riflessi kemm fil-proposta tal-ECRIS-TCN kif ukoll fil-proposta tal-Aġenzija. Jekk il-proposta tal-ECRIS-TCN tiġi adottata qabel il-proposta tal-Aġenzija, japplikaw il-bidliet proposti f'dak it-test għall-eu-LISA attwali. Ladarba tiġi adottata l-proposta tal-Aġenzija, dawk il-bidliet jiġu sostitwiti minn dawk li jinsabu fil-proposta tal-Aġenzija. Skont il-ħeffa li biha jiġu adottati ż-żewġ proposti, huma jiġu adattati matul in-negozjati sabiex tiġi żgurata l-konsistenza bejn iż-żewġ testi f'dak li għandu x'jaqsam mal-kompiti tal-eu-LISA.

***

Il-kompiti/is-sistemi ġodda previsti għall-eu-LISA se jsaħħu l-valur miżjud ikkonfermat ta' din l-Aġenzija li ġabet flimkien tliet sistemi tal-IT fuq skala kbira taħt saqaf wieħed. Dan iffaċilita l-ġbir tal-kompetenzi, l-użu ta' sinerġiji u ppermetta qafas aktar flessibbli minn dak li kien possibbli qabel il-ħolqien tal-Aġenzija meta s-sistemi kienu żviluppati u ġestiti mill-Kummissjoni b'ċerti kompiti fdati lil korpi fis-settur pubbliku f'żewġ Stati Membri. Il-

[21] Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi mekkaniżmu ċentralizzat għall-identifikazzjoni tal-Istati Membri li għandhom informazzjoni dwar il-kundanna ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi (TCN) u persuni apolidi sabiex jissupplimentaw u jappoġġjaw is-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali (ECRIS) u li jemenda r-Regolament (UE) 1077/2011 (is-sistema ECRIS-TCN). COM(2017) 344, 29.6.2017.

kompiti l-ġodda se jirrispondu wkoll għall-ħtieġa għal appoġġ mill-Aġenzija sabiex tassisti lill-Istati Membri fejn meħtieġ.

Billi l-inizjattiva se jkollha impatt dirett fuq l-Aġenzija, il-persunal tagħha, inkluż id-Direttur Eżekuttiv, l-Istati Membri rrappreżentati fil-Bord tat-Tmexxija u l-Gruppi Konsultattivi, kif ukoll fuq is-servizzi tal-Kummissjoni li jinteraġixxu mal-Aġenzija, minnha se jibbenifikaw - b'mod aktar wiesa' - l-Istati Membri u l-Aġenziji li huma l-utenti finali tas-sistemi, minħabba li l-Aġenzija se jkollha rwol imsaħħaħ fir-rigward tal-iżviluppi futuri fuq is-sistemi tal-IT fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja u se tipprovdi appoġġ lill-Istati Membri, fejn ikun meħtieġ.

- **Il-konsistenza mad-dispożizzjonijiet ta' politika eżistenti fil-qasam ta' politika**

Din il-proposta tibni fuq ir-Regolament tal-eu-LISA eżistenti, li sussegwentement kien emendat fl-2015 mir-Regolament (UE) 603/2013[22] sabiex jittieħdu f'kunsiderazzjoni l-bidliet introdotti mir-Regolament Eurodac riformulat, inkluż l-aċċess għall-Eurodac għall-finijiet ta' infurzar tal-liġi. Din il-proposta testendi l-mandat tal-Aġenzija sabiex tkun tista' tieħu f'idejha kompiti ġodda. L-Aġendi Ewropej dwar is-Sigurtà[23] u dwar il-Migrazzjoni[24] jiffissaw id-direzzjoni għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-politika tal-UE sabiex jiġu indirizzati l-isfidi paralleli tal-ġestjoni tal-migrazzjoni u l-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità organizzata. L-Aġenda Ewropea dwar il-Migrazzjoni enfasizzat l-importanza tal-użu sħiħ tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira tas-SIS, tal-VIS u tal-Eurodac, li jistgħu jrendu benefiċċji għall-ġestjoni tal-fruntieri, kif ukoll itejbu l-kapaċità tal-Ewropa li tnaqqas il-migrazzjoni irregolari u tirritorna l-migranti irregolari. Hija nnotat ukoll li se tibda fażi ġdida bl-adozzjoni tal-proposta li tistabbilixxi Sistema ta' Dħul/Ħruġ (EES) li ssaħħaħ il-ġlieda kontra l-migrazzjoni irregolari permezz tal-ħolqien ta' rekord ta' movimenti transfruntieri ta' ċittadini ta' pajjiż terzi. L-Aġenda Ewropea dwar is-Sigurtà fakkret li l-aġenziji tal-UE għandhom irwol kruċjali fl-appoġġ għall-kooperazzjoni operattiva. Hija ħeġġet lill-Istati Membri jagħmlu użu sħiħ mill-appoġġ tal-aġenziji sabiex jindirizzaw il-kriminalità permezz ta' azzjoni konġunta u nnotat li jkun xieraq li tingħata promozzjoni lill-kooperazzjoni akbar bejn l-aġenziji, fi ħdan il-mandati rispettivi tagħhom.

B'dan l-abbozz ta' Regolament, il-Kummissjoni tikkontribwixxi biex tagħmel il-ġestjoni tal-fruntieri aktar effettiva u sigura u biex issaħħaħ is-sigurtà u tiġġieled u tipprevjeni l-kriminalità billi ssaħħaħ ir-rwol u r-responsabbiltajiet tal-eu-LISA fir-rigward tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira eżistenti u ġodda dwar il-kooperazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja u fir-rigward tal-appoġġ lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni.

Hija tirrifletti wkoll u hija konsistenti b'mod sħiħ mal-emendi proposti għall-istrumenti leġiżlattivi li jirregolaw l-iżvilupp, l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-sistemi li bħalissa huma ġestiti mill-eu-LISA, kif ukoll mal-proposti li jafdawha bis-sistemi futuri.

[22] Ir-Regolament (UE) Nru 603/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment tal-"Eurodac" għat-tqabbil ta' marki tas-swaba' għall-applikazzjoni effettiva tar-{Regolament (UE) Nru 604/2013 li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali ddepożitata f'wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida} u dwar talbiet għat-tqabbil ma' *data* tal-Eurodac mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri u mill-Europol għall-finijiet ta' infurzar tal-liġi, u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1077/2011 li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għat-tmexxija operattiva tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja (riformulazzjoni). ĠU L 180, 9.6.2013.

[23] COM(2015) 185 finali, 28.4.2015.

[24] COM(2015) 240 finali, 13.5.2015.

- **Il-konsistenza ma’ politiki oħrajn tal-Unjoni**

Din il-proposta hija marbuta mill-qrib u tikkomplementa politiki oħrajn tal-Unjoni, jiġifieri:

(a) Is-Sigurtà Interna. Kif kien enfasizzat fl-Aġenda Ewropea dwar is-Sigurtà, standards komuni għoljin ta’ ġestjoni tal-fruntieri huma essenzjali sabiex jiġu evitati t-terroriżmu u l-kriminalità transkonfinali. Din il-proposta tikkontribwixxi aktar sabiex jinkiseb livell għoli ta’ sigurtà interna billi tagħti ċ-ċans lill-eu-LISA tieħu f’idejha l-iżvilupp u t-tmexxija operattiva ta’ sistemi ġodda possibbli (EES, ETIAS u s-sistema ECRIS-TCN) u l-kompiti relatati li effettivament jikkontribwixxu għal dak l-għan.

(b) Is-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil, safejn l-Aġenzija topera l-Eurodac u DubliNet u tiġi fdata bl-iżvilupp u t-tmexxija operattiva tas-sistema awtomatizzata għar-reġistrazzjoni, il-monitoraġġ u s-sistema ta’ allokazzjoni tal-applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali (proposta ta’ riformulazzjoni ta’ Dublin), kif ukoll f’termini tal-kooperazzjoni bejn l-Aġenzija u l-[Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil].

(c) Is-sigurtà u l-ġestjoni tal-fruntieri esterni, safejn l-Aġenzija tħaddem is-sistemi SIS u VIS, li jikkontribwixxu għall-kontroll effiċjenti tal-fruntieri esterni tal-Unjoni, u tiġi fdata bl-EES u bl-ETIAS.

(d) Il-protezzjoni tad-*data*, safejn din il-proposta tiżgura l-protezzjoni mill-Aġenzija tas-sigurtà tad-*data* fis-sistemi ċentrali u l-infrastruttura tal-komunikazzjoni.

2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- Bażi ġuridika

Din il-proposta leġiżlattiva hija bbażata fuq l-Artikolu 74, l-Artikolu 77(2)a) u b), l-Artikolu 78(2)e), l-Artikolu 79(2)ċ), l-Artikolu 82(1)d), l-Artikolu 85(1), l-Artikolu 87(2)a) u l-Artikolu 88(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea li jipprovdu l-bażi ġuridika sabiex jiġu emendati r-Regolament li jistabbilixxi l-eu-LISA u l-istrumenti legali tas-sistemi.

L-Artikolu 74 tat-TFUE jipprevedi l-adozzjoni ta’ miżuri xierqa biex jinkoraġġixxu u jsaħħu l-kooperazzjoni amministrattiva bejn id-dipartimenti rilevanti tal-amministrazzjonijiet tal-Istati Membri. Dan jikkostitwixxi bażi ġuridika xierqa billi l-Aġenzija se tiffaċilita l-komunikazzjoni u l-kooperazzjoni bejn id-dipartimenti rilevanti tal-amministrazzjonijiet tal-Istati Membri fl-oqsma msemmija hawn fuq.

Il-kompiti ta’ tmexxija operattiva fdati lill-Aġenzija għandhom jappoġġjaw l-aspetti ta’ politika sottostanti għall-istrumenti leġiżlattivi SIS u VIS. F’konformità mal-Artikoli 77(2)(b) u 79(2)(ċ) tat-TFUE, li jipprovdu bażi ġuridika xierqa għall-kompiti tal-Aġenzija relatati mas-SIS II, l-Aġenzija għandha teknikament tkopri l-kwistjonijiet relatati mal-verifiki fuq persuni fil-fruntieri esterni, kif ukoll il-miżuri fil-qasam tal-immigrazzjoni illegali u r-residenza illegali, rispettivament. Fir-rigward tal-kwistjonijiet li jirrigwardjaw il-VIS, l-attivitajiet tal-Aġenzija għandhom teknikament jappoġġjaw il-proċeduri sabiex jinħarġu viżi mill-Istati Membri; għalhekk, hija bbażata fuq l-Artikolu 77(2)(a) tat-TFUE.

Fir-rigward ta’ kwistjonijiet li jirrigwardjaw l-EURODAC, il-kompiti tat-tmexxija operattiva fdati lill-Aġenzija teknikament għandhom jappoġġjaw id-determinazzjoni ta’ liema Stat Membru huwa responsabbli biex jikkunsidra applikazzjoni għall-ażil sottomessa minn ċittadin ta’ pajjiż terz f’wieħed mill-Istati Membri (78(2)(e) tat-TFUE), l-identifikazzjoni ta’ ċittadini ta’ pajjiżi terzi jew persuni apolidi b’residenza illegali (l-Artikolu 79(2)(ċ) tat-TFUE), il-ġbir,

il-ħażna, l-ipproċessar, l-analiżi u l-iskambju ta' informazzjoni rilevanti għall-finijiet ta' infurzar tal-liġi (l-Artikolu 87(2)(a) tat-TFUE) u l-qasam ta' azzjoni u l-kompiti tal-Europol għall-finijiet ta' infurzar tal-liġi (l-Artikolu 88(2)(a) tat-TFUE).

l-Artikolu 82(1)(d) tat-TFUE jipprevedi l-adozzjoni tal-miżuri maħsuba biex jiffaċilitaw il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet ġudizzjarji jew ekwivalenti tal-Istati Membri fir-rigward tal-proċedimenti f'materji kriminali u l-infurzar tad-deċiżjonijiet. Barra minn hekk, l-Artikolu 87(2)(a) tat-TFUE jistabbilixxi li bil-għan tat-twaqqif ta' kooperazzjoni tal-pulizija li tinvolvi lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri, għandhom jiġu adottati miżuri li jikkonċernaw il-ġbir, il-ħażna, l-ipproċessar, l-analiżi u l-iskambju ta' informazzjoni rilevanti. Dawn id-dispożizzjonijiet jikkostitwixxu bażi ġuridika xierqa sabiex l-Aġenzija tingħata kompiti f'dan il-qasam.

Il-miżuri msemmija fl-Artikoli 77(2)(a) u (b), 78(2)(e), 79(2)(ċ), 82(1)(d) u 87(2)(a) tat-TFUE, għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura leġiżlattiva ordinarja. Għalhekk, il-proċedura leġiżlattiva ordinarja tapplika għall-adozzjoni tar-Regolament kollu kemm hu.

- Ġeometrija varjabbli

Billi l-bażi ġuridika għal din il-proposta għal Regolament tinsab fit-Titolu V tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, hija affettwata mill-ġeometrija varjabbli li toħroġ mill-Protokolli dwar il-pożizzjonijiet tar-Renju Unit, tal-Irlanda u tad-Danimarka. Din il-proposta għal Regolament tibni fuq l-*acquis* ta' Schengen u d-dispożizzjonijiet tal-miżuri relatati mal-Eurodac. Għalhekk, għandhom jiġu kkunsidrati l-konsegewenzi li ġejjin fir-rigward tad-diversi protokolli u ftehimiet ta' assoċjazzjoni.

Id-Danimarka:

Skont il-Protokoll 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, li huwa mehmuż mat-TUE u mat-TFUE, id-Danimarka ma tiħux sehem fl-adozzjoni mill-Kunsill tal-miżuri skont it-Titolu V tat-TFUE, bl-eċċezzjoni tal-"miżuri li jiddeterminaw il-pajjiżi terzi li ċ-ċittadini tagħhom iridu jkunu fil-pussess ta' viża meta jaqsmu l-fruntieri esterni tal-Istati Membri, jew il-miżuri li jirrigwardjaw format uniformi għall-viżi". Minħabba li dan ir-Regolament, f'dak li jirrigwardja s-SIS u l-VIS, [l-EES] u [l-ETIAS], jibni fuq l-acquis ta' Schengen, id-Danimarka għandha, b'konformità mal-Artikolu 4 ta' dak il-Protokoll, tiddeċiedi fi żmien perjodu ta' sitt xhur mid-data tal-adozzjoni ta' dan ir-Regolament jekk timplimentahx fil-liġi nazzjonali tagħha. B'konformità mal-Artikolu 5 simili tal-Protokoll predeċessur dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, din tal-aħħar iddeċidiet li timplimenta r-Regolament (KE) Nru 1987/2006 u r-Regolament (KE) Nru 767/2008 fil-liġi nazzjonali.

Safejn din il-proposta tikkonċerna l-Eurodac [u s-sistema awtomatizzata għar-reġistrazzjoni, il-monitoraġġ u l-mekkaniżmu ta' allokazzjoni għall-applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali msemmija fl-Artikolu 44 tar-Regolament (UE) XX/20XX li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi sabiex jiġi ddeterminat liema hu l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali ddepożitata f'wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida (riformulazzjoni)]. Madankollu, b'konformità mal-Artikolu 3 tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Renju tad-Danimarka dwar il-kriterji u l-mekkaniżmi sabiex jiġi stabbilit l-Istat responsabbli biex jeżamina talba għall-ażil iddepożitata fid-Danimarka jew fi kwalunkwe Stat Membru ieħor tal-Unjoni Ewropea u l-'Eurodac' għat-tqabbil ta' marki tas-swaba' għall-applikazzjoni effettiva tal-Konvenzjoni ta' Dublin[25], id-Danimarka trid tinnotifika lill-Kummissjoni jekk hijiex se timplimenta l-kontenut ta' dan ir-Regolament, safejn ikun jirrigwardja l-Eurodac [u s-sistema awtomatizzata għar-reġistrazzjoni, il-monitoraġġ u l-mekkaniżmu ta' allokazzjoni għall-

[25] ĠU L 66, 8.3.2006, p. 38.

applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali msemmija fl-Artikolu 44 tar-Regolament (UE) XX/20XX li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi sabiex jiġi ddeterminat liema hu l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali ddepożitata f'wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida (riformulazzjoni)]. Id-Danimarka tapplika r-Regolament Eurodac attwali (UE) 603/2013 wara notifika skont dan il-ftehim.

[Safejn ikun jirrigwardja s-sistema ECRIS-TCN, b'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, mehmuż mat-TUE u mat-TFUE, id-Danimarka ma tiħux sehem fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u la hija marbuta bih u lanqas ma hija soġġetta għall-applikazzjoni tiegħu.]

Ir-Renju Unit u l-Irlanda:

Safejn id-dispożizzjonijiet tiegħu jkunu jirrigwardjaw is-SIS II, kif irregolata mir-Regolament (KE) Nru 1987/2006, u l-VIS, u [l-EES] u [l-ETIAS], din il-proposta tibni fuq id-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen, li r-Renju Unit u l-Irlanda ma jiħdux sehem fih, b'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/365/KE tad-29 ta' Mejju 2000 dwar it-talba tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u tal-Irlanda ta' Fuq sabiex jieħdu sehem fi wħud mid-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen u mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE tat-28 ta' Frar 2002 rigward it-talba tal-Irlanda sabiex tiehu sehem fi wħud mid-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen. Għalhekk, sakemm id-dispożizzjonijiet tiegħu jkunu jirrigwardjaw is-SIS II, kif irregolata mir-Regolament (KE) Nru 1987/2006, u l-VIS, u [l-EES] u [l-ETIAS], ir-Renju Unit u l-Irlanda la huma marbuta b'dan ir-Regolament propost u lanqas huma soġġetti għall-applikazzjoni tiegħu. Ir-Renju Unit u l-Irlanda jistgħu jitolbu li jiġu awtorizzati sabiex jieħdu sehem fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament b'konformità mal-Artikolu 4 tal-Protokoll (Nru 19) dwar l-acquis ta' Schengen integrat fil-qafas tal-Unjoni Ewropea.

Safejn id-dispożizzjonijiet tiegħu jkunu jirrigwardjaw is-SIS II kif irregolata mid-Deċiżjoni 2007/533/ĠAI, ir-Renju Unit u l-Irlanda qegħdin jieħu sehem f'dan ir-Regolament b'konformità mal-Artikolu 5(1) tal-Protokoll (Nru 19) dwar l-acquis ta' Schengen integrat fil-qafas tal-Unjoni Ewropea, mehmuż mat-TUE u mat-TFUE (Protokoll dwar l-acquis ta' Schengen), mal-Artikolu 8(2) tad-Deċizjoni tal-Kunsill 2000/365/KE tal-20 ta' Mejju 2000 dwar it-talba tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u tal-Irlanda ta' Fuq sabiex jieħdu sehem fi wħud mid-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen u mal-Artikolu 6(2) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE tat-28 ta' Frar 2002 dwar it-talba tal-Irlanda sabiex tieħu sehem fi wħud mid-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen.

Safejn id-dispożizzjonijiet tiegħu jkunu jirrigwardjaw l-Eurodac [u s-sistema awtomatizzata għar-reġistrazzjoni, il-monitoraġġ u l-mekkaniżmu ta' allokazzjoni għall-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali msemmija fl-Artikolu 44 tar-Regolament (UE) XX/20XX li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi sabiex jiġi ddeterminat liema hu l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali ddepożitata f'wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida (riformulazzjoni)], ir-Renju Unit u l-Irlanda jistgħu jinnotifikaw lill-President tal-Kunsill ix-xewqa tagħhom li jieħdu sehem fl-adozzjoni u l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament b'konformità mal-Artikolu 3 tal-Protokoll (Nru 21) dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u tal-Irlanda fir-rigward tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja mehmuż mat-TUE u mat-TFUE. Ir-Renju Unit u l-Irlanda huma marbutin mir-Regolament (UE) Nru 603/2013 wara li nnotifikaw ix-xewqa tagħhom li jieħdu sehem fl-adozzjoni u l-applikazzjoni ta' dak ir-Regolament ibbażat fuq il-Protokoll (Nru 21) dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u tal-Irlanda fir-rigward tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja.

[Safejn id-dispożizzjonijiet tiegħu jkunu jirrigwardjaw is-sistema ECRIS-TCN, b'konformità mal-Artikoli 1 u 2 u mal-Artikolu 4a(1) tal-Protokoll (Nru 21) dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u tal-Irlanda fir-rigward tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, mehmuż mat-TUE u mat-TFUE, dawk l-Istati Membri mhumiex qegħdin jieħdu sehem fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u mhumiex marbutin bih jew soġġetti għall-applikazzjoni tiegħu. B'konformità mal-Artikolu 3 u mal-Artikolu 4a(1) tal-Protokoll 21, dawk l-Istati Membri jistgħu jinnotifikaw ix-xewqa tagħhom li jieħdu sehem fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament.]

Mid-29 ta' Marzu 2017, meta r-Renju Unit innotifika l-intenzjoni tiegħu li joħroġ mill-Unjoni Ewropea, b'konformità mal-Artikolu 50 tat-Trattat tal-Unjoni Ewropea, it-Trattati mhux se jibqgħu japplikaw għar-Renju Unit mid-data tad-dħul fis-seħħ tal-ftehim dwar l-irtirar jew, jekk dan ma jsirx, wara sentejn min-notifika, sakemm il-Kunsill Ewropew, bi qbil mar-Renju Unit, ma jiddeċidix li jestendi dak il-perjodu. B'konsegwenza ta' dan, u mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe waħda mid-dispożizzjonijiet tal-ftehim dwar l-irtirar, din id-deskrizzjoni msemmija fuq tal-parteċipazzjoni tar-Renju Unit f'din il-proposta tapplika biss sakemm ir-Renju Unit ma jibqax Stat Membru.

In-Norveġja u l-Iżlanda:

Fir-rigward tan-Norveġja u l-Iżlanda, din il-proposta tikkostitwixxi, safejn tirrigwardja s-SIS II u l-VIS, [l-EES] [u l-ETIAS], żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen skont it-tifsira tal-Ftehim konkluż mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Iżlanda u r-Renju tan-Norveġja dwar l-assoċjazzjoni ta' dawk iż-żewġ Stati mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen[26].

B'mod parallel mal-assoċjazzjoni ta' erba' Stati terzi fl-*acquis* ta' Schengen, l-Unjoni kkonkludiet ukoll ftehimiet li jassoċjaw lil dawk il-pajjiżi mal-miżuri relatati ma' Dublin, inkluż l-Eurodac. Il-ftehim li jassoċja lill-Islanda u n-Norveġja ġie konkluż fl-2001[27].

L-Iżvizzera:

Fir-rigward tal-Iżvizzera, safejn id-dispożizzjonijiet tiegħu jirrigwardjaw is-SIS u l-VIS { l-EES} u {l-ETIAS} din il-proposta tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen skont it-tifsira tal-Ftehim konkluż mill-Unjoni Ewropea, mill-Komunità Ewropea u mill-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni ta' din tal-aħħar mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen skont it-tifsira tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen[28] li jaqgħu taħt il-qasam imsemmi fl-Artikolu 1, il-punti A, B u G tad-Deċiżjoni 1999/437/KE li jinqara flimkien mal-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/146/KE[29].

Fir-rigward tal-miżuri relatati ma' Dublin, il-ftehim li jassoċja lill-Isvizzera ġie konkluż fit-28 ta' Frar 2008 u huwa applikabbli mit-12 ta' Diċembru 2008[30].

Il-Liechtenstein:

---

[26] ĠU L 176, 10.7.1999, p. 36.

[27] Il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Iżlanda u r-Renju tan-Norveġja dwar il-kriterji u l-mekkaniżmi sabiex jiġi stabbilit l-Istat responsabbli biex jeżamina talba għall-ażil iddepożitata fi Stat Membru jew fl-Iżlanda jew fin-Norveġja, ĠU L 93, 3.4.2001, p. 40-47.

[28] ĠU L 53, 27.2.2008, p. 52.

[29] ĠU L 53, 27.2.2008, p. 1.

[30] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2008 dwar il-konklużjoni f'isem il-Komunità Ewropea tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kriterji u l-mekkaniżmi sabiex jiġi stabbilit l-Istat responsabbli għall-eżami ta' talba għall-ażil iddepożitata fi Stat Membru jew fl-Iżvizzera, ĠU L 53, 27.2.2008, p. 3.

Fir-rigward tal-Liechtenstein, safejn id-dispożizzjonijiet tiegħu jirrigwardjaw is-SIS u l-VIS { l-EES} u {l-ETIAS} din il-proposta tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen skont it-tifsira tal-Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea, il-Konfederazzjoni Żvizzera u l-Prinċipat tal-Liechtenstein dwar l-adeżjoni tal-Prinċipat tal-Liechtenstein mal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen li jaqa' taħt il-qasam imsemmi fl-Artikolu 1, il-punti A, B u G tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/437/KE li jinqara flimkien mal-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/261/KE[31].

Fir-rigward tal-miżuri relatati mal-EURODAC {u ma' Dublin}, il-ftehim li jassoċja lil-Liechtenstein ġie konkluż fis-7 ta' Marzu 2011[32].

Dispożizzjonijiet komuni għall-pajjiżi assoċjati mal-miżuri relatati mal-EURODAC {u ma' Dublin}:

F'konformità mat-tliet ftehimiet imsemmija hawn fuq, il-pajjiżi assoċjati għandhom jaċċettaw il-miżuri relatati mal-EURODAC {u ma' Dublin} u l-iżviluppi tagħhom mingħajr eċċezzjoni. Huma ma jiħdux sehem fl-adozzjoni ta' kwalunkwe att li jemenda jew jibni fuq il-miżuri relatati mal-EURODAC (għalhekk, inkluża din il-proposta) iżda għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni fi żmien stipulat bid-deċiżjoni tagħhom jekk jaċċettawx jew le l-kontenut ta' dak l-att, ladarba jkun approvat mill-Kunsill u mill-Parlament Ewropew.

Sabiex jinħolqu drittijiet u obbligi bejn id-Danimarka – li, kif ġie spjegat hawn fuq ġiet assoċjata mal-miżuri relatati mal-EURODAC {u ma' Dublin} permezz ta' ftehim internazzjonali – u l-pajjiżi assoċjati msemmija hawn fuq, ġew konklużi żewġ strumenti oħrajn bejn il-Komunità ta' qabel (issa l-Unjoni) u l-pajjiżi assoċjati[33].

- **Sussidjarjetà**

Il-proposta tirrispetta l-prinċipju tas-sussidjarjetà, billi l-għan tal-azzjoni proposta huwa li tikkonferma l-għoti tat-tmexxija operattiva tas-SIS Ċentrali, tal-VIS Ċentrali u tal-Interfaċċji Nazzjonali, tal-Eurodac Ċentrali, tal-infrastrutturi ta' komunikazzjkoni tagħhom, kif ukoll ta' sistemi oħrajn u li tafda kompiti addizzjonali ġodda lill-eu-LISA. Dawn il-kompiti ma jistgħux jinkisbu mill-Istati Membri individwalment u jistgħu jitwettqu aħjar permezz ta' azzjoni fil-livell tal-Unjoni b'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.

- **Proporzjonalità**

L-abbozz ta' Regolament huwa maħsub biex jirrispondi kemm għar-rakkomandazzjonijiet tal-evalwazzjoni kif ukoll għall-iżviluppi li jitnisslu mill-isfidi u r-realtajiet ġodda li qed tiffaċċja l-Unjoni fir-rigward tal-ġestjoni tal-migrazzjoni u s-sigurtà interna. Għalhekk, huwa jirrifletti l-kompiti ġodda tal-Aġenzija fir-rigward tas-sistemi ġodda proposti fl-ispazju ta' libertà,

---

31 ĠU L 83, 26.3.2008, p. 3.

32 Protokoll bejn il-Komunità Ewropea, il-Konfederazzjoni Żvizzera u l-Prinċipat tal-Liechtenstein dwar l-adeżjoni tal-Prinċipat tal-Liechtenstein mal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kriterji u l-mekkaniżmi sabiex jiġi stabbilit l-Istat responsabbli għall-eżami ta' talba għall-ażil iddepożitata fi Stat Membru jew fl-Iżvizzera, ĠU L 160, 18.6.2011.

33 Il-Protokoll bejn il-Komunità Ewropea, il-Konfederazzjoni Żvizzera u l-Prinċipat tal-Liechtenstein għall-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kriterji u l-mekkaniżmi sabiex jiġi stabbilit liema hu l-Istat responsabbli biex jeżamina talba għall-ażil iddepożitata fi Stat Membru jew fl-Iżvizzera (ĠU L 161, 24.6.2009, p. 6) u l-Protokoll għall-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea, ir-Repubblika tal-Iżlanda u r-Renju tan-Norveġja dwar il-kriterji u l-mekkaniżmi sabiex jiġi stabbilit liema hu l-Istat responsabbli biex jeżamina talba għall-ażil iddepożitata fi Stat Membru jew fl-Iżlanda jew fin-Norveġja (ĠU L 57, 28.2.2006, p. 16).

sigurtà u ġustizzja. Huwa jagħti wkoll kompiti ġodda limitati lill-Aġenzija soġġett, fejn meħtieġ, għall-adozzjoni tal-istrumenti leġiżlattivi rilevanti.

L-Aġenzija, iffinanzjata mill-baġit tal-UE, se tingħata l-kompetenzi biex tmexxi biss il-partijiet ċentrali tas-SIS II, il-partijiet ċentrali tal-VIS u l-interfaċċji nazzjonali, il-parti ċentrali tal-Eurodac, kif ukoll l-infrastrutturi ta' komunikazzjoni rispettivi, mingħajr ma jkollha r-responsabbiltà għad-*data* mdaħħla fis-sistemi. L-Istati Membri huma kompetenti għas-sistemi nazzjonali tagħhom, anki jekk l-Aġenzija issa se tingħata kompiti estiżi għal pariri u appoġġ lill-Istati Membri f'każijiet speċifiċi. Għalhekk, il-kompetenzi tal-Aġenzija huma miżmuma għall-minimu neċessarju sabiex jiġi appoġġjat l-iskambju effettiv, sigur u kontinwu ta' *data* bejn l-Istati Membri. Il-konferma tal-istabbiliment tal-Aġenzija bħala struttura ddedikata għall-ġestjoni ta' sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, kif ukoll l-estensjoni tal-mandat u tal-kompiti tagħha sal-punt propost jitqiesu bħala proporzjonati għall-interessi leġittimi tal-utenti u għas-sigurtà għolja, għad-disponibbiltà għolja u għan-natura kritika għall-missjoni tas-sistemi.

- **L-għażla tal-istrument**

Fid-dawl tal-fatt li l-Aġenzija għat-tmexxija operattiva tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja ġiet stabbilita permezz ta' Regolament, l-istess strument legali huwa addattat ukoll għal din il-proposta.

3. IR-RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET EX POST, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet ex post/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

F'konformità mar-Regolament (UE) 1077/2011, fi żmien tliet snin mill-1 ta' Diċembru 2012, il-Kummissjoni, b'kooperazzjoni mill-qrib mal-Bord tat-Tmexxija, għamlet evalwazzjoni tal-azzjoni tal-Aġenzija. L-evalwazzjoni tal-Kummissjoni kienet ibbażata fuq rapport ta' evalwazzjoni estern imwettaq minn Ernst & Young bejn Marzu 2015 u Marzu 2016 u tkopri l-perjodu minn Diċembru 2012 sa Settembru 2015. Ir-rapport ta' evalwazzjoni estern ġie ppubblikat f'Marzu 2016[34]. Ir-Rapport mill-Kummissjoni dwar il-funzjonament tal-Aġenzija Ewropea għat-tmexxija operattiva tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja (eu-LISA) [35]u fid-dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni li jakkumpanjah dwar l-evalwazzjoni eu-LISA li huma previsti li jiġi adottat fl-istess ħin ma' din il-proposta. Ir-riżultati tal-evalwazzjoni u r-rakkomandazzjonijiet tagħha huma miġbura fil-qosor taħt il-punt 1.

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Il-proposta tal-Kummissjoni hija bbażata fuq l-evalwazzjoni msemmija hawn fuq, li tibni fuq il-konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati rilevanti. Dawn kienu jinkludu l-Istati Membri tal-UE, b'mod partikolari r-rappreżentanti fil-Bord tat-Tmexxija u l-Gruppi Konsultattivi; Pajjiżi Assoċjati maż-Żona Schengen u mal-Eurodac/Dublin; Il-Parlament Ewropew; Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea; Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data*; Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri; Aġenziji tal-UE, b'mod partikolari is-CEPOL, il-Frontex, l-EASO, l-Europol, l-Eurojust, l-FRA; u l-kuntratturi tal-eu-LISA.

---

[34] http://bookshop.europa.eu/is-bin/INTERSHOP.enfinity/WFS/EU-Bookshop-Site/en_GB/-/EUR/ViewPublication-Start?PublicationKey=DR0116464

[35] COM(2017) 346, 29.6.2017.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni kkonsultat mal-Aġenzija dwar ir-rakkomandazzjonijiet għal emendi possibbli fir-Regolament tat-twaqqif, li jistgħu jirriżultaw mill-iżviluppi tekniċi u talbitha twettaq valutazzjoni tal-impatt qosra sabiex tiġġustifika dawn il-bidliet.

Kif previst mir-Regolament, il-Bord tat-Tmexxija tal-Aġenzija ġie kkonsultat dwar ir-rakkomandazzjonijiet mill-Kummissjoni sabiex jiġi emendat ir-Regolament dwar l-Aġenzija. Kif ġie spjegat taħt il-punt 1, il-Kummissjoni assumiet, safejn possibbli, ir-rakkomandazzjonijiet tal-Bord, b'mod partikolari sabiex testendi l-mandat tal-Aġenzija fir-rigward tar-riċerka, sabiex testendi l-mandat tal-Presidenti tal-Gruppi Konsultattivi u sabiex tipprevedi l-possibbiltà li jintuża s-sit ta' Sankt Johann im Pongau għat-tħaddim tas-sistemi simultanjament f'modalità attiva. L-opinjoni tal-Bord tat-Tmexxija dwar ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni hija mehmuża mar-rapport tal-Kummissjoni msemmi akar 'l fuq.

- **Il-ġbir u l-użu tal-kompetenzi**

L-evalwazzjoni esterna indipendenti tal-Aġenzija twettqet minn Ernst & Young, li użat l-esperjenza u l-kompetenzi vasti tagħha sabiex twettaq l-evalwazzjoni tal-Aġenzija u għamlet konsultazzjoni estensiva mal-partijiet ikkonċernati. Hija ħadet f'kunsiderazzjoni wkoll ir-rapporti tal-eu-LISA dwar il-funzjonament tekniku tas-SIS II u tal-VIS, ir-rapporti annwali dwar l-attivitajiet tal-Unità Ċentrali tal-Eurodac u r-rapporti ta' evalwazzjoni ġenerali tal-Kummissjoni dwar il-VIS u s-SIS II.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Il-proposta hija bbażata fil-biċċa l-kbira fuq ir-riżultati u r-rakkomandazzjonijiet tar-rapport ta' evalwazzjoni esterna indipendenti msemmi taħt il-punt 1.

Ma twettqet ebda valutazzjoni tal-impatt, minħabba li l-evalwazzjoni waslet għall-konklużjoni li l-emendi huma essenzjalment tekniċi, fis-sens li huma jew meħtieġa biex itejbu l-funzjonament u l-effettività operattiva tal-Aġenzija jew inkella minħabba żviluppi politiċi u leġiżlattivi oħrajn, jiġifieri l-Aġenzija tiġi fdata b'sistemi jew kompiti ġodda. Minn naħa waħda, dawn l-emendi jestendu l-mandat tal-Aġenzija b'mod limitat u ma jinvolvux impatti sinifikanti. Min-naħa l-oħra, u fir-rigward ta' dawk l-emendi li jirriżultaw mill-iżviluppi politiċi jew leġiżlattivi, il-Kummissjoni ma għandha ebda diskrezzjoni fuq l-għażliet ta' politika, minħabba li l-bidliet rilevanti huma imposti minn dawk l-istess żviluppi.

- **Id-drittijiet fundamentali**

Din il-proposta tirrispetta d-drittijiet fundamentali u tosserva l-prinċipji stabbiliti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Hija twessa' l-kamp ta' applikazzjoni tal-kompiti u tar-responsabbiltajiet tal-Aġenzija, b'mod partikolari billi tafdaha b'sistemi tal-IT ġodda fuq skala kbira fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja. Madankollu, l-impatt tagħha fuq id-drittijiet fundamentali huwa limitat, billi l-Aġenzija wriet li hija tiżgura b'mod effettiv it-tmexxija operattiva tas-SIS, tal-VIS u tal-Eurodac, kif ukoll il-kompiti ġodda fdati lilha, filwaqt li tirrispetta d-drittijiet fundamentali u, b'mod partikolari, l-Artikolu 8 dwar il-protezzjoni tad-*data* personali. Is-sistemi proposti ġodda li se jiġu fdati lill-Aġenzija se jinkludu, b'konformità mal-istrumenti leġiżlattivi rilevanti, salvagwardji xierqa f'termini tal-protezzjoni tad-*data* li se tkun trid tiġi żgurata mill-Aġenzija.

Il-proposta hija b'hekk konformi mal-Artikoli 2 u 6 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Is-sussidju għall-Aġenzija għat-tmexxija operattiva tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja diġà jifforma parti mill-baġit tal-Unjoni. Il-proposta preżenti twessa' l-kamp ta' applikazzjoni tal-kompiti tal-Aġenzija. Filwaqt li kwalunkwe sistema ġdida fdata lilha se tkun soġġetta għal att leġiżlattiv speċifiku bbażat fuq it-Titolu V tat-TFUE, li se jalloka wkoll il-baġit meħtieġ għall-iżvilupp u t-tmexxija operattiva tagħha, kompiti ġodda oħrajn previsti f'din il-proposta jirrikjedu baġit u riżorsi speċifiċi kif deskritti aktar fid-dettall fid-dikjarazzjoni finanzjarja leġiżlattiva mehmuża ma' din il-proposta.

Dan huwa l-każ għall-kompiti li jikkonċernaw l-infrastruttura ta' komunikazzjoni tas-SIS li se jiġu ttrasferiti lill-Aġenzija u għall-kompiti li jirriżultaw mill-Komunikazzjoni dwar Sistemi ta' Informazzjoni Aktar Intelliġenti u b'Saħħithom għall-Fruntieri u s-Sigurtà tas-6 ta' April 2016 u mis-Seba' rapport ta' progress tal-Kummissjoni lejn Unjoni tas-Sigurtà effettiva u ġenwina tas-16 ta' Mejju 2017. Ikun xieraq li l-baġit ikun previst ukoll sabiex ikopri l-kompiti ġodda tal-Aġenzija li tipprovdi pariri u appoġġ ad hoc lill-Istati Membri u li tipprovdi assistenza lis-servizzi tal-Kummissjoni dwar kwistjonijiet tekniċi relatati mas-sistemi eżistenti jew ġodda, fejn meħtieġ.

Ikun xieraq li l-estensjoni tal-kompiti li jikkonċernaw ir-riċerka fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-partijiet tal-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni li jirrigwardjaw is-sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja tkun koperta mill-kontribuzzjoni tal-Unjoni prevista fl-istrument rilevanti ta' delega mill-Kummissjoni lill-Aġenzija.

Ikun xieraq li l-possibbiltà għal grupp ta' Stati Membri li jafdaw lill-eu-LISA sabiex tiżviluppa, tiġġestixxi u/jew tospita soluzzjonijiet ċentralizzati għall-implimentazzjoni ta' aspetti tekniċi tal-obbligi li jirriżultaw mil-liġi tal-UE dwar is-sistemi deċentralizzati tiġi ffinanzjata kompletament mill-kontribuzzjonijiet li jridu jitħallsu mill-Istati Membri rilevanti li jkopru l-ispejjeż rilevanti kollha.

Sabiex l-Aġenzija tindirizza b'mod adegwat il-kompiti ġodda tagħha kif previsti f'din il-proposta, mill-2018 sal-2020 se jkun meħtieġ li jiżdied ammont ta' EUR 78,354 miljun mas-sussidju tal-Aġenzija mill-Unjoni Ewropea u, barra minn hekk, se jkunu meħtieġa 52 pożizzjoni addizzjonali matul l-istess perjodu, inklużi 23 pożizzjoni fil-pjan ta' stabiliment (aġenti temporanji), 2 aġenti kuntrattwali, 2 esperti nazzjonali ssekondati u 25 aġent kuntrattwali wara l-internalizzazzjoni tal-persunal interim. Dan l-ammont ma jinkludix il-baġit meħtieġ għas-sistemi ġodda, li huwa previst taħt taħt il-proposti leġiżlattivi rilevanti, u lanqas dak meħtieġ għall-proposti li jemendaw is-sistemi eżistenti. It-tqassim dettaljat għal kull sena u għal kull sistema huwa pprovdut taħt it-taqsima 3.2.2. tad-dikjarazzjoni finanzjarja leġiżlattiva mehmuża ma' din il-proposta.

5. ELEMENTI OĦRAJN

- Arranġamenti ta' monitoraġġ, ta' evalwazzjoni u ta' rapportar

L-eu-LISA għandha għadd ta' dmirijiet li tirrapporta dwar l-attivitajiet tagħha u li timmonitorja l-ħidma tagħha. Aktar importanti, l-Aġenzija għandha tikkompila rapport annwali tal-attività kkonsolidat dwar l-attivitajiet tal-Aġenzija għas-sena preċedenti, li jqabbel, b'mod partikolari, ir-riżultati miksuba mal-objettivi tal-programm ta' ħidma annwali.

Wieħed mill-kompiti tad-Direttur Eżekuttiv huwa li jistabbilixxi u jimplimenta sistema effettiva li tippermetti l-monitoraġġ u l-evalwazzjonijiet regolari tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira u tal-Aġenzija, inkluża l-kisba effettiva u effiċjenti tal-objettivi tagħha.

L-Aġenzija se jkollha rwol imsaħħaħ għall-produzzjoni ta' statistika relatata mas-sistemi li hija topera. Hija responsabbli wkoll għall-pubblikazzjoni tal-istatistika relatata mas-sistema. Id-dispożizzjonijiet dettaljati f'dan ir-rigward se jkunu previsti fl-istrumenti leġiżlattivi speċifiċi li jirregolaw is-sistemi differenti.

Il-Bord tat-Tmexxija se jadotta kull sentejn ir-rapporti dwar il-funzjonament tekniku ta' SIS u VIS meħtieġa mill-istrumenti leġiżlattivi li jirregolaw dawn is-sistemi, kif ukoll ir-rapport annwali dwar l-attivitajiet tas-Sistema Ċentrali tal-Eurodac. Huwa se jadotta wkoll ir-rapporti ta' żvilupp u r-rapporti dwar il-funzjonament tekniku tas-sistemi l-ġodda fdati lilu.

Il-Kummissjoni għandha twettaq evalwazzjoni tal-ħidma tal-Aġenzija sa mhux aktar tard minn ħames snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament u kull ħames snin minn hemm 'il quddiem. Il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Bord tat-Tmexxija dwar is-sejbiet tal-evalwazzjoni. Id-Direttur Eżekuttiv se jiżgura li jsir segwitu adegwat għas-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet li joħorġu mill-evalwazzjoni.

Barra minn hekk, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jistgħu jistiednu wkoll lid-Direttur Eżekuttiv sabiex jirrapporta lil dawk l-istituzzjonijiet rigward it-twettiq tal-kompiti tiegħu u d-Direttur Eżekuttiv għandu jiġi mistieden ukoll jagħmel dikjarazzjoni quddiem il-Parlament Ewropew u jwieġeb mistoqsijiet mill-membri tal-Kumitat kompetenti qabel il-ħatra u qabel l-estensjoni tal-mandat tiegħu.

Ir-rwol ewlieni tal-Aġenzija għat-tmexxija operattiva tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja huwa u jkun xieraq li jkompli jkun li jiżgura t-tmexxija operattiva tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira eżistenti f'dan il-qasam ta' politika u li tħejji, tiżviluppa u tiġġestixxi sistemi ġodda, jekk dan ikun stabbilit mill-istrumenti leġiżlattivi rilevanti abbażi tal-Artikoli 69 sa 89 tat-TFUE. B'mod partikolari, jeħtieġ li jiġu żviluppati s-sistemi li ġejjin fi żmien qasir mill-Aġenzija: is-sistemi EES u ETIAS soġġetti għall-adozzjoni tal-istrumenti leġiżlattivi rilevanti. Madankollu, l-ewwel evalwazzjoni tal-Aġenzija wriet li jeħtieġ li jiġi estiż il-mandat tal-Aġenzija. Sabiex jittieħdu f'kunsiderazzjoni r-rakkomandazzjonijiet tal-evalwazzjoni kif ukoll ta' żviluppi ulterjuri legali, ta' politika u fattwali, kif miġbura fil-qosor fil-punt 1, din il-proposta tistabbilixxi l-elementi li ġejjin li jsaħħu r-rwol tal-Aġenzija meta mqabbel mal-mandat tagħha skont ir-Regolament (UE) 1077/2011.

- L-estensjoni tal-mandat tal-eu-LISA

Artikolu 1: Din id-dispożizzjoni issa telenka l-kompetenzi tal-Aġenzija. B'mod partikolari, hija tistabbilixxi li l-Aġenzija tista' tinżamm responsabbli għall-kompiti ġodda li ġejjin:

– it-tħejjija, l-iżvilupp u t-tmexxija operattiva tas-Sistema ta' Dħul/Ħruġ (EES)[36], DubliNet[37], is-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-

[36] L-emendi li jikkonċernaw l-EES ġew previsti fil-proposta tal-EES. Huma jistgħu jkunu soġġetti għal emendi fil-proċess tal-finalizzazzjoni tan-negozjati mal-PE u mal-Kunsill.

[37] L-emendi fir-Regolament tal-eu-LISA dwar DubliNet ġew previsti fil-proposta tar-riformulazzjoni tal-Eurodac u huma soġġetti għall-adozzjoni ta' dik il-proposta. L-operazzjoni ta' DubliNet kienet diġà ġiet fdata lill-Aġenzija permezz ta' ftehim dwar il-livell ta' servizz bejn id-Direttorat Ġenerali għall-Affarijiet Interni u l-eu-LISA fil-31.7.2014.

Ivvjaġġar (ETIAS)[38], is-sistema awtomatizzata għar-reġistrazzjoni, il-monitoraġġ u l-mekkaniżmu ta' allokazzjoni għall-applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali[39] u s-sistema *ECRIS-TCN*[40] (soġġetta għall-adozzjoni tal-istrumenti leġiżlattivi relevanti);

– l-iżgurar tal-kwalità tad-*data* b'konformità mal-Artikolu 8;

– l-iżvilupp tal-azzjonijiet meħtieġa li jippermettu l-interoperabbiltà b'konformità mal-Artikolu 9;

– l-għoti ta' appoġġ lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni b'konformità mal-Artikolu 12.

- Kompiti speċifiċi għal sistemi ġodda (dawn il-kompiti huma soġġetti għall-adozzjoni tal-istrumenti leġiżlattivi rilevanti)

L-Artikolu 5a jirreferi għall-kompiti li jirrigwardjaw is-Sistema ta' Dħul/Ħruġ li l-Kummissjoni pproponiet fis-6 ta' April 2016 u li bħalissa qed tiġi nnegozjata mill-koleġiżlaturi.

L-Artikolu 5b jirreferi għall-kompiti li jirrigwardjaw is-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar. Il-proposta tal-ETIAS, li ġiet adottata fis-16 ta' Novembru 2016, hija prevista li tiġi adottata fil-ħarifa tal-2017.

L-Artikolu 5d jirreferi għall-kompiti li jirrigwardjaw is-sistema awtomatizzata għar-reġistrazzjoni, il-monitoraġġ u l-mekkaniżmu tal-allokazzjoni għall-applikazzjonijiet għal protezzjoni internazzjonali (sistema ta' allokazzjoni ta' Dublin). Il-proposta tar-riformulazzjoni ta' Dublin, li ġiet adottata fl-4 ta' Mejju 2016, bħalissa qed tiġi nnegozjata mill-koleġiżlaturi.

L-Artikolu 5e jirreferi għall-kompiti li jirrigwardjaw sistema ċentralizzata għall-identifikazzjoni tal-Istati Membri li għandhom informazzjoni dwar il-kundanna ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi (TCN) u persuni apolidi sabiex jappoġġjaw is-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali (ECRIS) (is-sistema ECRIS-TCN). Il-proposta tas-sistema ECRIS-TCN ġiet adottata fit-29 ta' Ġunju 2017.

- It-trasferiment tal-kompiti tal-Kummissjoni relatati mal-infrastruttura ta' komunikazzjoni tas-SIS u tal-VIS lill-Aġenzija

L-Artikolu 7 huwa adattat sabiex ikun jirrifletti t-trasferiment lill-Aġenzija tal-kompiti tal-Kummissjoni fir-rigward tal-infrastruttura ta' komunikazzjoni bejn is-sistema ċentrali u l-Interfaċċja Nazzjonali Uniformi f'kull Stat Membru li tippermetti l-konnessjoni tas-sistemi ċentrali tas-SIS u tal-VIS mal-infrastrutturi nazzjonali fl-Istati Membri. Dan se jikkjarifika wkoll li t-trasferiment mhux se jsir għal dawk is-sistemi li jużaw l-EuroDomain (bħalissa l-Eurodac biss), li hija infrastruttura tat-telekomunikazzjoni protetta pprovduta minn TESTA-

[38] L-emendi fir-Regolament tal-eu-LISA dwar l-ETIAS ma ġewx previsti fil-proposta tal-ETIAS, iżda setgħu jiddaħħlu matul in-negozjati tat-test. Fi kwalunkwe każ, huma soġġetti għall-adozzjoni ta' dik il-proposta.

[39] L-emendi fir-Regolament tal-eu-LISA ma ddaħħlux fil-proposta tar-riformulazzjoni ta' Dublin u, fi kwalunkwe każ, se jkunu soġġetti għall-adozzjoni ta' dik il-proposta.

[40] L-emendi fir-Regolament tal-eu-LISA ddaħħlu fil-proposti ta' ECRIS-TCN u huma soġġetti għall-adozzjoni ta' dik il-proposta.

ng (Servizzi Trans-Ewropej għat-Telematika bejn l-Amministrazzjonijiet)[41] imħaddma u ffinanzjati mill-Kummissjoni u, għalhekk, ma huwa se jiġi ttrasferit ebda baġit jew kompitu kuntrattwali lill-eu-LISA fil-futur qrib.

- L-Iżgurar tal-Kwalità tad-*Data*

L-Artikolu 8 jagħti lill-Aġenzija l-kompitu li tistabbilixxi mekkaniżmi awtomatizzati għall-kontroll tal-kwalità tad-*data* u indikaturi komuni tal-kwalità tad-*data*, kif ukoll tiżviluppa repożitorju ċentrali għar-rapportar u l-istatistika, soġġetta għal emendi leġiżlattivi speċifiċi fl-istrumenti tas-sistemi eżistenti u/jew għad-dispożizzjonijiet speċifiċi fi strumenti ġodda

- L-iżvilupp tal-azzjonijiet meħtieġa li jippermettu l-interoperabbiltà

L-Artikolu 9 jagħti lill-Aġenzija l-kompitu li tiżviluppa l-azzjonijiet meħtieġa li jippermettu l-interoperabbiltà tas-sistemi, soġġetta, fejn meħtieġ, għall-adozzjoni tal-istrumenti leġiżlattivi rilevanti.

- L-estensjoni tal-kompiti tal-eu-LISA dwar ir-riċerka

L-Artikolu 10 jestendi l-kamp ta' applikazzjoni tal-mandat tal-Aġenzija fir-rigward tar-riċerka. B'mod partikolari, huwa jagħti lill-eu-LISA l-kompitu li timplimenta l-partijiet tal-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni li jirrigwardjaw is-sistemi tal-IT fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja.

- L-estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni ta' proġetti pilota

L-Artikolu 11 jestendi l-kamp ta' applikazzjoni tal-proġetti pilota li jistgħu jiġu fdati lill-eu-LISA. L-Aġenzija tista' tiġi fdata mill-Kummissjoni b'kompiti ta' implimentazzjoni baġitarja għall-provi tal-kunċett iffinanzjati taħt l-istrument għal appoġġ finanzjarju għall-fruntieri esterni u l-viża previst skont ir-Regolament (UE) Nru 515/2014 permezz ta' ftehim ta' delega. L-Aġenzija tista' wkoll tippjana u timplimenta attivitajiet ta' ttestjar fuq kwistjonijiet koperti minn dan ir-Regolament u l-istrumenti leġiżlattivi li jirregolaw l-iżvilupp, l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira ġestiti mill-Aġenzija, wara deċiżjoni tal-Bord tat-Tmexxija.

- L-għoti ta' appoġġ lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni

L-Artikolu 12 jistabbilixxi li l-Aġenzija tista' tintalab tipprovdi pariri lill-Istati Membri fir-rigward tal-konnessjoni tas-sistemi nazzjonali mas-sistemi ċentrali u appoġġ ad hoc lill-Istati Membri. L-Aġenzija tista' tintalab tipprovdi wkoll pariri u/jew appoġġ lill-Kummissjoni dwar kwistjonijiet tekniċi relatati mas-sistemi eżistenti jew ġodda, inkluż permezz ta' studji u ttestjar.

L-Artikolu 12 jistabbilixxi wkoll li l-Aġenzija tista' tkun inkarigata li tiżviluppa, tiġġestixxi u/jew tospita sistema tal-IT komuni minn grupp ta' mill-inqas sitt Stati Membri li jagħżlu, fuq bażi volontarja, soluzzjoni ċentralizzata li tgħinhom fl-implimentazzjoni tal-aspetti tekniċi tal-obbligi li jirriżultaw mil-leġiżlazzjoni tal-UE dwar is-sistemi tal-IT deċentralizzati fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, soġġetta għal approvazzjoni minn qabel mill-Kummissjoni u wara deċiżjoni tal-Bord tat-Tmexxija. F'każ bħal dan, l-Istati Membri jafdaw lill-Aġenzija bil-kompiti msemmija fuq permezz ta' ftehim ta' delega li jinkludi l-kundizzjonijiet għad-delega u li jistabbilixxi l-kalkolu tal-ispejjeż kollha rilevanti u l-metodu tal-fatturazzjoni.

[41] TESTA-ng huwa proġett żviluppat fil-forma ta' servizz ta' netwerk abbażi tal-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni Nru 922/2009/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 dwar soluzzjonijiet ta' interoperabbiltà għall-Amministrazzjonijiet Pubbliċi Ewropej, ĠU L 260, 3.10.2009, p. 20.

- L-estensjoni tal-użu possibbli tas-sit ta' riżerva għat-tħaddim attiv tas-sistemi

L-Artikolu 13 jistipula l-possibbiltà li s-sit ta' riżerva f'Sankt Johann im Pongau jintuża simultanjament għat-tħaddim attiv tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira mħaddma mill-Aġenzija, diment li hija tkun kapaċi wkoll tiżgura t-tħaddim tagħhom f'każ ta' ħsara fis-sistema. Kwalunkwe speċifiċitajiet ulterjuri tal-użu tar-riżerva għal kull sistema għandhom ikunu previsti fl-istrumenti leġiżlattivi tas-sistemi speċifiċi.

- Kompiti miżjuda għall-Bord tat-Tmexxija

L-Artikolu 15 jikkjarifika l-kompiti li jridu jiġu assenjati lill-Bord tat-Tmexxija, sabiex ikunu jirriflettu, fost l-oħrajn, ir-responsabbiltà tiegħu li jagħti l-orjentazzjonijiet ġenerali għall-attivitajiet tal-aġenzija. L-Artikolu 15 jiġi kkompletat sabiex id-dispożizzjonijiet tiegħu jiġu allinjati mal-Approċċ Komuni mehmuż mad-Dikjarazzjoni Konġunta tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u tal-Kummissjoni Ewropea dwar l-aġenziji deċentralizzati tad-19 ta' Lulju 2012. Huwa emendat ukoll sabiex jiddaħħal obbligu ġdid għall-Bord tat-Tmexxija sabiex jadotta rapport interim sal-aħħar ta' Awwissu ta' kull sena dwar il-progress fuq l-implimentazzjoni tal-attivitajiet ippjanati li jkopru l-ewwel sitt xhur ta' dik l-istess sena; sabiex ikun jirrifletti l-iżviluppi relatati mar-Regolament Finanzjarju ġdid[42] u r-Regolament Finanzjarju qafas[43] u sabiex ikun jirrifletti l-kompiti ġodda għall-Bord tat-Tmexxija li jirriżultaw mill-fatt li dan jiġi fdat b'sistemi addizzjonali.

- Emendi fir-rigward tal-Bord tat-Tmexxija

L-Artikolu 18 jestendi l-mandat tal-President tal-Bord tat-Tmexxija minn sentejn għal erba' snin, li jista' jiġġedded darba f'konformità mal-Approċċ Komuni.

L-Artikolu 19 kien ikkompletat billi ġiet prevista l-possibbiltà għal ċerti aġenziji tal-UE li jattendu l-laqgħat tal-Bord tat-Tmexxija meta jkun hemm mistoqsija fuq l-aġenda li tikkonċerna sistema ġdida li huma jkollhom aċċess għaliha bħala utenti finali skont l-istrumenti leġiżlattivi rilevanti ladarba tiġi adottata.

- Emendi fir-rigward tal-kompiti u l-mandat tad-Direttur Eżekuttiv

L-Artikolu 21 jikkjarifika l-kompiti tad-Direttur Eżekuttiv sabiex ikunu jirriflettu r-responsabbiltà tiegħu jew tagħha għall-ġestjoni amministrattiva tal-aġenzija u għall-implimentazzjoni tad-dmirijiet assenjati lill-aġenzija. L-Artikolu 21 huwa kkompletat skont l-Approċċ Komuni u sabiex jitqiesu l-kompiti ġodda li jirriżultaw mill-adozzjoni tal-istrumenti leġiżlattivi li jafdaw sistemi ġodda lill-Aġenzija. L-obbligu għad-Direttur Eżekuttiv li jissottometti lill-Bord tat-Tmexxija l-abbozz għat-termini ta' referenza għall-evalwazzjoni kien imrażżan.

L-Artikolu 22 jistabbilixxi li l-mandat tad-Direttur Eżekuttiv jista' jiġi estiż għal mhux aktar minn ħames snin skont l-Approċċ Komuni, minflok għal massimu ta' tliet snin kif inhu l-każ bħalissa.

- Emendi li jikkonċernaw il-Gruppi Konsultattivi (soġġetti għall-adozzjoni tal-istrumenti leġiżlattivi rilevanti)

---

42 Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002, L 298, 26.10.2012, p. 1.

43 Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1271/2013 tat-30 ta' Settembru 2013 dwar Regolament Finanzjarju ta' qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 208 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ĠU L 328, 7.12.2013, p. 42.

L-Artikolu 23 jipprevedi l-istabbiliment tal-Gruppi Konsultattivi previsti fil-proposti leġiżlattivi rilevanti għall-EES, għall-ETIAS u għas-sistema ECRIS-TCN.

- Rekwiżit għal approvazzjoni minn qabel mill-Kummissjoni tar-regoli tas-sigurtà abbażi tal-istrumenti leġiżlattivi tal-Kummissjoni

L-Artikolu 33 jintroduċi obbligu għar-regoli tas-sigurtà tal-Aġenzija dwar il-protezzjoni ta' informazzjoni kklassifikata u informazzjoni sensittiva mhux ikklassifikata abbażi tar-regoli tal-Kummissjoni li jridu jiġu adottati mill-Bord tat-Tmexxija wara approvazzjoni mill-Kummissjoni.

- Emenda fl-Artikolu dwar l-evalwazzjoni

L-Artikolu 35 huwa emendat sabiex jiġi ċċarat li l-Kummissjoni se tivvaluta l-ħidma tal-Aġenzija u tirrapporta lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Bord tat-Tmexxija dwar is-sejbiet tal-evalwazzjoni. L-evalwazzjoni se ssir kull ħames snin, minflok kull erba' snin kif inhu l-każ bħalissa, sabiex tkun allinjata mal-Approċċ Komuni dwar l-aġenziji deċentralizzati.

- L-inklużjoni ta' dispożizzjoni dwar il-kooperazzjoni mal-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni

L-Artikolu 37 jistabbilixxi r-regoli dwar il-kooperazzjoni mal-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni, b'mod partikolari ma' dawk stabbiliti fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja.

- Allinjament tad-dispożizzjonijiet tal-baġit għar-Regolament delegat (UE) Nru 1271/2013

L-Artikoli 39 sa 42 huma allinjati mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 1271/2013 dwar ir-regolament finanzjarju qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 208 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[44], kif rifless fir-regoli finanzjarji tal-Aġenzija.

- L-inklużjoni ta' dispożizzjoni dwar il-prevenzjoni tal-kunflitti ta' interess

L-Artikolu 43 jesiġi li l-Aġenzija tadotta regoli interni sabiex tevita kunflitti ta' interess.

- Il-Kapitolu VI jikkonċerna l-emendi fi strumenti oħrajn tal-Unjoni

Fl-Artikoli 46 u 47, huma proposti emendi fl-istrumenti legali ta' SIS II sabiex ikunu jirriflettu t-trasferiment tal-kompiti tal-Kummissjoni relatati mal-infrastruttura tal-komunikazzjoni ta' SIS lill-Aġenzija. Din l-emenda mhijiex meħtieġa fir-rigward tar-Regolament tal-VIS, minħabba li l-proposta tal-EES tipprovdi emenda fl-Artikolu 26(2) tar-Regolament tal-VIS fis-sens li l-Awtorità tat-Tmexxija (l-Aġenzija) għandha ssir responsabbli għall-kompiti tal-Kummissjoni fir-rigward tal-infrastruttura ta' komunikazzjoni sitt xhur wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament dwar l-EES. Fir-rigward tal-Eurodac, ma hija meħtieġa ebda bidla, minħabba li l-infrastruttura ta' komunikazzjoni tal-Eurodac hija koperta mill-EuroDomain, imħaddma u ffinanzjata mill-Kummissjoni u, għalhekk, ma huwa se jiġi ttrasferit ebda kompitu kuntrattwali jew baġit lill-eu-LISA fil-futur qrib. Sakemm l-istrument leġiżlattiv jiġi adottat mill-koleġiżlaturi, is-sistema ECRIS-TCN se tuża wkoll l-infrastruttura tal-EuroDomain u, għalhekk, il-Kummissjoni se tkun responsabbli għall-implimentazzjoni tal-baġit, l-akkwiżizzjoni u t-tiġdid u l-kwistjonijiet kuntrattwali tal-infrastruttura tal-komunikazzjoni ta' ECRIS-TCN.

[44] ĠU L 328, 7.12.2013, p. 42.

Wara l-adozzjoni ta' din il-proposta, ikun xieraq li l-Memorandum ta' Qbil bejn il-Kummissjoni Ewropea u l-Aġenzija għat-tmexxija operattiva ta' sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja[45], jiġi emendat permezz ta' ftehim bejn il-Kummissjoni u l-eu-LISA sabiex ikun jirrifletti l-bidliet imsemmija fuq fl-istrumenti leġiżlattivi tas-sistemi fir-rigward tal-infrastruttura ta' komunikazzjoni.

[45] Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-11.6.2014 dwar l-adozzjoni ta' Memorandum ta' Qbil bejn il-Kummissjoni Ewropea u l-Aġenzija Ewropea għat-tmexxija operattiva ta' sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, C(2014) 3486 finali. Il-MtQ daħal fis-seħħ fit-18 ta' Ġunju 2014.

2017/0145 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar l-Aġenzija Ewropea għat-tmexxija operattiva tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, u li jemenda r-Regolament (KE) 1987/2006 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/533/ĠAI u jħassar ir-Regolament (UE) 1077/2011

Il-PARLAMENT EWROPEW u l-KUNSILL,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u, b'mod partikolari, l-Artikolu 74, l-Artikolu 77(2)(a) u (b), l-Artikolu 78(2)(e), l-Artikolu 79(2)(ċ), l-Artikolu 82(1)(d), l-Artikolu 85(1), l-Artikolu 87(2)(a) u l-Artikolu 88(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li ntbagħat l-abbozz tal-att leġiżlattiv lill-parlamenti nazzjonali,

Waqt li jaġixxu f'konformità mal-proċedura leġiżlattiva ordinarja([46]),

Billi:

(1) Is-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS) ġiet stabbilita mir-Regolament (KE) Nru 1987/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [47] u mid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/533/ĠAI[48]. Ir-Regolament (KE) Nru 1987/2006 u d-Deċiżjoni 2007/533/ĠAI jistabbilixxu li l-Kummissjoni għandha tkun responsabbli, matul perjodu tranżitorju, għat-tmexxija operattiva tas-SIS II Ċentrali. Wara dak il-perjodu tranżitorju, għandu jkun hemm Awtorità tat-Tmexxija li tkun responsabbli għat-tmexxija operattiva tas-SIS II Ċentrali u għal ċerti aspetti tal-infrastruttura tal-komunikazzjoni.

(2) Is-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS) ġiet stabbilita mid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/512/KE [49]. Ir-Regolament (KE) Nru 767/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[50] jistabbilixxu li l-Kummissjoni għandha tkun responsabbli, matul perjodu tranżitorju, għat-tmexxija operattiva tal-VIS. Wara dak il-perjodu tranżitorju, għandu jkun hemm Awtorità tat-Tmexxija li tkun responsabbli għat-tmexxija operattiva tal-VIS Ċentrali u tal-interfaċċji nazzjonali u għal ċerti aspetti tal-infrastruttura tal-komunikazzjoni.

---

46 Il-Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tal-5 ta' Lulju 2011 (li għadha ma ġietx ippubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali) u d-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-12 ta' Settembru 2011.

47 Ir-Regolament (KE) Nru 1987/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 dwar l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen tat-tieni ġenerazzjoni (SIS II) (ĠU L 381, 28.12.2006, p. 4).

48 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/533/ĠAI tat-12 ta' Ġunju 2007 dwar l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen tat-tieni ġenerazzjoni (SIS II) (ĠU L 205, 7.8.2007, p. 63).

49 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/512/KE tat-8 ta' Ġunju 2004 li tistabbilixxi s-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS) (ĠU L 213, 15.6.2004, p. 5).

50 Ir-Regolament (KE) Nru 767/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 dwar is-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS) u l-iskambju ta' *data* bejn l-Istati Membri dwar viżi għal perjodu qasir (Regolament VIS) (ĠU L 218, 13.8.2008, p. 60).

(3) L-Eurodac ġie stabbilit mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2725/2000[51]. Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 407/2002[52] stabbilixxa r-regoli ta' implimentazzjoni meħtieġa. Dawn l-istrumenti tħassru u ġew sostitwiti mir-Regolament (UE) Nru 603/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[53] b'effett mill-20 ta' Lulju 2015.

(4) L-Aġenzija Ewropea għat-tmexxija operattiva ta' sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja ġiet stabbilita mir-Regolament (UE) Nru 1077/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[54] sabiex tiżgura t-tmexxija operattiva tas-SIS, tal-VIS u tal-Eurodac u ta' ċerti aspetti tal-infrastrutturi ta' komunikazzjoni tagħhom u, potenzjalment, dik ta' sistemi oħrajn ta' teknoloġija tal-informazzjoni (IT) fuq skala kbira fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, soġġetta għall-adozzjoni ta' strumenti leġiżlattivi separati. Ir-Regolament (UE) 1077/2011 ġie emendat mir-Regolament (UE) Nru 603/2013 sabiex ikun jirrifletti l-bidliet introdotti fl-Eurodac.

(5) Billi l-Awtorità tat-Tmexxija kienet teħtieġ awtonomija legali, amministrattiva u finanzjarja, hija ġiet stabbilita fl-għamla ta' aġenzija regolatorja ("Aġenzija") b'personalità ġuridika. Kif kien miftiehem, is-sede tal-Aġenzija ġiet stabbilita f'Tallinn (l-Estonja). Madankollu, minħabba li l-kompiti relatati mal-iżvilupp tekniku u t-tħejjija għat-tmexxija operattiva tas-SIS u tal-VIS kienu diġà qegħdin jitwettqu fi Strasburgu (Franza) u kien installat sit ta' riżerva għal dawk is-sistemi tal-IT f'Sankt Johann im Pongau (l-Awstrija) b'konformità wkoll mal-postijiet tas-sistemi SIS u VIS deċiżi skont l-istrumenti leġiżlattivi rilevanti, jenħtieġ li dan jitkompla hekk. Jenħtieġ li dawk iż-żewġ siti jkomplu jkunu wkoll il-postijiet, rispettivament, fejn jitwettqu l-kompiti relatati mat-tmexxija operattiva tal-Eurodac u fejn għandu jiġi stabbilit sit ta' riżerva għall-Eurodac. Jenħtieġ li dawk iż-żewġ siti jikunu wkoll il-postijiet, rispettivament, għall-iżvilupp tekniku u t-tmexxija operattiva ta' sistemi tal-IT oħrajn fuq skala kbira fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, u, jekk dan ikun stabbilit fl-istrument leġiżlattiv rilevanti, għal sit ta' riżerva li jkun kapaċi jiżgura t-tħaddim ta' sistema tal-IT fuq skala kbira f'każ li dik is-sistema jkollha ħsara. Sabiex jimmassimizza l-użu possibbli tas-sit ta' riżerva, jenħtieġ li dan is-sit jkun jista' wkoll iħaddem is-sistemi simultanjament f'modalità attiva, diment li jibqa' kapaċi jiżgura t-tħaddim tagħhom f'każ ta' ħsara fis-sistemi.

---

[51] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2725/2000 tal-11 ta' Diċembru 2000 dwar l-istabbiliment ta' Eurodac għat-tqabbil ta' marki tas-swaba' għall-applikazzjoni effettiva tal-Konvenzjoni ta' Dublin (ĠU L 316, 15.12.2000, p. 1).

[52] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 407/2002 tat-28 ta' Frar 2002 li jistabbilixxi ċerti regoli biex jimplimentaw ir-Regolament ta-Kunsill (KE) Nru 2725/2000 dwar l-istabbiliment ta' Eurodac għat-tqabbil ta' marki tas-swaba' għall-applikazzjoni effettiva tal-Konvenzjoni ta' Dublin (ĠU L 62, 5.3.2002, p. 1).

[53] Regolament (UE) Nru 603/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar l-istabbiliment tal-"Eurodac" għat-tqabbil ta' marki tas-swaba' għall-applikazzjoni effettiva tar-Regolament (UE) Nru 604/2013 li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali ddepożitata f'wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida u dwar talbiet għat-tqabbil ma' *data* tal-Eurodac mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri u mill-Europol għall-finijiet ta' infurzar tal-liġi, u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1077/2011 tal-25 ta' Ottubru 2011 li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għat-tmexxija operattiva tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja (ĠU L 180, 29.6.2013, p. 1).

[54] Regolament (UE) Nru 1077/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għat-tmexxija operattiva tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja (ĠU L 286, 1.11.2011, p. 1).

Minn mindu bdiet tassumi r-responsabbiltajiet tagħha fl-1 ta' Diċembru 2012, l-Aġenzija ħadet f'idejha l-kompiti mogħtija lill-Awtorità tat-Tmexxija b'rabta mal-VIS permezz tar-Regolament (KE) Nru 767/2008 u tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/633/ĠAI[55]. Hija ħadet f'idejha l-kompiti mogħtija lill-Awtorità tat-Tmexxija b'rabta mas-SIS II permezz tar-Regolament (KE) Nru 1987/2006 u tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/533/ĠAI f'April 2013 wara li ġiet attivata s-sistema, filwaqt li bdiet tassumi l-kompiti mogħtija lill-Kummissjoni b'rabta mal-Eurodac b'konformità mar-Regolamenti (KE) Nru 2725/2000 u (KE) Nru 407/2002 f'Ġunju 2013. L-ewwel evalwazzjoni tal-ħidma tal-Aġenzija bbażata fuq evalwazzjoni esterna indipendenti u mwettqa fl-2015-2016 ikkonkludiet li l-eu-LISA qed tiżgura b'mod effettiv it-tmexxija operattiva tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira u kompiti oħrajn fdati lilha, kif ukoll li huma meħtieġa għadd ta' bidliet fir-Regolament tat-twaqqif, bħat-trasferiment lill-Aġenzija tal-kompiti tal-infrastruttura ta' komunikazzjoni miżmuma mill-Kummissjoni. Filwaqt li tibni fuq l-evalwazzjoni esterna, il-Kummissjoni qieset l-iżviluppi politiċi, legali u fattwali u pproponiet, b'mod partikolari, fir-Rapport tagħha dwar il-funzjonament tal-Aġenzija Ewropea dwar it-tmexxija operattiva tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja (eu-LISA)[56] li jenħtieġ li l-mandat tal-Aġenzija jiġi estiż sabiex hija tkun tista' twettaq il-kompiti derivati mill-adozzjoni mill-koleġiżlaturi tal-proposti li jafdaw sistemi ġodda lill-Aġenzija, il-kompiti msemmija fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar Sistemi ta' Informazzjoni Aktar Intelliġenti u b'Saħħithom għall-Fruntieri u s-Sigurtà tas-6 ta' April 2016, fir-rapport finali tal-Grupp ta' Esperti ta' Livell Għoli tal-11 ta' Mejju 2017 u fis-Seba' rapport ta' progress tal-Kummissjoni lejn Unjoni tas-Sigurtà effettiva u ġenwina tas-16 ta' Mejju 2017, soġġetta, fejn meħtieġ, għall-adozzjoni tal-istrumenti leġiżlattivi rilevanti. B'mod partikolari, jenħtieġ li l-Aġenzija tiġi inkarigata bl-iżvilupp ta' Portal Ewropew tat-Tfittxija, servizz kondiviż ta' tqabbil bijometriku u Repożitorju Komuni tal-Identità, soġġetta għall-adozzjoni tal-istrument leġiżlattiv rilevanti dwar l-interoperabbiltà. Fejn rilevanti, jenħtieġ li kwalunkwe azzjoni mwettqa fuq l-interoperabbiltà tkun iggwidata mill-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar il-Qafas Ewropew għall-Interoperabbiltà – Strateġija ta' Implimentazzjoni[57].

(6) Ir-rapport tal-Kummissjoni msemmi hawn fuq ukoll ikkonkluda li jenħtieġ li l-mandat tal-Aġenzija jiġi estiż sabiex hija tkun tista' tipprovdi pariri lill-Istati Membri fir-rigward tal-konnessjoni tas-sistemi nazzjonali mas-sistemi ċentrali u għall-assistenza/appoġġ ad hoc, fejn meħtieġ, kif ukoll biex tipprovdi assistenza/appoġġ lis-servizzi tal-Kummissjoni fuq kwistjonijiet tekniċi relatati ma' sistemi ġodda.

(7) [Għalhekk, jenħtieġ li l-Aġenzija tiġi fdata bit-tħejjija, l-iżvilupp u t-tmexxija operattiva tas-sistema ta' Dħul/Ħruġ, stabbilita mir-Regolament XX/XX ta' XX [*li jistabbilixxi Sistema ta' Dħul/Ħruġ (EES) biex tiġi rreġistrata d-data ta' dħul u ħruġ u d-data tar-rifjut tad-dħul ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jaqsmu l-fruntieri esterni tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea u jiġu ddeterminati l-kundizzjonijiet għall-aċċess*

55 Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/633/ĠAI tat-23 ta' Ġunju 2008 li tikkonċerna aċċess għall-konsultazzjoni tas-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS) minn awtoritajiet maħtura ta' Stati Membri u mill-Europol għall-finijiet tal-prevenzjoni, tal-kxif u tal-investigazzjoni ta' reati terroristiċi u ta' reati kriminali serji oħra (ĠU L 218, 13.8.2008, p. 129).

56 COM(2017) 346, 29.6.2017.

57 COM(2017) 134, 23.3.2017. L-Anness 2 ta' din il-Komunikazzjoni jipprovdi l-linji gwida ġenerali, ir-rakkomandazzjonijiet u l-aħjar prattiki għall-kisba tal-interoperabbiltà jew għall-inqas għall-ħolqien tal-ambjent sabiex tinkiseb interoperabbiltà aħjar meta jitfasslu, jiġu implimentati u ġestiti servizzi pubbliċi Ewropej.

għall-EES għall-finijiet tal-infurzar tal-liġi u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 767/2008 u r-Regolament (UE) Nru 1077/2011].]

(8) {[Jenħtieġ li hija tiġi fdata bit-tmexxija operattiva ta' DubliNet, mezz elettroniku sigur separat stabbilit skont l-Artikolu 18 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1560/2003[58], b'konformità mar-Regolament XX/XX ta' XX dwar l-istabbiliment tal-'Eurodac' għat-tqabbil ta' marki tas-swaba' għall-applikazzjoni effettiva tar-[*Regolament (UE) Nru 604/2013 li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi sabiex jiġi ddeterminat liema hu l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali ddepożitata f'wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida*, għall-identifikazzjoni ta' ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida b'residenza illegali u dwar talbiet għat-tqabbil ma' *data* tal-Eurodac mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri u mill-Europol għall-finijiet ta' infurzar tal-liġi (riformulazzjoni)].

(9) [Jenħtieġ li hija tiġi fdata bit-tħejjija, l-iżvilupp u t-tmexxija operattiva tas-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar (ETIAS) stabbilita mir-Regolament XX/XX [*ta' XX li jistabbilixxi Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar (ETIAS) u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 515/2014, (UE) 2016/399, (UE) 2016/794 u (UE) 2016/1624*].]

(10) [Jenħtieġ li hija tiġi fdata bit-tħejjija, l-iżvilupp u t-tmexxija operattiva tas-sistema awtomatizzata għar-reġistrazzjoni, il-monitoraġġ u l-mekkaniżmu ta' allokazzjoni għall-applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali msemmija fl-Artikolu 44 tar-Regolament (UE) XX/20XX [*li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi sabiex jiġi ddeterminat liema hu l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali ddepożitata f'wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida (riformulazzjoni)*].

(11) [Jenħtieġ li hija tiġi fdata bit-tħejjija, l-iżvilupp u t-tmexxija operattiva tas-sistema ċentralizzata għall-identifikazzjoni tal-Istati Membri li għandhom informazzjoni kriminali dwar ċittadini ta' pajjiżi terzi u persuni apolidi stabbilita mir-Regolament XX/XX [*ta' XX li jistabbilixxi sistema ċentralizzata għall-identifikazzjoni tal-Istati Membri li għandhom informazzjoni kriminali dwar ċittadini ta' pajjiżi terzi (TCN) u persuni apolidi sabiex jissupplimentaw u jappoġġjaw is-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali (ECRIS) u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1077/2011 (is-sistema ECRIS-TCN*) u l-manutenzjoni tal-implimentazzjoni tar-referenza għal ECRIS imsemmija f'dak ir-Regolament.]

(12) Jenħtieġ li l-Aġenzija tibqa' l-istess persuna ġuridika, b'kontinwità sħiħa fl-attivitajiet u l-proċeduri kollha tagħha.

(13) Il-funzjoni ewlenija tal-Aġenzija jenħtieġ li tkompli tkun li tissodisfa l-kompiti tat-tmexxija operattiva għas-SIS, il-VIS u l-Eurodac, [l-EES], [id-DubliNet], [l-ETIAS], [is-sistema awtomatizzata għar-reġistrazzjoni, il-monitoraġġ u l-mekkaniżmu ta' allokazzjoni għall-applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali] u [s-sistema ECRIS-TCN] u, jekk ikun deċiż hekk, sistemi tal-IT oħrajn fuq skala kbira fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja. Jenħtieġ li l-Aġenzija tkun responsabbli wkoll għall-miżuri tekniċi meħtieġa mill-kompiti fdati lilha, li mhumiex ta' natura normattiva.

---

58 Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1560/2003 tat-2 ta' Settembru 2003 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 343/2003 li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi sabiex jiġi ddeterminat liema hu l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-ażil iddepożitata f'wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz (ĠU L 222, 5.9.2003, p. 3).

Dawk ir-responsabbiltajiet jenħtieġ li jkunu mingħajr preġudizzju għall-kompiti normattivi riżervati għall-Kummissjoni weħidha jew għall-Kummissjoni meta assistita minn Kumitat fl-istrumenti leġiżlattivi rispettivi li jirregolaw is-sistemi ġestiti b'mod operattiv mill-Aġenzija. Mhuwiex aktar ġustifikat li l-Kummissjoni żżomm ċerti kompiti relatati mal-infrastruttura ta' komunikazzjoni tas-sistemi u, għalhekk, dawn il-kompiti jenħtieġ li jiġu ttrasferiti lill-Aġenzija sabiex tittejjeb il-koerenza tal-ġestjoni tagħha. Madankollu, għal dawk is-sistemi li jużaw l-EuroDomain, infrastruttura tal-komunikazzjoni protetta pprovduta minn TESTA-ng (Servizzi Trans-Ewropej għat-Telematika bejn l-Amministrazzjonijiet - ġenerazzjoni ġdida), li huwa proġett fil-forma ta' servizz tan-netwerk abbażi tal-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni Nru 922/2009/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[59], il-kompiti tal-implimentazzjoni tal-baġit, l-akkwiżizzjoni u t-tiġdid u l-kwistjonijiet kuntrattwali jenħtieġ li jinżammu mill-Kummissjoni.

(14) Barra minn hekk, jenħtieġ li l-Aġenzija tkompli twettaq kompiti relatati ma' taħriġ dwar l-użu tekniku tas-SIS, tal-VIS u tal-Eurodac u ta' sistemi tal-IT oħrajn fuq skala kbira li jistgħu jiġu fdati lilha fil-ġejjieni.

(15) Barra minn hekk, l-Aġenzija tista' wkoll issir responsabbli għat-tħejjija, l-iżvilupp u t-tmexxija operattiva ta' sistemi tal-IT fuq skala kbira addizzjonali fl-applikazzjoni tal-Artikoli 67 sa 89 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE). L-Aġenzija jenħtieġ li tiġi fdata b'dawn il-kompiti biss permezz ta' strumenti leġiżlattivi sussegwenti u separati, wara li tkun saret valutazzjoni tal-impatt.

(16) Il-mandat tal-Aġenzija fir-rigward tar-riċerka jenħtieġ li jiġi estiż sabiex tiżdied il-kapaċità tagħha li tkun aktar proattiva billi tissuġġerixxi l-bidliet tekniċi meħtieġa u rilevanti fis-sistemi tal-IT taħt ir-responsabbiltà tagħha. L-Aġenzija tista' mhux biss tissorvelja iżda wkoll tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-attivitajiet ta' riċerka rilevanti għat-tmexxija operattiva tas-sistemi ġestiti minnha. Jenħtieġ li hija tibgħat regolarment informazzjoni dwar dan il-monitoraġġ lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data*.

(17) Jenħtieġ li l-Aġenzija tkun responsabbli għat-twettiq ta' proġetti pilota, b'konformità mal-Artikolu 54(2)(a) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[60]. Barra minn hekk, l-Aġenzija tista' tiġi fdata mill-Kummissjoni b'kompiti ta' implimentazzjoni baġitarja għall-provi tal-kunċett iffinanzjati taħt l-istrument għall-appoġġ finanzjarju għall-fruntieri esterni u l-viża previsti fir-Regolament (UE) Nru 515/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[61] b'konformità mal-Artikolu 58(1)(ċ) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012. L-Aġenzija tista' wkoll tippjana u timplimenta attivitajiet ta' ttestjar fuq kwistjonijiet strettament koperti minn dan ir-Regolament u l-istrumenti leġiżlattivi li jirregolaw l-iżvilupp, l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira ġestiti mill-Aġenzija. Meta tingħata l-kompitu li twettaq proġett pilota, l-Aġenzija jenħtieġ li

[59] Deċiżjoni 922/2009/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 dwar soluzzjonijiet ta' interoperabbiltà għall-amministrazzjonijiet pubbliċi Ewropej (ISA), ĠU L 280, 3.10.2009, p. 20.

[60] Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

[61] Regolament (UE) Nru 515/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 li jistabbilixxi, bħala parti mill-Fond għas-Sigurtà Interna, l-istrument għall-appoġġ finanzjarju għall-fruntieri esterni u l-viża u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 574/2007/KE (ĠU L 150, 20.5.2014, p. 143).

tagħti attenzjoni partikolari lill-Istrateġija ta' Ġestjoni tal-Informazzjoni tal-Unjoni Ewropea.

(18) Jenħtieġ li l-Aġenzija tipprovdi pariri lill-Istati Membri fir-rigward tal-konnessjoni tas-sistemi nazzjonali mas-sistemi ċentrali.

(19) Jenħtieġ li l-Aġenzija tipprovdi wkoll appoġġ ad hoc lill-Istati Membri, fejn meħtieġ mis-sigurtà jew minn ħtiġijiet migratorji straordinarji. B'mod partikolari, meta Stat Membru jiffaċċja sfidi migratorji speċifiċi u sproporzjonati f'żoni partikolari tal-fruntieri esterni tiegħu kkaratterizzati mill-wasla ta' flussi migratorji kbar, l-Istati Membri jenħtieġ li jkunu jistgħu jserrħu fuq it-tisħiħ tekniku u operazzjonali. Dan jenħtieġ li jiġi pprovdut fiż-żoni hotspot minn timijiet ta' appoġġ għall-ġestjoni tal-migrazzjoni komposti minn esperti mill-aġenziji rilevanti tal-Unjoni. Fejn ikun meħtieġ l-appoġġ tal-eu-LISA f'dan il-kuntest fir-rigward ta' kwistjonijiet relatati mas-sistemi tal-IT fuq skala kbira ġestiti minnha, jenħtieġ li t-talba għall-appoġġ tintbagħat lill-Aġenzija mill-Kummissjoni.

(20) Jenħtieġ li l-Aġenzija tappoġġja wkoll lis-servizzi tal-Kummissjoni fuq kwistjonijiet tekniċi relatati mas-sistemi eżistenti jew dawk ġodda, meta meħtieġ, b'mod partikolari għat-tħejjija ta' proposti ġodda dwar is-sistemi tal-IT fuq skala kbira li jridu jiġu fdati lill-Aġenzija.

(21) Jenħtieġ ukoll li jkun possibbli wkoll li l-Aġenzija tiġi inkarigata bl-iżvilupp, il-ġestjoni u/jew l-ospitar ta' sistema tal-IT komuni għal grupp ta' Stati Membri li jagħżlu, fuq bażi volontarja, soluzzjoni ċentralizzata li tgħinhom fl-implimentazzjoni tal-aspetti tekniċi tal-obbligi li jirriżultaw mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar is-sistemi tal-IT fuq skala kbira deċentralizzati fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja. Jenħtieġ li dan ikun jirrikjedi l-approvazzjoni minn qabel mill-Kummissjoni u deċiżjoni tal-Bord tat-Tmexxija u li jkun rifless fi ftehim ta' delega bejn l-Istati Membri kkonċernati u l-Aġenzija u ffinanzjat permezz ta' kontribuzzjoni mitluba lill-Istati Membri rilevanti sabiex ikopru l-ispejjeż kollha.

(22) Meta Aġenzija tiġi fdata bit-tmexxija operattiva tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira fil-qasam tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja, jenħtieġ li ma jkunux affettwati r-regoli speċifiċi applikabbli għal dawk is-sistemi. B'mod partikolari, ir-regoli speċifiċi li jirregolaw il-fini, id-drittijiet għal aċċess, il-miżuri ta' sigurtà u rekwiżiti oħrajn tal-protezzjoni tad-*data* għal kull sistema tal-IT fuq skala kbira li l-Aġenzija tkun ġiet fdata bit-tmexxija operattiva tagħhom, huma applikabbli bis-sħiħ.

(23) Jenħtieġ li l-Istati Membri u l-Kummissjoni jkunu rappreżentati fuq Bord ta' Tmexxija sabiex jikkontrollaw b'mod effettiv il-funzjonijiet tal-Aġenzija. Jenħtieġ li l-Bord ta' Tmexxija jiġi fdat bil-funzjonijiet meħtieġa, b'mod partikolari, biex jadotta l-programm ta' ħidma annwali, iwettaq il-funzjonijiet tiegħu relatati mal-baġit tal-Aġenzjia, jadotta r-regoli finanzjarji applikabbli għall-Aġenzija, jaħtar Direttur Eżekuttiv u jistabbilixxi proċeduri biex jittieħdu deċiżjonijiet relatati mal-kompiti operattivi tal-Aġenzija mid-Direttur Eżekuttiv. Jenħtieġ li l-Aġenzija tkun irregolata u operata billi jitqiesu l-prinċipji tal-approċċ komuni dwar l-aġenziji deċentralizzati tal-Unjoni adottati fid-19 ta' Lulju 2012 mill-Parlament Ewropew, mill-Kunsill u mill-Kummissjoni.

(24) Fir-rigward tas-SIS II, l-Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija (Europol) u l-Unità Ewropea ta' Kooperazzjoni Ġudizzjarja (Eurojust), li t-tnejn għandhom id-dritt li jiksbu aċċess u jfittxu direttament id-*data* mdaħħla fis-SIS II fl-applikazzjoni tad-Deċiżjoni 2007/533/ĠAI [*jew ir-Regolament XX ta' XX dwar l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu*

tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS) fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija f'materji kriminali, li jemenda r-Regolament (UE) Nru 515/2014 u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1986/2006, id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/533/ĠAI u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/261/UE},], jenħtieġ li jkollhom status ta' osservaturi waqt il-laqgħat tal-Bord tat-Tmexxija meta jkun hemm kwistjoni li tirrigwardja l-applikazzjoni tad-Deċiżjoni 2007/533/ĠAI fuq l-aġenda. Il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta, li għandha d-dritt ta' aċċess u tfittxija għas-SIS fl-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2016/1624 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[62] u tar-Regolament XXX [*dwar l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS) fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija u l-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali*][63] jenħtieġ li jkollha status ta' osservatur fil-Bord tat-Tmexxija meta jkun hemm mistoqsija rigward l-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2016/1624 jew tar-Regolament XXX ta' XXX [*dwar l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS) fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija u l-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali*] fuq l-aġenda. L-Europol, l-Eurojust u l-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta jenħtieġ li jkunu jistgħu jaħtru rappreżentant fil-Grupp Konsultattiv tas-SIS stabbilit skont dan ir-Regolament.

(25) Fir-rigward tal-VIS, jenħtieġ li l-Europol ikollu status ta' osservatur fil-laqgħat tal-Bord tat-Tmexxija, meta jkun hemm mistoqsija li tirrigwardja l-applikazzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/633/ĠAI fuq l-aġenda. L-Europol jenħtieġ li jkun jista' jaħtar rappreżentant fil-Grupp Konsultattiv tal-VIS stabbilit skont dan ir-Regolament.

(26) Fir-rigward tal-Eurodac, jenħtieġ li l-Europol ikollu status ta' osservatur waqt il-laqgħat tal-Bord tat-Tmexxija, meta fuq l-aġenda jkun hemm mistoqsija rigward l-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 603/2013 [*jew mir-Regolament XX ta' XX dwar l-istabbiliment tal-'Eurodac' għat-tqabbil ta' marki tas-swaba' għall-applikazzjoni effettiva tar-Regolament (UE) Nru 604/2013 li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi sabiex jiġi ddeterminat liema hu l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali ddepożitata f'wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida*},], għall-identifikazzjoni ta' ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida b'residenza illegali u dwar talbiet għat-tqabbil ma' *data* tal-Eurodac mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri u mill-Europol għall-finijiet ta' infurzar tal-liġi (riformulazzjoni)}; L-Europol jenħtieġ li jkun jista' jaħtar rappreżentant fil-Grupp Konsultattiv tal-Eurodac;

(27) [Fir-rigward tal-EES, l-Europol jenħtieġ li jkollu status ta' osservatur waqt il-laqgħat tal-Bord tat-Tmexxija meta jkun hemm mistoqsija dwar ir-Regolament XX/XXXX [*li jistabbilixxi l-EES*] fuq l-aġenda.]

---

[62] Ir-Regolament (UE) 2016/1624 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Settembru 2016 dwar il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta u li jemenda r-Regolament (UE) 2016/399 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 863/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2007/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/267/KE (ĠU L 251, 16.9.2016, p. 1).

[63] Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS) fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija u tal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali, li jemenda r-Regolament (UE) 515/2014 u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1986/2006, id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/533/ĠAI u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/261/UE. COM(2016)883 finali.

(28) [Fir-rigward tal-ETIAS, jenħtieġ li l-Europol jkollu status ta' osservatur waqt il-laqgħat tal-Bord tat-Tmexxija meta jkun hemm mistoqsija dwar ir-Regolament XX/XXXX [*li jistabbilixxi l-ETIAS*] fuq l-aġenda. Il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta jenħtieġ li jkollha wkoll status ta' osservatur waqt il-laqgħat tal-Bord tat-Tmexxija meta jkun hemm mistoqsija dwar l-ETIAS fir-rigward tal-applikazzjoni tar-Regolament XX/XX *li jistabbilixxi l-ETIAS* fuq l-aġenda. L-Europol u l-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta jenħtieġ li jkunu jistgħu jaħtru rappreżentant fil-Grupp Konsultattiv tal-[EES-[ETIAS].

(29) [Fir-rigward tas-sistema awtomatizzata għar-reġistrazzjoni, il-monitoraġġ u l-mekkaniżmu ta' allokazzjoni għall-applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali msemmija fl-Artikolu 44 tar-Regolament (UE) .../... [*li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi sabiex jiġi ddeterminat liema hu l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali ddepożitata f'wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida*] l-EASO jenħtieġ li jkollu wkoll status ta' osservatur waqt il-laqgħat tal-Bord tat-Tmexxija meta jkun hemm mistoqsija dwar din is-sistema fuq l-aġenda.]

(30) [Fir-rigward tas-sistema ECRIS-TCN, l-Eurojust, l-Europol [u l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew] jenħtieġ li jkollhom status ta' osservatur waqt il-laqgħat tal-Bord tat-Tmexxija meta jkun hemm mistoqsija dwar ir-Regolament XX/XXXX [*li jistabbilixxi s-sistema ECRIS-TCN*] fuq l-aġenda}. l-Eurojust, l-Europol u [l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew] jenħtieġ li jkunu jistgħu jaħtru rappreżentant fil-Grupp Konsultattiv tas-sistema ECRIS-TCN].

(31) Jenħtieġ li l-Istati Membri jkollhom drittijiet ta' vot fil-Bord tat-Tmexxija tal-Aġenzija rigward sistema tal-IT fuq skala kbira, jekk ikunu marbutin skont il-liġi tal-Unjoni minn kwalunkwe strument leġiżlattiv li jirregola l-iżvilupp, l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu ta' dik is-sistema partikolari. Id-Danimarka jenħtieġ li jkollha wkoll drittijiet ta' vot dwar sistema tal-IT fuq skala kbira, jekk hija tiddeċiedi skont l-Artikolu 4 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, mehmuż mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) u mat-TFUE, li timplimenta l-istrument leġiżlattiv li jirregola l-iżvilupp, l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu ta' dik is-sistema partikolari fil-liġi nazzjonali tagħha.

(32) Jenħtieġ li l-Istati Membri jaħtru Membru għall-Grupp Konsultattiv rigward sistema tal-IT fuq skala kbira, jekk ikunu marbutin skont il-liġi tal-Unjoni bi kwalunkwe strument leġiżlattiv li jirregola l-iżvilupp, l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu ta' dik is-sistema partikolari. Barra minn hekk, jenħtieġ li d-Danimarka taħtar Membru fil-Grupp Konsultattiv dwar sistema tal-IT fuq skala kbira, jekk hija tiddeċiedi skont l-Artikolu 4 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka li timplimenta l-istrument leġiżlattiv li jirregola l-iżvilupp, l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu ta' dik is-sistema partikolari fil-liġi nazzjonali tagħha.

(33) Sabiex tiggarantixxi l-awtonomija u l-indipendenza sħaħ tagħha, jenħtieġ li l-Aġenzija tingħata baġit awtonomu bi dħul mill-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea. Il-finanzjament tal-Aġenzija jenħtieġ li jkun soġġett għal ftehim mill-awtorità baġitarja kif stabbilit fil-punt 47 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-ġestjoni finanzjarja tajba[64]. Il-proċeduri baġitarji u ta' kwittanza tal-Unjoni jenħtieġ li jkunu applikabbli. L-awditjar tal-kontijiet u tal-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet sottostanti jenħtieġ li jsir mill-Qorti tal-Awdituri.

[64] ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.

(34) Għall-fini tal-issodisfar tal-missjoni tagħha u safejn ikun meħtieġ għat-twettiq tal-kompiti tagħha, jenħtieġ li l-Aġenzija titħalla tikkoopera mal-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni, b'mod partikolari dawk stabbiliti fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, f'materji koperti minn dan ir-Regolament u l-istrumenti leġiżlattivi li jirregolaw l-iżvilupp, l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu ta' sistemi tal-IT fuq skala kbira ġestiti mill-Aġenzija fil-qafas tal-arranġamenti ta' ħidma konklużi b'konformità mal-liġi u l-politika tal-Unjoni u fil-qafas tal-kompetenzi rispettivi tagħhom. Dawk l-arranġamenti ta' ħidma jenħtieġ li jirċievu l-approvazzjoni minn qabel tal-Kummissjoni. L-Aġenzija jenħtieġ li wkoll tikkonsulta u ssegwi r-rakkomandazzjonijiet tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea dwar is-Sigurtà tan-Networks u l-Informazzjoni rigward is-sigurtà tan-netwerks, fejn ikun xieraq.

(35) Meta tiżgura l-iżvilupp u t-tmexxija operattiva tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira, l-Aġenzija jenħtieġ li ssegwi l-istandards Ewropej u dawk internazzjonali b'kont meħud tal-ogħla rekwiżiti professjonali, b'mod partikolari l-Istrateġija ta' Ġestjoni tal-Informazzjoni tal-Unjoni Ewropea.

(36) Ir-Regolament (KE) Nru 45/2001[65] [jew ir-Regolament XX/2018 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-protezzjoni tad-*data* personali għall-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni] jenħtieġ li japplika għall-ipproċessar tad-*data* personali mill-Aġenzija. Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* jenħtieġ li jkun jista' jikseb aċċess mill-Aġenzija għall-informazzjoni kollha meħtieġa għall-investigazzjonijiet tiegħu. B'konformità mal-Artikolu 28 tar-Regolament (KE) No 45/2001, il-Kummissjoni kkonsultat lill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data,* li ta l-opinjoni tiegħu fi XX XX.

(37) Sabiex ikun żgurat l-operat trasparenti tal-Aġenzija, jenħtieġ li r-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[66] japplika għall-Aġenzija. L-Aġenzija jenħtieġ li tkun kemm jista' jkun trasparenti dwar l-attivitajiet tagħha, mingħajr ma tipperikola l-kisba tal-objettiv tal-operazzjonijiet tagħha. Jenħtieġ li hija tippubblika l-informazzjoni dwar l-attivitajiet kollha tagħha. Bl-istess mod, jenħtieġ li hija tiżgura wkoll li l-pubbliku u kwalunkwe parti interessata jingħataw malajr informazzjoni rigward il-ħidma tagħha.

(38) L-attivitajiet tal-Aġenzija jenħtieġ li jkunu soġġetti għall-iskrutinju tal-Ombudsman Ewropew b'konformità mal-Artikolu 228 tat-TFUE.

(39) Jenħtieġ li r-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[67] japplika għall-Aġenzija, li jenħtieġ li taderixxi mal-Ftehim Interistituzzjonali tal-25 ta' Mejju 1999 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej dwar l-investigazzjonijiet interni mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF)[68].

---

[65] Ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwu fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-movement liberu ta' dik id-*data* (ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1).

[66] Ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (ĠU L 145, 31.5.2001, p. 43).

[67] Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Settembru 2013 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) u li jħassar ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 1073/1999 u r-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 1074/1999 (ĠU L 248, 18.9.2013, p. 1).

[68] ĠU L 136, 31.5.1999, p. 15.

(40) Sabiex ikunu żgurati kundizzjonijiet ta' impjieg miftuħa u trasparenti u trattament ugwali tal-persunal, ir-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea ('ir-Regolamenti tal-Persunal') u l-Kundizzjonijiet tax-Xogħol ta' Impjegati Oħrajn tal-Unjoni Ewropea ('Il-Kundizzjonijiet tax-Xogħol ta' Impjegati oħrajn'), stipulati fir-Regolament (KEE, Euratom, KEFA) Nru 259/68[69] (li flimkien issir referenza għalihom bħala r-'Regolamenti tal-Persunal'), jenħtieġ li japplikaw għall-persunal (inkluż id-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija), inklużi r-regoli dwar is-segretezza professjonali jew dmirijiet ekwivalenti oħrajn ta' kunfidenzjalità.

(41) L-Aġenzija hija korp stabbilit mill-Unjoni fis-sens tal-Artikolu 208 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 u jenħtieġ li tadotta r-regoli finanzjarji tagħha kif xieraq.

(42) Jenħtieġ li r-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1271/2013 [70] dwar Regolament Finanzjarju ta' qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 208 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 japplika għall-Aġenzija.

(43) Billi l-għanijiet ta' dan ir-Regolament, jiġifieri l-istabbiliment ta' Aġenzija fil-livell tal-Unjoni responsabbli mit-tmexxija operattiva u, fejn xieraq, mill-iżvilupp ta' sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja ma jistgħux jintlaħqu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri u, għalhekk, minħabba l-iskala u l-effetti tal-azzjoni, jistgħu jintlaħqu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri b'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà, kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-TUE. B'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħqu dawk l-għanijiet.

(44) B'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, mehmuż mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka mhijiex qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u la hija marbuta bih u lanqas ma hija soġġetta għall-applikazzjoni tiegħu. Minħabba li dan ir-Regolament, safejn jirrigwardja s-SIS II u l-VIS, [l-EES] [u l-ETIAS] jibni fuq l-*acquis* ta' Schengen, id-Danimarka għandha, b'konformità mal-Artikolu 4 ta' dak il-Protokoll, tiddeċiedi fi żmien perjodu ta' sitt xhur wara l-adozzjoni ta' dan ir-Regolament jekk timplimentahx fil-liġi nazzjonali tagħha. B'konformità mal-Artikolu 3 tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Renju tad-Danimarka dwar il-kriterji u l-mekkaniżmi sabiex jiġi stabbilit l-Istat responsabbli biex jeżamina talba għall-ażil iddepożitata fid-Danimarka jew f'xi Stat Membru ieħor tal-Unjoni Ewropea u l-'Eurodac' għat-tqabbil tal-marki tas-swaba' għall-applikazzjoni effettiva tal-Konvenzjoni ta' Dublin[71], id-Danimarka għandha tinnotifika lill-Kummissjoni jekk hijiex se timplimenta l-kontenut ta' dan ir-Regolament, safejn ikun jirrigwardja l-Eurodac. [u s-sistema awtomatizzata għar-reġistrazzjoni, il-monitoraġġ u l-mekkaniżmu ta' allokazzjoni għall-applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali msemmija fl-Artikolu 44 tar-Regolament (UE) XX/XX li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi sabiex jiġi ddeterminat liema hu l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali ddepożitata f'wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida (riformulazzjoni)]. [Safejn ikun jirrigwardja s-sistema ECRIS-TCN, b'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, mehmuż mat-TUE u mat-TFUE,

---

69 ĠU L 56, 4.3.1968, p. 1.

70 Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1271/2013 tat-30 ta' Settembru 2013 dwar Regolament Finanzjarju ta' qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 208 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 328, 7.12.2013, p. 42).

71 ĠU L 66, 8.3.2006, p. 38.

id-Danimarka ma tiħux sehem fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u la hija marbuta bih u lanqas ma hija soġġetta għall-applikazzjoni tiegħu.]

(45) Safejn id-dispożizzjonijiet tiegħu jkunu jirrigwardjaw is-SIS kif irregolata mid-Deċiżjoni 2007/533/ĠAI, ir-Renju Unit qed jieħu sehem f'dan ir-Regolament, b'konformità mal-Artikolu 5(1) tal-Protokoll Nru 19 dwar l-*acquis* ta' Schengen integrat fil-qafas tal-Unjoni Ewropea, mehmuż mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (Protokoll dwar l-*acquis* ta' Schengen) u mal-Artikolu 8(2) tad-Deċizjoni tal-Kunsill 2000/365/KE tad-29 ta' Mejju 2000 dwar it-talba tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u tal-Irlanda ta' Fuq biex jieħdu sehem fi wħud mid-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen[72].

Safejn id-dispożizzjonijiet tiegħu jkunu jirrigwardaw is-SIS kif irregolata mir-Regolament (KE) Nru 1987/2006 u l-VIS, [l-EES] [u l-ETIAS] li jikkostitwixxu żviluppi tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen li r-Renju Unit ma jiħux sehem fihom b'konformità mad-Deċiżjoni 2000/365/KE, ir-Renju Unit jista' jitlob lill-President tal-Kunsill sabiex ikun awtorizzat jieħu sehem fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament, b'konformità mal-Artikolu 4 tal-Protokoll dwar l-a*cquis* ta' Schengen. Barra minn hekk, safejn id-dispożizzjonijiet tiegħu jkunu jirrigwardjaw l-Eurodac, [u s-sistema awtomatizzata għar-reġistrazzjoni, il-monitoraġġ u l-mekkaniżmu ta' allokazzjoni għall-applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali msemmija fl-Artikolu 44 tar-Regolament (UE) XX/XX li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi sabiex jiġi ddeterminat liema hu l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali ddepożitata f'wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida (riformulazzjoni)] ir-Renju Unit jista' jinnotifika lill-President tal-Kunsill ix-xewqa tiegħu li jieħu sehem fl-adozzjoni u fl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, b'konformità mal-Artikolu 3 tal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u tal-Irlanda fir-rigward tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, mehmuż mat-TUE u mat-TFUE (Protokoll dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u tal-Irlanda). Safejn id-dispożizzjonijiet tiegħu jkunu jirrigwardjaw is-sistema ECRIS-TCN, b'konformità mal-Artikoli 1 u 2 u mal-Artikolu 4a(1) tal-Protokoll 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u tal-Irlanda fir-rigward tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, mehmuż mat-TUE u mat-TFUE, ir-Renju Unit mhuwiex qed jieħu sehem fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u la huwa marbut bih u lanqas ma huwa soġġett għall-applikazzjoni tiegħu. B'konformità mal-Artikolu 3 u mal-Artikolu 4a(1) tal-Protokoll 21, ir-Renju Unit jista' jinnotifika x-xewqa tiegħu li jieħu sehem fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament.

Mid-29 ta' Marzu 2017, meta r-Renju Unit innotifika l-intenzjoni tiegħu li joħroġ mill-Unjoni Ewropea, b'konformità mal-Artikolu 50 tat-Trattat tal-Unjoni Ewropea, it-Trattati mhux se jibqgħu japplikaw għar-Renju Unit mid-data tad-dħul fis-seħħ tal-ftehim dwar l-irtirar jew, jekk dan ma jsirx, wara sentejn min-notifika, sakemm il-Kunsill Ewropew, bi qbil mar-Renju Unit, ma jiddeċidix li jestendi dak il-perjodu. B'konsegwenza ta' dan, u mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe waħda mid-dispożizzjonijiet tal-ftehim dwar l-irtirar, din id-deskrizzjoni msemmija fuq tal-parteċipazzjoni tar-Renju Unit fil-proposta tapplika biss sakemm ir-Renju Unit ma jibqax Stat Membru.

(46) Safejn id-dispożizzjonijiet tiegħu jkunu jirrigwardjaw is-SIS II kif irregolata mid-Deċiżjoni 2007/533/ĠAI, l-Irlanda qed tieħu sehem f'dan ir-Regolament, b'konformità mal-Artikolu 5(1) tal-Protokoll Nru 19 dwar l-*acquis* ta' Schengen integrat fil-qafas

---

72 ĠU L 131, 1.6.2000, p.43.

tal-Unjoni Ewropea, mehmuż mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (Protokoll dwar l-*acquis* ta' Schengen) u mal-Artikolu 6(2) tad-Deċizjoni tal-Kunsill 2002/192/KE tat-28 ta' Frar 2002 dwar it-talba tal-Irlanda biex tieħu sehem fi wħud mid-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen[73].

Safejn id-dispożizzjonijiet tiegħu jkunu jirrigwardjaw is-SIS kif irregolata mir-Regolament (KE) Nru 1987/2006 u l-VIS, [l-EES] [u l-ETIAS] dan ir-Regolament jikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen li l-Irlanda ma tiħux sehem fihom, b'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE tat-28 ta' Frar 2002 dwar it-talba tal-Irlanda biex tieħu sehem fi wħud mid-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen[74]. L-Irlanda tista' titlob lill-President tal-Kunsill sabiex tkun awtorizzata tieħu sehem fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament, b'konformità mal-Artikolu 4 tal-Protokoll dwar l-*acquis* ta' Schengen.

Barra minn hekk, safejn id-dispożizzjonijiet tiegħu jkunu jirrigwardjaw l-Eurodac [u s-sistema awtomatizzata għar-reġistrazzjoni, il-monitoraġġ u l-mekkaniżmu ta' allokazzjoni għall-applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali msemmija fl-Artikolu 44 tar-Regolament (UE) XX/XX li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi sabiex jiġi ddeterminat liema hu l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali ddepożitata f'wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida (riformulazzjoni)], l-Irlanda tista' tinnotifika lill-President tal-Kunsill ix-xewqa tagħha li tieħu sehem fl-adozzjoni u fl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, b'konformità mal-Artikolu 3 tal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u tal-Irlanda fir-rigward tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, mehmuż mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (Protokoll dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u tal-Irlanda). Safejn id-dispożizzjonijiet tiegħu jkunu jirrigwardjaw is-sistema ECRIS-TCN, b'konformità mal-Artikoli 1 u 2 u mal-Artikolu 4a(1) tal-Protokoll 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u tal-Irlanda fir-rigward tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, mehmuż mat-TUE u mat-TFUE, l-Irlanda mhijiex qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u la hija marbuta bih u lanqas ma hija soġġetta għall-applikazzjoni tiegħu. B'konformità mal-Artikolu 3 u mal-Artikolu 4a(1) tal-Protokoll 21, l-Irlanda tista' tinnotifika x-xewqa tagħha li tieħu sehem fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament.

(47) Fir-rigward tal-Iżlanda u n-Norveġja, dan ir-Regolament jikkostitwixxi, safejn jirrigwarda s-SIS II u l-VIS, [l-EES] [u l-ETIAS] żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen skont it-tifsira tal-Ftehim konkluż mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea mar-Repubblika tal-Iżlanda u mar-Renju tan-Norveġja dwar l-assoċjazzjoni ta' dawk iż-żewġ Stati mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-acquis ta' Schengen[75] li jaqgħu taħt il-qasam imsemmi fl-Artikolu 1, il-punti A, B u G tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/437/KE tas-17 ta' Mejju 1999 dwar ċerti arranġamenti għall-applikazzjoni ta' dak il-Ftehim[76]. Fir-rigward tal-Eurodac [u s-sistema awtomatizzata għar-reġistrazzjoni, il-monitoraġġ u l-mekkaniżmu ta' allokazzjoni għall-applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali msemmija fl-Artikolu 44 tar-Regolament (UE) XX/XX li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi sabiex jiġi ddeterminat liema hu l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali ddepożitata f'wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta'

[73] ĠU L 64, 7.3.2002, p. 20.
[74] ĠU L 131, 1.6.2000, p. 43.
[75] ĠU L 176, 10.7.1999, p. 36.
[76] ĠU L 176, 10.7.1999, p. 31.

pajjiż terz jew persuna apolida (riformulazzjoni)], dan ir-Regolament jikkostitwixxi miżura ġdida skont it-tifsira tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Iżlanda u r-Renju tan-Norveġja dwar il-kriterji u l-mekkaniżmi sabiex jiġi stabbilit l-Istat responsabbli biex jeżamina talba għall-ażil iddepożitata fi Stat Membru jew fl-Iżlanda jew fin-Norveġja[77]. Konsegwentement, soġġetti għad-deċiżjoni tagħhom li jimplimentawh fl-ordni ġuridiku intern tagħhom, jenħtieġ li d-delegazzjonijiet tar-Repubblika tal-Iżlanda u tar-Renju tan-Norveġja jipparteċipaw fil-Bord tat-Tmexxija tal-Aġenzija. Sabiex jiġu ddeterminati r-regoli dettaljati ulterjuri li jippermettu l-parteċipazzjoni tar-Repubblika tal-Iżlanda u tar-Renju tan-Norveġja fl-attivitajiet tal-Aġenzija, jenħtieġ li jiġi konkluż arranġament ieħor bejn l-Unjoni u dawn l-Istati.

(48) Fir-rigward tal-Iżvizzera, dan ir-Regolament jikkostitwixxi, safejn jirrigwardja s-SIS II u l-VIS, [l-EES] [u l-ETIAS] żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen skont it-tifsira tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen[78] li jaqgħu taħt il-qasam imsemmi fl-Artikolu 1, il-punti A, B u G tad-Deċiżjoni 1999/437/KE li jinqara flimkien mal-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/146/KE[79]. Fir-rigward tal-Eurodac [u s-sistema awtomatizzata għar-reġistrazzjoni, il-monitoraġġ u l-mekkaniżmu ta' allokazzjoni għall-applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali msemmija fl-Artikolu 44 tar-Regolament (UE) XX/XX li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi sabiex jiġi ddeterminat liema hu l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali ddepożitata f'wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida (riformulazzjoni)], dan ir-Regolament jikkostitwixxi miżura ġdida b'rabta mal-Eurodac skont it-tifsira tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera rigward il-kriterji u l-mekkaniżmi sabiex jiġi stabbilit l-Istat responsabbli biex jeżamina talba għall-ażil iddepożitata fi Stat Membru jew fl-Iżvizzera[80]. Konsegwentement, soġġetti għad-deċiżjoni tagħha li timplimentah fl-ordni ġuridiku intern tagħha, jenħtieġ li d-delegazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera tipparteċipa fil-Bord tat-Tmexxija tal-Aġenzija. Sabiex jiġu ddeterminati r-regoli dettaljati ulterjuri li jippermettu l-parteċipazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera fl-attivitajiet tal-Aġenzija, jenħtieġ li jiġi konkluż arranġament ieħor bejn l-Unjoni u l-Konfederazzjoni Żvizzera.

(49) Fir-rigward tal-Liechtenstein, dan ir-Regolament jikkostitwixxi, f'dak li jirrigwardja s-SIS II u l-VIS, [l-EES] [u l-ETIAS] żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen skont it-tifsira tal-Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea, il-Konfederazzjoni Żvizzera u l-Prinċipat tal-Liechtenstein dwar l-adeżjoni tal-Prinċipat tal-Liechtenstein mal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen[81] li jaqgħu fil-qasam imsemmi fl-Artikolu 1, il-punti A, B u G tad-Deċiżjoni 1999/437/KE li jinqara' flimkien mal-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/350/UE[82]. Fir-rigward tal-Eurodac [u s-sistema awtomatizzata għar-reġistrazzjoni, il-monitoraġġ u l-mekkaniżmu ta' allokazzjoni għall-applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali msemmija fl-Artikolu 44 tar-Regolament (UE) XX/XX li jistabbilixxi l-kriterji u l-

[77] ĠU L 93, 3.4.2001, p. 40.
[78] ĠU L 53, 27.2.2008, p. 52.
[79] ĠU L 53, 27.2.2008, p. 1.
[80] ĠU L 53, 27.2.2008, p. 5.
[81] ĠU L 160, 18.6.2011, p. 21.
[82] ĠU L 160, 18.6.2011, p. 19.

mekkaniżmi sabiex jiġi ddeterminat liema hu l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali ddepożitata f'wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida (riformulazzjoni)], dan ir-Regolament jikkostitwixxi miżura ġdida skont it-tifsira tal-Protokoll bejn il-Komunità Ewropea, il-Konfederazzjoni Żvizzera u l-Prinċipat tal-Liechtenstein dwar l-adeżjoni tal-Prinċipat tal-Liechtenstein mal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kriterji u l-mekkaniżmi sabiex jiġi stabbilit l-Istat responsabbli biex jeżamina talba għall-ażil iddepożitata fi Stat Membru jew fl-Iżvizzera[83]. Konsegwentement, jenħtieġ li d-delegazzjoni tal-Prinċipat tal-Liechtenstein tipparteċipa fil-Bord tat-Tmexxija tal-Aġenzija. Sabiex jiġu ddeterminati r-regoli dettaljati ulterjuri li jippermettu l-parteċipazzjoni tal-Prinċipat tal-Liechtenstein fl-attivitajiet tal-Aġenzija, jenħtieġ li jiġi konkluż arranġament ieħor bejn l-Unjoni u l-Prinċipat tal-Liechtenstein,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

KAPITOLU I
SUĠĠETT

Artikolu 1
Suġġett

1. Dan ir-Regolament jikkonċerna l-aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-tmexxija operattiva tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja (l-Aġenzija), li ġiet stabbilita mir-Regolament (UE) Nru 1077/2011.

2. L-Aġenzija għandha tkun responsabbli għat-tmexxija operattiva tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS), tas-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS) u tal-Eurodac.

3. [L-Aġenzija għandha tkun responsabbli għat-tħejjija, għall-iżvilupp u/jew għat-tmexxija operattiva ta' [is-Sistema ta' Dħul/Ħruġ (EES)][84], [DubliNet][85], [is-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar (ETIAS][86], [is-sistema awtomatizzata għar-reġistrazzjoni, il-monitoraġġ u l-mekkaniżmu ta' allokazzjoni għall-applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali][87] u [s-sistema *ECRIS-TCN* u l-implimentazzjoni tar-referenza għal ECRIS[88]].

4. L-Aġenzija tista' ssir ukoll responsabbli għat-tħejjija, għall-iżvilupp u/jew għat-tmexxija operattiva tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja minbarra dawk imsemmija fil-paragrafi 2 u 3, inklużi s-sistemi eżistenti, biss jekk dan ikun previst mill-istrumenti leġiżlattivi rilevanti, abbażi tal-Artikoli 67 sa 89 tat-TFUE, billi jittieħdu f'kunsiderazzjoni, fejn xieraq, l-iżviluppi fir-riċerka

---

[83] ĠU L 160, 18.6.2011, p. 39.

[84] L-emendi li jikkonċernaw l-EES ġew previsti fil-proposta tal-EES. Huma jistgħu jkunu soġġetti għal emendi fil-proċess tal-finalizzazzjoni tan-negozjati mal-PE u mal-Kunsill.

[85] L-emendi fir-Regolament tal-eu-LISA dwar DubliNet ġew previsti fil-proposta tar-riformulazzjoni tal-Eurodac u huma soġġetti għall-adozzjoni ta' dik il-proposta.

[86] L-emendi fir-Regolament tal-eu-LISA dwar l-ETIAS ma ġewx previsti fil-proposta tal-ETIAS, iżda setgħu jiddaħħlu matul in-negozjati tat-test. Fi kwalunkwe każ, huma soġġetti għall-adozzjoni ta' dik il-proposta.

[87] L-emendi fir-Regolament tal-eu-LISA ma ddaħħlux fil-proposta tar-riformulazzjoni ta' Dublin u, fi kwalunkwe każ, se jkunu soġġetti għall-adozzjoni ta' dik il-proposta.

[88] L-emendi fir-Regolament tal-eu-LISA ddaħħlu fil-proposti ta' ECRIS-TCN u huma soġġetti għall-adozzjoni ta' dik il-proposta.

msemmija fl-Artikolu 10 ta' dan ir-Regolament u r-riżultati tal-proġetti pilota u l-provi tal-kunċett imsemmija fl-Artikolu 11 ta' dan ir-Regolament.

5. It-tmexxija operattiva għandha tikkonsisti fil-kompiti kollha meħtieġa sabiex is-sistemi tal-IT fuq skala kbira jinżammu jiffunzjonaw f'konformità mad-dispożizzjonijiet speċifiċi applikabbli għal kull waħda minnhom, inkluża r-responsabbiltà għall-infrastruttura ta' komunikazzjoni użata minnhom. Dawk is-sistemi tal-IT fuq skala kbira ma għandhomx jiskambjaw *data* jew jippermettu l-kondiviżjoni ta' informazzjoni jew għarfien, sakemm dan ma jkunx stabbilit f'bażi legali speċifika.

6. L-Aġenzija għandha tkun responsabbli wkoll għall-kompiti li ġejjin:

– l-iżgurar tal-kwalità tad-*data* b'konformità mal-Artikolu 8;

– l-iżvilupp tal-azzjonijiet meħtieġa li jippermettu l-interoperabbiltà b'konformità mal-Artikolu 9;

– it-twettiq tal-attivitajiet ta' riċerka b'konformità mal-Artikolu 10;

– it-twettiq ta' proġetti pilota, provi tal-kunċett u attivitajiet ta' ttestjar b'konformità mal-Artikolu 11, u

– l-għoti ta' appoġġ lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni b'konformità mal-Artikolu 12.

Artikolu 2
Objettivi

Mingħajr preġudizzju għar-responsabbiltajiet rispettivi tal-Kummissjoni u tal-Istati Membri skont l-istrumenti leġiżlattivi li jirregolaw is-sistemi tal-IT fuq skala kbira, l-Aġenzija għandha tiżgura:

(a) l-iżvilupp ta' sistemi tal-IT fuq skala kbira bl-użu ta' struttura adegwata għat-tmexxija tal-proġetti għal sistemi tal-IT fuq skala kbira li qed jiżviluppaw b'mod effiċjenti;

(b) it-tħaddim effettiv, sigur u kontinwu tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira;

(c) it-tmexxija effiċjenti u finanzjarjament responsabbli tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira;

(d) kwalità adegwatament għolja tas-servizz għall-utenti tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira;

(e) kontinwità u servizz mingħajr interruzzjoni;

(f) livell għoli ta' protezzjoni tad-*data*, f'konformità mar-regoli applikabbli, inklużi dispożizzjonijiet speċifiċi għal kull sistema tal-IT fuq skala kbira;

(g) livell xieraq ta' sigurtà tad-*data* u fiżika, f'konformità mar-regoli applikabbli, inklużi dispożizzjonijiet speċifiċi għal kull sistema tal-IT fuq skala kbira.

KAPITOLU II
KOMPITI TAL-AĠENZIJA

Artikolu 3
Kompiti relatati mas-SIS

Fir-rigward tas-SIS II, l-Aġenzija għandha twettaq:

(a) il-kompiti konferiti fuq l-Awtorità tat-Tmexxija mir-Regolament (KE) Nru 1987/2006 u mid-Deċiżjoni 2007/533/ĠAI [jew mir-Regolament XX ta' XX tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS) fil-qasam tal-kontrolli fil-fruntieri, li jemenda r-Regolament (UE) 515/2014 u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1987/2006; mir-Regolament XX ta' XX tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS) fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija f'materji kriminali, li jemenda r-Regolament (UE) Nru 515/2014 u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1986/2006, id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/533/ĠAI u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/261/UE u mir-Regolament XX ta' XX tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen għar-ritorn taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi b'residenza illegali];

(b) il-kompiti relatati ma' taħriġ dwar l-użu tekniku tas-SIS II, b'mod partikolari għall-persunal tas-SIRENE (SIRENE - Talba għal Informazzjoni Supplimentari fid-Dħul Nazzjonali) u taħriġ ta' esperti dwar l-aspetti tekniċi tas-SIS II fil-qafas tal-evalwazzjoni ta' Schengen.

Artikolu 4
Kompiti relatati mal-VIS

Fir-rigward tas-SIS II, l-Aġenzija għandha twettaq:

(a) il-kompiti konferiti fuq l-Awtorità ta' Tmexxija bir-Regolament (KE) Nru 767/2008 u d-Deċiżjoni 2008/633/ĠAI;

(b) il-kompiti relatati ma' taħriġ dwar l-użu tekniku tal-VIS.

Artikolu 5
Kompiti relatati mal-Eurodac

Fir-rigward tal-Eurodac, l-Aġenzija għandha twettaq:

(a) il-kompiti mogħtija lilha mir-Regolament (UE) Nru 603/2013 [jew mir-Regolament XX ta' XX dwar l-istabbiliment tal-'Eurodac' għat-tqabbil ta' marki tas-swaba' għall-applikazzjoni effettiva tar-[Regolament (UE) Nru 604/2013 li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi sabiex jiġi ddeterminat liema hu l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali ddepożitata f'wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida], għall-identifikazzjoni ta' ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida b'residenza illegali u dwar talbiet għat-tqabbil ma' *data* tal-Eurodac mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri u mill-Europol għall-finijiet ta' infurzar tal-liġi (riformulazzjoni)];

(b) il-kompiti relatati ma' taħriġ dwar l-użu tekniku tal-Eurodac.

[Artikolu 5a
Kompiti relatati mal-EES

Fir-rigward tal-EES, l-Aġenzija għandha twettaq:

(a) il-kompiti mogħtija lilha mir-Regolament (UE) XXX/20XX tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [ta' X.X.X li jistabbilixxi Sistema ta' Dħul/Ħruġ sabiex tiġi rreġistrata d-data ta' dħul u ħruġ u d-data tar-rifjut tad-dħul ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jaqsmu l-fruntieri esterni tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea u jiġu ddeterminati l-kundizzjonijiet għall-aċċess fl-EES għall-finijiet tal-infurzar tal-liġi u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 767/2008 u r-Regolament (UE) Nru 1077/2011 (COM(2016) 194 finali – 2016/0106 COD)];

(b) il-kompiti relatati ma' taħriġ dwar l-użu tekniku tal-EES.]

[Artikolu 5b
Kompiti relatati mal-ETIAS

Fir-rigward tal-ETIAS, l-Aġenzija għandha twettaq:

(a) il-kompiti mogħtija lilha mir-[Regolament (UE) XXX/20XX tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi s-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar (ETIAS) u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 515/2014, (UE) 2016/399, (UE) 2016/794 u (UE) 2016/1624 (COM(2016) 731 finali - 2016/0357 (COD)];

(b) kompiti relatati ma' taħriġ dwar l-użu tekniku tal-ETIAS.]

[Artikolu 5ċ
Kompiti relatati ma' DubliNet

Fir-rigward ta' DubliNet, l-Aġenzija għandha twettaq:

(a) il-kompiti mogħtija lilha mir-[Regolament (UE) Nru XX ta' XX dwar l-istabbiliment tal-'Eurodac' għat-tqabbil ta' marki tas-swaba' għall-applikazzjoni effettiva tar-[Regolament (UE) Nru 604/2013 li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi sabiex jiġi ddeterminat liema hu l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali ddepożitata f'wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida], għall-identifikazzjoni ta' ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida b'residenza illegali u dwar talbiet għat-tqabbil ma' *data* tal-Eurodac mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri u mill-Europol għall-finijiet ta' infurzar tal-liġi (riformulazzjoni) (COM(2016) 272 finali – 2016/0132 (COD)].

(b) kompiti relatati ma' taħriġ dwar l-użu tekniku ta' DubliNet.]

[Artikolu 5d
Kompiti relatati mas-sistema awtomatizzata għar-reġistrazzjoni, il-monitoraġġ u l-mekkaniżmu ta' allokazzjoni għall-applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali

Fir-rigward tas-sistema awtomatizzata għar-reġistrazzjoni, il-monitoraġġ u l-mekkaniżmu ta' allokazzjoni għall-applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali msemmija fl-Artikolu 44 tar-Regolament (UE) XX/20XX [*li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi sabiex jiġi ddeterminat liema hu l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali ddepożitata f'wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż*

terz jew persuna apolida (riformulazzjoni) COM(2016) 270 finali - 2016/0133(COD)], l-Aġenzija għandha twettaq:

(a) il-kompiti mogħtija lilha minn dak ir-Regolament [*li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi sabiex jiġi ddeterminat liema hu l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali ddepożitata f'wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida (riformulazzjoni) COM(2016) 270 finali - 2016/0133(COD)*];

(b) il-kompiti relatati ma' taħriġ dwar l-użu tekniku tas-sistema awtomatizzata għar-reġistrazzjoni, il-monitoraġġ u l-mekkaniżmu ta' allokazzjoni għall-applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali.]

[Artikolu 5e

Kompiti relatati mas-sistema ECRIS-TCN

Fir-rigward tas-sistema ECRIS-TCN, l-Aġenzija għandha twettaq:

(a) il-kompiti mogħtija lilha mir-Regolament XX/XXX [*li jistabbilixxi sistema ċentralizzata għall-identifikazzjoni tal-Istati Membri li għandhom informazzjoni dwar il-kundanna ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi (TCN) u persuni apolidi sabiex jissupplimentaw u jappoġġjaw is-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali (ECRIS) u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1077/2011 (is-sistema ECRIS-TCN)*, inklużi l-iżvilupp ulterjuri u l-manutenzjoni tal-implimentazzjoni tar-referenza għal ECRIS.];

(b) il-kompiti relatati ma' taħriġ dwar l-użu tekniku tas-sistema ECRIS-TCN u l-implimentazzjoni tar-referenza għal ECRIS.]

Artikolu 6

Kompiti relatati mat-tħejjija, l-iżvilupp u t-tmexxija operattiva ta' sistemi tal-IT oħrajn fuq skala kbira

Meta tiġi fdata bit-tħejjija, bl-iżvilupp jew bit-tmexxija operattiva ta' sistemi tal-IT oħrajn fuq skala kbira msemmija fl-Artikolu 1(4), l-Aġenzija għandha twettaq il-kompiti mogħtija lilha skont l-istrument leġiżlattiv li jirregola s-sistema rilevanti, kif ukoll il-kompiti relatati ma' taħriġ dwar l-użu tekniku ta' dawk is-sistemi, kif xieraq.

Artikolu 7

Kompiti relatati mal-infrastruttura tal-komunikazzjoni

1. L-Aġenzija għandha twettaq il-kompiti kollha relatati mal-infrastrutturi ta' komunikazzjoni tas-sistemi mħaddma mill-Aġenzija mogħtija lilha mill-istrumenti leġiżlattivi li jirregolaw is-sistemi tal-IT fuq skala kbira mħaddma mill-Aġenzija, bl-eċċezzjoni ta' dawk is-sistemi li jagħmlu użu mill-EuroDomain għall-infrastruttura ta' komunikazzjoni tagħhom li għaliha għandha tkun responsabbli l-Kummissjoni għall-kompiti tal-implimentazzjoni tal-baġit, l-akkwiżizzjoni u t-tiġdid u l-kwistjonijiet kuntrattwali. Skont l-istrumenti leġiżlattivi li jirregolaw is-sistemi li jużaw l-EuroDomain[89], il-kompiti li jirrigwardjaw l-infrastruttura tal-komunikazzjoni (inkluża t-tmexxija operattiva u s-sigurtà) huma maqsuma bejn l-Aġenzija u l-Kummissjoni. Sabiex tiġi żgurata l-koerenza bejn l-eżerċitar tar-responsabbiltajiet

[89] Bħalissa, dan japplikaw biss għall-Eurodac, iżda s-sistema ECRIS-TCN se tuża wkoll l-EuroDomain.

rispettivi tagħhom, saru arranġamenti operattivi ta' ħidma bejn l-Aġenzija u l-Kummissjoni, li kienu riflessi f'Memorandum ta' Qbil.

2. L-infrastruttura tal-komunikazzjoni għandha tiġi ġestita u kkontrollata b'mod adegwat b'tali mod li tkun protetta mit-theddid u sabiex tiġi żgurata s-sigurtà tagħha u tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira li għalihom hija responsabbli l-Aġenzija, inkluża dik tad-*data* skambjata permezz tal-infrastruttura ta' komunikazzjoni.

3. Għandhom jiġu adottati miżuri xierqa mill-Aġenzija, inklużi pjanijiet ta' sigurtà, fost l-oħrajn, sabiex jiġu evitati l-qari, l-ikkopjar, il-modifika u t-tħassir mhux awtorizzati ta' *data* personali matul it-trasferimenti ta' *data* personali jew it-trasport ta' mezzi tad-*data*, b'mod partikolari permezz ta' tekniki ta' kriptaġġ xierqa. L-informazzjoni operattiva kollha relatata mas-sistema li tiċċirkola fl-infrastruttura tal-komunikazzjoni għandha tiġi kkriptata.

4. Il-kompiti relatati mat-tmexxija operattiva tal-infrastruttra tal-komunikazzjoni tista' tiġi fdata lil entitajiet jew korpi esterni fis-settur privat b'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012. F'każ bħal dan, il-fornitur tan-netwerk għandu jkun marbut bil-miżuri ta' sigurtà msemmija fil-paragrafu 3 u bl-ebda mod ma għandu jkollu aċċess għad-*data* operattiva tas-SIS II, tal-VIS, tal-Eurodac, [tal-EES], [tal-ETIAS], [tas-sistema awtomatizzata għar-reġistrazzjoni, il-monitoraġġ u l-mekkaniżmu ta' allokazzjoni għall-applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali] [jew tas-sistema ECRIS-TCN] jew għall-iskambju tas-SIRENE relatat mal-SIS II.

5. Mingħajr preġudizzju għall-kuntratti eżistenti dwar l-infrastrutturi ta' komunikazzjoni tas-SIS II, tal-VIS u tal-Eurodac, il-ġestjoni tal-kodiċi kkriptati għandha tibqa' fil-kompetenza tal-Aġenzija u ma għandhiex tiġi esternalizzata lil xi entità esterna fis-settur privat.

Artikolu 8
*Il-kwalità tad-*data

L-Aġenzija, flimkien mal-Kummissjoni, għandha taħdem sabiex tistabbilixxi, għas-sistemi kollha taħt ir-responsabbiltà operattiva tal-Aġenzija, mekkaniżmi awtomatizzati għall-kontroll tal-kwalità tad-*data* u indikaturi komuni tal-kwalità tad-*data*, kif ukoll sabiex tiżviluppa repożitorju ċentrali għar-rapportar u l-istatistika, soġġetta għal emendi leġiżlattivi speċifiċi fl-istrumenti tas-sistemi eżistenti u/jew għal dispożizzjonijiet speċifiċi fi strumenti ġodda.

Artikolu 9
Interoperabilità

L-Aġenzija għandha tiżviluppa wkoll l-azzjonijiet meħtieġa sabiex tippermetti l-interoperabbiltà tas-sistemi, soġġetta, fejn meħtieġ, għall-adozzjoni tal-istrumenti leġiżlattivi rilevanti.

Artikolu 10
Monitoraġġ tar-Riċerka

1. L-Aġenzija għandha timmonitorja l-iżviluppi fir-riċerka rilevanti għat-tmexxija operattiva ta' SIS II, VIS, Eurodac, [EES], [ETIAS], [is-sistema awtomatizzata għar-reġistrazzjoni, il-monitoraġġ u l-mekkaniżmu ta' allokazzjoni għall-applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali, is-[sistema ECRIS-TCN] u sistemi tal-IT oħrajn fuq skala kbira msemmija fl-Artikolu 1(4).

2. L-Aġenzija tista' tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-partijiet tal-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni li jirrigwardjaw is-sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja. Għal dak il-għan, u fejn il-Kummissjoni tkun iddelegat is-setgħat rilevanti lilha, l-Aġenzija għandu jkollha l-kompiti li ġejjin:

(a) tiġġestixxi xi stadji tal-implimentazzjoni tal-programm u xi fażijiet tul il-ħajja ta' proġetti speċifiċi fuq il-bażi tal-programmi ta' ħidma rilevanti adottati mill-Kummissjoni;

(b) tadotta l-istrumenti tal-eżekuzzjoni tal-baġit għad-dħul u l-infiq u twettaq l-operazzjonijiet kollha meħtieġa għat-tmexxija tal-programm;

(c) tipprovdi appoġġ fl-implimentazzjoni tal-programm.

3. L-Aġenzija għandha, fuq bażi regolari, iżżomm lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u, f'dak li jirrigwardja kwistjonijiet ta' protezzjoni tad-*data*, lill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* infurmati bl-iżviluppi msemmija fil-paragrafu 1.

Artikolu 11
Proġetti pilota, provi tal-kunċett u attivitajiet ta' ttestjar

1. Fuq it-talba speċifika u preċiża tal-Kummissjoni, li għandha tkun infurmat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill mill-inqas 3 xhur bil-quddiem, u wara deċiżjoni mill-Bord tat-Tmexxija, l-Aġenzija tista', b'konformità mal-Artikolu 15(1)(s)) ta' dan ir-Regolament, twettaq il-proġetti pilota msemmija fl-Artikolu 54(2)(a) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 għall-iżvilupp jew għat-tmexxija operattiva ta' sistemi tal-IT fuq skala kbira, fl-applikazzjoni tal-Artikoli 67 sa 89 tat-TFUE, b'konformità mal-Artikolu 58(1)(ċ) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012, permezz ta' ftehim ta' delega.

L-Aġenzija għandha żżomm lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u, f'dak li jirrigwardja kwistjonijiet ta' protezzjoni tad-*data*, lill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data*, infurmati fuq bażi regolari bl-evoluzzjoni tal-proġetti pilota msemmija fl-ewwel subparagrafu.

2. L-approprjazzjonijiet finanzjarji għall-proġetti pilota msemmija fl-Artikolu 54(2)(a) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012, kif mitluba mill-Kummissjoni, għandhom jiddaħħlu fil-baġit għal mhux aktar minn sentejn finanzjarji konsekuttivi.

3. Fuq talba tal-Kummissjoni jew tal-Kunsill u wara deċiżjoni tal-Bord tat-Tmexxija, l-Aġenzija tista' tiġi fdata b'kompiti ta' implimentazzjoni baġitarja għall-provi tal-kunċett iffinanzjati taħt l-istrument għall-appoġġ finanzjarju għall-fruntieri esterni u l-viża previsti fir-Regolament (UE) Nru 515/2014 b'konformità mal-Artikolu 58(1)(ċ) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012, permezz ta' ftehim ta' delega.

4. L-Aġenzija tista' tippjana u timplimenta attivitajiet ta' ttestjar fuq kwistjonijiet koperti minn dan ir-Regolament u l-istrumenti leġiżlattivi li jirregolaw l-iżvilupp, l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira ġestiti mill-Aġenzija wara deċiżjoni tal-Bord tat-Tmexxija.

Artikolu 12
Appoġġ lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni

1. L-Aġenzija tista' tintalab tipprovdi pariri lill-Istati Membri fir-rigward tal-konnessjoni tas-sistemi nazzjonali mas-sistemi ċentrali, kif ukoll appoġġ ad hoc lill-Istati Membri. It-talbiet għal appoġġ ad hoc għandhom jiġu sottomessi lill-Kummissjoni, li min-naħa tagħha għandha tibgħathom lill-Aġenzija. Hija tista' tintalab tipprovdi wkoll pariri jew appoġġ lill-Kummissjoni dwar kwistjonijiet tekniċi relatati mas-sistemi eżistenti jew ġodda, inkluż permezz ta' studji u ttestjar.

2. L-Aġenzija tista' tkun inkarigata wkoll li tiżviluppa, tiġġestixxi u/jew tospita sistema tal-IT komuni minn grupp ta' mill-inqas sitt Stati Membri li jagħżlu, fuq bażi volontarja, soluzzjoni ċentralizzata li tgħinhom fl-implimentazzjoni tal-aspetti tekniċi tal-obbligi li jirriżultaw mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar is-sistemi deċentralizzati fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, soġġetta għal approvazzjoni minn qabel mill-Kummissjoni u wara deċiżjoni tal-Bord tat-Tmexxija. F'każ bħal dan, l-Istati Membri kkonċernati għandhom jafdaw lill-Aġenzija b'dawk il-kompiti permezz ta' ftehim ta' delega li jinkludi l-kundizzjonijiet għad-delega u li jistabbilixxi l-kalkolu tal-ispejjeż kollha rilevanti u l-metodu tal-fatturazzjoni.

KAPITOLU III
STRUTTURA U ORGANIZZAZZJONI

Artikolu 13
Status legali u sede

1. L-Aġenzija għandha tkun korp tal-Unjoni u għandu jkollha personalità ġuridika.

2. F'kull wieħed mill-Istati Membri, l-Aġenzija għandha tgawdi mill-aktar kapaċità legali estensiva mogħtija lil persuni ġuridiċi skont il-liġi nazzjonali. Hija tista', b'mod partikolari, takkwista proprjetà mobbli jew immobbli jew tiddisponi minnha u tkun parti fil-proċedimenti legali.

3. L-Aġenzija għandha tkun irrappreżentata mid-Direttur Eżekuttiv tagħha.

4. Is-sede tal-Aġenzija għandha tkun Tallinn, fl-Estonja.

   Il-kompiti relatati mal-iżvilupp u t-tmexxija operattiva msemmija fl-Artikolu 1(3) u (4) u fl-Artikoli 3, 4, 5, [5a], [5b], [5c], [5d], [5e], 6 u 7 għandhom jitwettqu fi Strasburgu, Franza.

   Fejn ikun previst sit ta' riżerva jew sit tekniku sekondarju fl-istrumenti leġiżlattivi li jirregolaw l-iżvilupp, l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu ta' kull waħda mis-sistemi, dan is-sit għandu jiġi installat f'Sankt Johann im Pongau, l-Awstrija.

5. Iż-żewġ siti tekniċi jistgħu jintużaw simultanjament għat-tħaddim attiv tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira, bil-kundizzjoni li t-tieni sit jibqa' kapaċi jiżgura t-tħaddim tagħhom f'każ ta' ħsara f'waħda jew aktar mis-sistemi. Ma jista' jiġi stabbilit ebda sit tekniku ieħor mingħajr emenda f'dan ir-Regolament.

Artikolu 14
Struttura

1. L-istruttura amministrattiva u maniġerjali tal-Aġenzija għandha tinkludi:

   (a) Bord tat-Tmexxija;

(b) Direttur Eżekuttiv;

(c) Gruppi Konsultattivi.

2. L-istruttura tal-Aġenzija għandha tinkludi:

(a) Uffiċjal għall-Protezzjoni tad-*Data*;

(b) Uffiċjal tas-Sigurtà;

(c) Uffiċjal tal-Kontabbiltà.

Artikolu 15
Funzjonijiet tal-Bord tat-Tmexxija

1. Il-Bord tat-Tmexxija għandu:

(a) jagħti l-orjentazzjonijiet ġenerali għall-attivitajiet tal-Aġenzija;

(b) jadotta, b'maġġoranza ta' żewġ terzi tal-membri tiegħu intitolati għall-vot, il-baġit annwali tal-Aġenzija u jeżerċita funzjonijiet oħrajn fir-rigward tal-baġit tal-Aġenzija skont il-Kapitolu V;

(c) jaħtar id-Direttur Eżekuttiv u, fejn ikun rilevanti, jestendi l-mandat tiegħu/tagħha jew itemmlu/itemmilha l-mandat, b'konformità mal-Artikolu 22;

(d) jeżerċita awtorità dixxiplinarja fuq id-Direttur Eżekuttiv u jissorvelja l-prestazzjoni tiegħu, inkluża l-implimentazzjoni tad-deċiżjonijiet tal-Bord tat-Tmexxija;

(e) jieħu d-deċiżjonijiet kollha dwar l-istabbiliment tal-istruttura organizzazzjonali tal-Aġenzija u, fejn meħtieġ, il-modifika tagħhom, filwaqt li jqis il-ħtiġijiet tal-attività tal-Aġenzija kif ukoll il-ġestjoni baġitarja soda;

(f) jadotta l-Politika dwar il-Persunal tal-Aġenzija;

(g) jistabbilixxi r-regoli ta' proċedura tal-Aġenzija;

(h) jadotta strateġija kontra l-frodi, li tkun proporzjonata mar-riskji ta' frodi, filwaqt li jqis l-ispejjeż u l-benefiċċji tal-miżuri li jkunu se jiġu implimentati;

(i) jadotta regoli għall-prevenzjoni u l-ġestjoni tal-kunflitti ta' interess fir-rigward tal-membri tiegħu;

(j) jawtorizza l-konklużjoni ta' arranġamenti tax-xogħol b'konformità mal-Artikolu 37;

(k) japprova, wara proposta mid-Direttur Eżekuttiv, il-Ftehim dwar il-Kwartieri Ġenerali li jikkonċerna s-sede tal-Aġenzija u Ftehimiet li jikkonċernaw is-siti tekniċi u ta' riżerva stabbilti b'konformità mal-Artikolu 13(4) li jridu jiġu ffirmati mid-Direttur Eżekuttiv mal-Istati Membri ospitanti;

(l) b'konformità mal-paragrafu 2, jeżerċita, fir-rigward tal-persunal tal-Aġenzija, is-setgħat mogħtija mir-Regolamenti tal-Persunal lill-Awtorità tal-Ħatra u bil-Kundizzjonijiet tax-Xogħol ta' Impjegati Oħrajn fuq l-Awtorità li Għandha s-Setgħa Tikkonkludi Kuntratt ta' Impieg ("is-setgħat tal-awtorità tal-ħatra");

(m) bi qbil mal-Kummissjoni, jadotta r-regoli ta' implimentazzjoni meħtieġa sabiex jiddaħħlu fis-seħħ ir-Regolamenti tal-Persunal u l-Kundizzjonijiet tax-Xogħol ta' Impjegati Oħrajn b'konformità mal-Artikolu 110 tar-Regolamenti tal-Persunal;

(n) jadotta r-regoli meħtieġa dwar l-issekondar ta' esperti nazzjonali għall-Aġenzija;

(o) jadotta abbozz tal-estimi tad-dħul u tal-infiq tal-Aġenzija, inkluż il-pjan ta' stabbiliment provviżorju, u jibgħathom lill-Kummissjoni sal-31 ta' Jannar ta' kull sena;

(p) jadotta l-abbozz ta' dokument uniku ta' programmazzjoni, li jkun fih il-programmazzjoni pluriennali tal-Aġenzija u l-programm ta' ħidma tagħha għas-sena ta' wara, kif ukoll abbozz tal-estimi provviżorji tad-dħul u tal-infiq tal-Aġenzija, inkluż il-pjan ta' stabbiliment provviżorju, u jibagħtu lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni sal-31 ta' Jannar ta' kull sena, flimkien ma' kwalunkwe verżjoni aġġornata ta' dak id-dokument;

(q) Qabel it-30 ta' Novembru ta' kull sena, jadotta, b'maġġoranza ta' żewġ terzi tal-membri tiegħu bid-dritt għall-vot u b'konformità mal-proċedura baġitarja annwali, id-dokument uniku ta' programmazzjoni, filwaqt li jqis l-opinjoni tal-Kummissjoni u jiżgura li l-verżjoni definittiva ta' dan id-dokument uniku ta' programmazzjoni tintbagħat lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni u li tiġi ppubblikata;

(r) jadotta rapport interim sal-aħħar ta' Awwissu ta' kull sena dwar il-progress fuq l-implimentazzjoni tal-attivitajiet ippjanati tas-sena attwali u jibagħtu lill-Kummissjoni;

(s) jivvaluta u jadotta r-rapport annwali tal-attività kkonsolidat tal-attivitajiet tal-Aġenzija għas-sena preċedenti, billi jqabbel, b'mod partikolari, ir-riżultati miksuba mal-objettivi tal-programm ta' ħidma annwali u jibgħat kemm ir-rapport kif ukoll il-valutazzjoni tiegħu lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri sal-1 ta' Lulju ta' kull sena; ir-rapport annwali tal-attività għandu jiġi ppubblikat;

(t) iwettaq il-funzjonijiet tiegħu relatati mal-baġit tal-Aġenzija, inkluża l-implimentazzjoni ta' proġetti pilota u provi tal-kunċetti kif imsemmi fl-Artikolu 11;

(u) jadotta r-regoli finanzjarji applikabbli għall-Aġenzija b'konformità mal-Artikolu 44;

(v) jaħtar Uffiċjal tal-Kontabbiltà, li jista' jkun l-Uffiċjal tal-Kontabbiltà tal-Kummissjoni, soġġett għar-Regolamenti tal-Persunal u għall-Kundizzjonijiet tax-Xogħol, li għandu jkun totalment indipendenti fit-twettiq tad-dmirijiet tiegħu;

(w) jiżgura segwitu adegwat għas-sejbiet u għar-rakkomandazzjonijiet li joħorġu mid-diversi rapporti u evalwazzjonijiet tal-awditjar intern jew estern, kif ukoll minn investigazzjonijiet tal-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF);

(x) jadotta l-pjanijiet ta' komunikazzjoni u disseminazzjoni msemmija fl-Artikolu 30(4) u jaġġornahom regolarment;

(y) jadotta l-miżuri ta' sigurtà meħtieġa, inklużi pjan ta' sigurtà, pjan ta' kontinwità fin-negozju u pjan ta' rkupru minn diżastru, filwaqt li jqis ir-rakkomandazzjonijiet possibbli tal-esperti tas-sigurtà preżenti fil-Gruppi Konsultattivi;

(z) jadotta r-regoli ta' sigurtà dwar il-protezzjoni tal-informazzjoni kklassifikata u tal-informazzjoni sensittiva mhux ikklassifikata wara approvazzjoni mill-Kummissjoni;

(aa) jaħtar Uffiċjal tas-Sigurtà;

(bb) jaħtar Uffiċjal għall-Protezzjoni tad-*Data* b'konformità mar-Regolament (KE) Nru 45/2001;

(cc) jadotta r-regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001;

(dd) [jadotta r-rapporti dwar l-iżvilupp tal-EES skont l-Artikolu 64(2) tar-Regolament (UE) XX/XX ta' XXX li jistabbilixxi l-EES] [jadotta r-rapporti dwar l-iżvilupp tal-ETIAS skont l-Artikolu 81(2) tar-Regolament (UE) XX/XX ta' XXX li jistabbilixxi l-ETIAS].

(ee) [jadotta r-rapporti dwar l-iżvilupp tas-sistema ECRIS/TCN skont l-Artikolu 34(3) tar-Regolament (UE) XX/XXX li jistabbilixxi s-sistema ECRIS/TCN.];

(ff) jadotta r-rapporti dwar il-funzjonament tekniku tas-SIS II skont l-Artikolu 50(4) tar-Regolament (KE) Nru 1987/2006 u l-Artikolu 66(4) tad-Deċiżjoni 2007/533/ĠAI, rispettivament [jew l-Artikolu 54(7) tar-Regolament XX ta' XX tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS) fil-qasam tal-kontrolli fil-fruntieri, li jemenda r-Regolament (UE) Nru 515/2014 u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1987/2006 u l-Artikolu 71(7) tar-Regolament XX ta' XX tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS) fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija f'materji kriminali, li jemenda r-Regolament (UE) Nru 515/2014 u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1986/2006, id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/533/ĠAI u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/261/UE] u tal-VIS skont l-Artikolu 50(3) tar-Regolament (KE) Nru 767/2008 u l-Artikolu 17(3) tad-Deċiżjoni 2008/633/ĠAI, [tal-EES skont l-Artikolu 64(4) tar-Regolament (UE) XX/XX ta' XXX u tal-ETIAS skont l-Artikolu 81(4) tar-Regolament (UE) XX/XX ta' XXX, kif ukoll tas-sistema ECRIS-TCN u l-implimentazzjoni tar-referenza għal ECRIS skont l-Artikolu 34(4) tar-Regolament (UE) XX/XXX;

(gg) jadotta r-rapport annwali dwar l-attivitajiet tas-Sistema Ċentrali tal-Eurodac skont l-Artikolu 40(1) tar-Regolament (UE) Nru 603/2013 [jew l-Artikolu 42 tar-Regolament XX ta' XX dwar l-istabbiliment tal-'Eurodac' għat-tqabbil ta' marki tas-swaba' għall-applikazzjoni effettiva tar-[Regolament (UE) Nru 604/2013 li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi sabiex jiġi ddeterminat liema hu l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali ddepożitata f'wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida], għall-identifikazzjoni ta' ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida b'residenza illegali u dwar talbiet għat-tqabbil ma' *data* tal-Eurodac mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri u mill-Europol għall-finijiet ta' infurzar tal-liġi (riformulazzjoni)];

(hh) jadotta kummenti formali dwar ir-rapporti tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* dwar il-verifiki skont l-Artikolu 45(2) tar-Regolament (KE) Nru 1987/2006, l-Artikolu 42(2) tar-Regolament (KE)

Nru 767/2008 u l-Artikolu 31(2) tar-Regolament Nru 603/2013, [l-Artikolu 50(2) tar-Regolament (UE) XX/XX ta' XXX (li jistabbilixxi l-EES)] u [l-Artikolu 57 tar-Regolament (UE) XX/XX ta' XXX (li jistabbilixxi l-ETIAS)] u [l-Artikolu 27(2) tar-Regolament (UE) XX/XXXX (li jistabbilixxi s-sistema ECRIS-TCN)] u jiżgura li jsir segwitu xieraq ta' dawk il-verifiki;

(ii) jippubblika statistika relatata mas-SIS II skont l-Artikolu 50(3) tar-Regolament (KE) Nru 1987/2006 u l-Artikolu 66(3) tad-Deċiżjoni 2007/533/ĠAI, rispettivament;

(jj) jikkompila u jippubblika statistika dwar il-ħidma tas-Sistema Ċentrali tal-Eurodac skont l-Artikolu 8(2) tar-Regolament (UE) Nru 603/2013 [jew l-Artikolu 9(2) tar-Regolament XX ta' XX dwar l-istabbiliment tal-'Eurodac' għat-tqabbil ta' marki tas-swaba' għall-applikazzjoni effettiva tar-[Regolament (UE) Nru 604/2013 li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi sabiex jiġi ddeterminat liema hu l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali ddepożitata f'wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida], għall-identifikazzjoni ta' ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida b'residenza illegali u dwar talbiet għat-tqabbil ma' *data* tal-Eurodac mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri u mill-Europol għall-finijiet ta' infurzar tal-liġi (riformulazzjoni)];

(kk) [jippubblika statistika relatata mal-EES skont l-Artikolu 57 tar-Regolament (UE) XXX/XX li jistabbilixxi l-EES;]

(ll) [jippubblika statistika relatata mal-ETIAS skont l-Artikolu 73 tar-Regolament (UE) XX/XXX li jistabbilixxi l-ETIAS;]

(mm) [Jippubblika statistika relatata mas-sistema ECRIS-TCN u mal-implimentazzjoni tar-referenza għal ECRIS skont l-Artikolu 30 tar-Regolament XXXX/XX]

(nn) jiżgura l-pubblikazzjoni annwali tal-lista ta' awtoritajiet kompetenti awtorizzati sabiex ifittxu direttament id-*data* fis-SIS II skont l-Artikolu 31(8) tar-Regolament (KE) Nru 1987/2006 u l-Artikolu 46(8) tad-Deċiżjoni 2007/533/ĠAI, flimkien mal-lista ta' Uffiċċji tas-sistemi nazzjonali tas-SIS II (N.SIS II) u l-Uffiċċji ta' SIRENE msemmija fl-Artikolu 7(3) tar-Regolament (KE) Nru 1987/2006 u fl-Artikolu 7(3) tad-Deċiżjoni 2007/533/ĠAI, rispettivament [jew mill-Artikolu 36(8) tar-Regolament XX ta' XX tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS) fil-qasam tal-kontrolli fil-fruntieri, li jemenda r-Regolament (UE) Nru 515/2014 u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1987/2006 u mill-Artikolu 53(8) tar-Regolament XX ta' XX tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS) fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija f'materji kriminali, li jemenda r-Regolament (UE) Nru 515/2014 u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1986/2006, id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/533/ĠAI u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/261/UE flimkien mal-lista ta' Uffiċċji tas-sistemi nazzjonali tas-SIS II (N.SIS II) u tal-Uffiċċji ta' SIRENE msemmija fl-Artikolu 7(3) tar-Regolament XX ta' XX tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS) fil-qasam tal-kontrolli fil-fruntieri u fl-Artikolu 7(3) tar-Regolament XX ta' XX tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-Sistema ta'

Informazzjoni ta' Schengen (SIS) fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija f'materji kriminali, rispettivament; [kif ukoll il-lista ta' awtoritajiet kompetenti skont l-Artikolu 8(2) tar-Regolament (UE) XX/XXXX li jistabbilixxi l-EES]; [il-lista ta' awtoritajiet kompetenti skont l-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) XX/XXXX li jistabbilixxi l-ETIAS] u [l-lista ta' awtoritajiet kompetenti skont l-Artikolu 32 tar-Regolament XX/XXX li jistabbilixxi l-ECRIS-TCN};]

(oo) jiżgura l-pubblikazzjoni annwali tal-lista ta' unitajiet skont l-Artikolu 27(2) tar-Regolament (UE) Nru 603/2013;

(pp) jiżgura li d-deċiżjonijiet u l-azzjonijiet kollha tal-Aġenzija li jaffettwaw is-sistemi tal-IT fuq skala Ewropea fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja jirrispettaw il-prinċipju tal-indipendenza tal-ġudikatura;

(qq) iwettaq kull kompitu ieħor mogħti lilu b'konformità ma' dan ir-Regolament.

2. Il-Bord tat-Tmexxija għandu jadotta, b'konformità mal-Artikolu 110 tar-Regolamenti tal-Persunal, deċiżjoni bbażata fuq l-Artikolu 2(1) tar-Regolamenti tal-Persunal u l-Artikolu 6 tal-Kundizzjonijiet tax-Xogħol ta' Impjegati Oħrajn, filwaqt li jiddelega s-setgħat tal-awtorità tal-ħatra rilevanti lid-Direttur Eżekuttiv u jiddefenixxi l-kundizzjonijiet li permezz tagħhom din id-delega tas-setgħat tista' tiġi sospiża. Id-Direttur Eżekuttiv għandu jkun awtorizzat jissottodelega dawk is-setgħat.

Meta ċirkostanzi eċċezzjonali jirrikjedu dan, il-Bord tat-Tmexxija jista', permezz ta' deċiżjoni, jissospendi temporanjament id-delega tas-setgħat tal-awtorità tal-ħatra mogħtija lid-Direttur Eżekuttiv u dawk is-setgħat li jkunu ġew sottodelegati minn dan tal-aħħar u jeżerċitahom hu stess jew jiddelegahom lil wieħed mill-membri tiegħu jew lil membru tal-persunal li mhux id-Direttur Eżekuttiv.

3. Il-Bord tat-Tmexxija jista' jagħti pariri lid-Direttur Eżekuttiv dwar kwalunkwe kwistjoni strettament relatata mal-iżvilupp jew mat-tmexxija operattiva tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira u dwar l-attivitajiet relatati mar-riċerka, il-proġetti pilota, il-provi tal-kunċetti u l-attivitajiet ta' ttestjar.

Artikolu 17
Il-kompożizzjoni tal-Bord tat-Tmexxija

1. Il-Bord tat-Tmexxija għandu jkun magħmul minn rappreżentant wieħed minn kull Stat Membru u żewġ rappreżentanti tal-Kummissjoni, kollha bi dritt li jivvotaw, b'konformità mal-Artikolu 20.

2. Kull Membru tal-Bord tat-Tmexxija għandu jkollu sostitut. Is-sostitut għandu jirrappreżenta lill-membru fl-assenza tiegħu/tagħha. Il-membri tal-Bord tat-Tmexxija u s-sostituti tagħhom għandhom jinħatru abbażi tal-livell għoli tal-esperjenza u l-kompetenzi rilevanti tagħhom fil-qasam tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja u l-għarfien fil-protezzjoni tad-*data*, filwaqt li jitqiesu l-ħiliet maniġerjali, amministrattivi u baġitarji rilevanti tagħhom. Il-partijiet kollha rrappreżentati fil-Bord tat-Tmexxija għandhom jagħmlu sforzi sabiex jillimitaw id-dawrien tar-rappreżentanti tagħhom, bil-għan li jiżguraw il-kontinwità tal-ħidma tal-bord. Il-partijiet kollha għandhom jimmiraw li jiksbu rappreżentanza bbilanċjata bejn l-irġiel u n-nisa fuq il-Bord tat-Tmexxija.

3. Il-mandat tal-membri u tas-sostituti tagħhom għandu jkun ta' erba' snin, li jista' jiġi estiż. Mal-iskadenza tal-mandat tagħhom jew fil-każ tar-riżenja tagħhom, il-membri

għandhom jibqgħu fil-kariga sakemm jiġġeddu l-ħatriet tagħhom jew sakemm jiġu ssostitwiti.

4. Il-pajjiżi assoċjati mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen u l-miżuri relatati mal-Eurodac għandhom jieħdu sehem fl-attivitajiet tal-Aġenzija. Kull wieħed minnhom għandu jaħtar rappreżentant wieħed u sostitut fil-Bord tat-Tmexxija.

Artikolu 18
Il-President tal-Bord tat-Tmexxija

1. Il-Bord tat-Tmexxija għandu jeleġġi President u Viċi President minn fost dawk il-membri tal-Bord tat-Tmexxija li jinħatru mill-Istati Membri li huma marbutin b'mod sħiħ skont il-liġi tal-Unjoni bl-istrumenti leġiżlattivi li jirregolaw l-iżvilupp, l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-sistemi tal-IT kollha fuq skala kbira ġestiti mill-Aġenzija. Il-President u l-Viċi President għandhom jiġu eletti b'maġġoranza ta' żewġ terzi tal-membri tal-Bord tat-Tmexxija bid-drittijiet tal-vot.

   Il-Viċi President għandu jissostitwixxi awtomatikament lill-President jekk dan ma jkunx jista' jaqdi dmirijietu.

2. Il-mandat tal-President u tal-Viċi President għandu jkun ta' erba' snin. Il-mandat tagħhom jista' jiġġedded darba. Madankollu, jekk is-sħubija tagħhom fil-Bord tat-Tmexxija tintemm fi kwalunkwe żmien matul il-mandat tagħhom, il-mandat tagħhom għandu jiskadi awtomatikament f'dik id-data.

Artikolu 19
Laqgħat tal-Bord tat-Tmexxija

1. Il-laqgħat tal-Bord tat-Tmexxija għandhom jiġu msejħa mill-President.

2. Id-Direttur Eżekuttiv għandu jieħu sehem fid-deliberazzjonijiet, mingħajr ma jkollu d-dritt li jivvota.

3. Il-Bord tat-Tmexxija għandu jorganizza mill-inqas żewġ laqgħat ordinarji fis-sena. Barra minn hekk, dan għandu jiltaqa' fuq l-inizjattiva tal-President, fuq talba tal-Kummissjoni jew fuq talba ta' mill-inqas terz tal-membri tiegħu.

4. L-Europol u l-Eurojust jistgħu jattendu l-laqgħat tal-Bord tat-Tmexxija bħala osservaturi meta jkun hemm mistoqsija dwar is-SIS II, fir-rigward tal-applikazzjoni tad-Deċiżjoni 2007/533/ĠAI, fuq l-aġenda. [Il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta tista' tattendi l-laqgħat tal-Bord tat-Tmexxija bħala osservatur meta jkun hemm mistoqsija dwar is-SIS, fir-rigward tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2016/1624 jew tar-Regolament XXX ta' XXX,[90] fuq l-aġenda]. L-Europol jista' jattendi wkoll il-laqgħat tal-Bord tat-Tmexxija bħala osservatur meta jkun hemm mistoqsija dwar il-VIS, fir-rigward tal-applikazzjoni tad-Deċiżjoni 2008/633/ĠAI, jew meta jkun hemm mistoqsija li tikkonċerna l-Eurodac, fir-rigward tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 603/2013, fuq l-aġenda. [L-Europol jista' jattendi wkoll il-laqgħat tal-Bord tat-Tmexxija bħala osservatur meta jkun hemm

[90] Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS) fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija u tal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali, li jemenda r-Regolament (UE) 515/2014 u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1986/2006, id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/533/ĠAI u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/261/UE. COM(2016)883 finali.

mistoqsija dwar l-EES, fir-rigward tal-applikazzjoni tar-Regolament XX/XXXX (li jistabbilixxi l-EES), jew meta jkun hemm mistoqsija dwar l-ETIAS, fir-rigward tar-Regolament XX/XXXX (li jistabbilixxi l-ETIAS), fuq l-aġenda. Il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta tista' tattendi wkoll il-laqgħat tal-Bord tat-Tmexxija meta jkun hemm mistoqsija dwar l-ETIAS, fir-rigward tal-applikazzjoni tar-Regolament XX/XX ta' XXX, fuq l-aġenda.] [L-EASO jista' jattendi wkoll il-laqgħat tal-Bord tat-Tmexxija bħala osservatur meta jkun hemm mistoqsija dwar is-sistema awtomatizzata għar-reġistrazzjoni, il-monitoraġġ u l-mekkaniżmu ta' allokazzjoni għall-applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali msemmija fl-Artikolu 44 tar-Regolament (UE) li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi sabiex jiġi ddeterminat l-Istat Membri responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali ddepożitata f'wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida (riformulazzjoni) COM(2016) 270 finali - 2016/0133(COD), fuq l-aġenda.] [L-Eurojust, l-Europol [l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew] jistgħu jattendu wkoll il-laqgħat tal-Bord tat-Tmexxija bħala osservaturi meta jkun hemm kwistjoni dwar ir-Regolament XX/XXXX (li jistabbilixxi sistema ċentralizzata għall-identifikazzjoni tal-Istati Membri li għandhom informazzjoni dwar il-kundanna ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi (TCN) u persuni apolidi sabiex jissupplimentaw u jappoġġjaw is-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali (ECRIS) u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1077/2011 (is-sistema ECRIS-TCN) fuq l-aġenda.] Il-Bord tat-Tmexxija jista' jistieden lil kwalunkwe persuna oħra, li jista' jkollha opinjoni ta' interess, sabiex tattendi l-laqgħat tiegħu bħala osservatur.

5. Il-membri tal-Bord tat-Tmexxija u s-sostituti tagħhom jistgħu, soġġetti għar-Regoli ta' Proċedura tiegħu, jiġu assistiti minn konsulenti jew esperti li huma membri tal-Gruppi Konsultattivi.

6. L-Aġenzija għandha tipprovdi s-segretarjat għall-Bord tat-Tmexxija.

Artikolu 20
Regoli tal-Bord tat-Tmexxija dwar il-votazzjoni

1. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 5 ta' dan l-Artikolu, kif ukoll għall-Artikolu 15(1)(b) u għall-Artikolu 22(1) u (8), id-deċiżjonijiet tal-Bord tat-Tmexxija għandhom jittieħdu minn maġġoranza tal-membri kollha tiegħu li għandhom dritt għall-vot.

2. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 3, kull membru fil-Bord tat-Tmexxija għandu jkollu vot wieħed. Fin-nuqqas ta' membru bid-dritt tal-vot, is-sostitut tiegħu għandu jkun intitolat li jeżerċita d-dritt tal-vot tiegħu.

3. Kull membru maħtur minn Stat Membru, li huwa marbut skont il-liġi tal-Unjoni bi kwalunkwe strument leġiżlattiv li jirregola l-iżvilupp, l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu ta' sistema tal-IT fuq skala kbira ġestita mill-Aġenzija, jista' jivvota fuq kwistjoni li tikkonċerna dik is-sistema tal-IT fuq skala kbira.

   Id-Danimarka tista' tivvota fuq kwistjoni li tikkonċerna tali sistema tal-IT fuq skala kbira, jekk hija tiddeċiedi, skont l-Artikolu 4 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, li timplimenta l-istrument leġiżlattiv li jirregola l-iżvilupp, l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu ta' sistema tal-IT fuq skala kbira fil-liġi nazzjonali tagħha.

4. F’każ ta’ nuqqas ta’ qbil fost il-membri dwar jekk sistema speċifika tal-IT fuq skala kbira hijiex affettwata minn vot jew le, kwalunkwe deċiżjoni li din mhijiex daqstant affettwata għandha tittieħed minn maġġoranza ta’ żewġ terzi tal-membri tal-Bord tat-Tmexxija.

5. Il-President għandu jieħu sehem fil-votazzjoni.

6. Id-Direttur Eżekuttiv ma għandux jieħu sehem fil-votazzjoni.

7. Ir-regoli ta’ proċedura tal-Bord tat-Tmexxija għandhom jistabbilixxu arranġamenti aktar dettaljati tal-votazzjoni, b’mod partikolari l-kundizzjonijiet li taħthom membru jista’ jaġixxi f’isem membru ieħor, kif ukoll kwalunkwe rekwiżiti ta’ kworum, fejn xieraq.

Artikolu 21
Ir-responsabbiltajiet tad-Direttur Eżekuttiv

1. Id-Direttur Eżekuttiv għandu jmexxi l-Aġenzija. Id-Direttur Eżekuttiv għandu jassisti lill-Bord tat-Tmexxija u jkun responsabbli lejh. Id-Direttur Eżekuttiv għandu jirrapporta lill-Parlament Ewropew dwar it-twettiq ta’ dmirijietu meta jkun mistieden jagħmel dan. Il-Kunsill jista’ jistieden lid-Direttur Eżekuttiv jirrapporta dwar it-twettiq ta’ dmirijietu.

2. Id-Direttur Eżekuttiv għandu jkun ir-rappreżentant legali tal-Aġenzija.

3. Id-Direttur Eżekuttiv għandu jkun responsabbli għall-implimentazzjoni tal-kompiti assenjati lill-Aġenzija minn dan ir-Regolament. B’mod partikolari, id-Direttur Eżekuttiv għandu jkun responsabbli għal:

(a) l-amministrazzjoni ta’ kuljum tal-Aġenzija;

(b) l-operat tal-Aġenzija f’konformità ma’ dan ir-Regolament;

(c) it-tħejjija u l-implimentazzjoni tal-proċeduri, tad-deċiżjonijiet, tal-istrateġiji, tal-programmi u tal-attivitajiet adottati mill-Bord tat-Tmexxija, fil-limiti stabbiliti minn dan ir-Regolament, ir-regoli ta’ implimentazzjoni tiegħu u l-liġi applikabbli;

(d) it-tħejjija tad-dokument uniku ta’ programmazzjoni u l-preżentazzjoni tiegħu lill-Bord tat-Tmexxija wara konsultazzjoni mal-Kummissjoni;

(e) l-implimentazzjoni tad-dokument uniku ta’ programmazzjoni u r-rapportar lill-Bord tat-Tmexxija dwar l-implimentazzjoni tiegħu;

(f) it-tħejjija tar-rapport annwali kkonsolidat dwar l-attivitajiet tal-Aġenzija u l-preżentazzjoni tiegħu lill-Bord tat-Tmexxija għall-valutazzjoni u l-adozzjoni;

(g) it-tħejjija ta’ pjan ta’ azzjoni bħala segwitu għall-konklużjonijiet tar-rapporti u l-evalwazzjonijiet tal-awditjar interni jew esterni, kif ukoll l-investigazzjonijiet mill-Uffiċċju Ewropew ta’ Kontra l-Frodi (OLAF) u r-rapportar dwar il-progress darbtejn fis-sena lill-Kummissjoni u b’mod regolari lill-Bord tat-Tmexxija;

(h) il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni permezz tal-applikazzjoni ta’ miżuri preventivi kontra l-frodi, il-korruzzjoni u kwalunkwe attività illegali oħra, mingħajr preġudizzju għall-kompetenza investigattiva tal-OLAF, permezz ta’ kontrolli effettivi u, jekk jinstabu irregolaritajiet, permezz tal-irkupru tal-ammonti mħallsa skorrettament u, fejn ikun xieraq, billi jiġu

imposti penali amministrattivi effettivi, proporzjonati u dissważivi, inklużi penali finanzjarji;

(i) it-tħejjija ta' strateġija kontra l-frodi għall-Aġenzija u l-preżentazzjoni tagħha lill-Bord tat-Tmexxija għall-approvazzjoni;

(j) it-tħejjija ta' abbozz ta' regoli finanzjarji applikabbli għall-Aġenzija u l-preżentazzjoni tagħhom lill-Bord tat-Tmexxija għall-adozzjoni wara konsultazzjoni mal-Kummissjoni;

(k) it-tħejjija tal-abbozz ta' baġit għas-sena ta' wara, stabbilit abbażi tal-ibbaġitjar ibbażat fuq l-attività;

(l) it-tħejjija ta' abbozz tad-dikjarazzjoni tal-estimi tad-dħul u tal-infiq tal-Aġenzija;

(m) l-implimentazzjoni tal-baġit tagħha;

(n) l-istabbiliment u l-implimentazzjoni ta' sistema effettiva li tippermetti monitoraġġ u evalwazzjonijiet regolari ta':

(i) sistemi tal-IT fuq skala kbira, inkluża statistika; u

(ii) l-Aġenzija, inkluża l-kisba effettiva u effiċjenti tal-objettivi tagħha;

(o) mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 17 tar-Regolamenti tal-Persunal, l-istabbiliment ta' rekwiżiti tal-kunfidenzjalità għall-fini ta' konformità mal-Artikolu 17 tar-Regolament (KE) Nru 1987/2006, mal-Artikolu 17 tad-Deċiżjoni 2007/533/ĠAI, mal-Artikolu 26(9) tar-Regolament (KE) Nru 767/2008 u mal-Artikolu 4(4) tar-Regolament (UE) Nru 603/2013; [l-Artikolu 34(4) tar-Regolament XX/XXXX (li jistabbilixxi l-EES), [l-Artikolu 64(2) tar-Regolament XX/XXXX (li jistabbilixxi l-ETIAS)] u [l-Artikolu XX 11(16) tar-Regolament XX/XXX (li jistabbilixxi s-sistema ECRIS-TCN).];

(p) in-negozjar u, wara l-approvazzjoni mill-Bord tat-Tmexxija, l-iffirmar ta' Ftehim dwar il-Kwartieri Ġenerali fir-rigward tas-sede tal-Aġenzija u Ftehimiet fir-rigward ta' siti tekniċi u ta' riżerva mal-Gvernijiet tal-Istati Membri ospitanti;

(q) it-tħejjija tal-arranġamenti prattiċi għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 u l-preżentazzjoni tagħhom lill-Bord tat-Tmexxija għall-adozzjoni;

(r) it-tħejjija tal-miżuri ta' sigurtà meħtieġa, inklużi pjan ta' sigurtà, pjan ta' kontinwità tan-negozju u pjan ta' rkupru minn diżastru u l-preżentazzjoni tagħhom lill-Bord tat-Tmexxija għall-adozzjoni;

(s) it-tħejjija tar-rapporti dwar il-funzjonament tekniku ta' kull sistema tal-IT fuq skala kbira msemmija fl-Artikolu 15(1)(ff) u tar-rapport annwali dwar l-attivitajiet tas-Sistema Ċentrali tal-Eurodac imsemmija fl-Artikolu 15(1)(gg), abbażi tar-riżultati tal-monitoraġġ u tal-evalwazzjoni u l-preżentazzjoni tagħhom lill-Bord tat-Tmexxija għall-adozzjoni;

(t) [it-tħejjija tar-rapporti dwar l-iżvilupp tal-EES imsemmija fl-Artikolu 64(2) tar-Regolament XX/XXX [*li jistabbilixxi l-EES*] u dwar l-iżvilupp tal-ETIAS imsemmija fl-Artikolu 81(2) tar-Regolament XX/XXXX [*li jistabbilixxi l-ETIAS*], tar-rapport dwar l-iżvilupp tas-sistema ECRIS-TCN imsemmija fl-

Artikolu 34(3) tar-Regolament XX/XXXX [*li jistabbilixxi s-sistema ECRIS-TCN*] u l-preżentazzjoni tagħhom lill-Bord tat-Tmexxija għall-adozzjoni;]

(u) it-tħejjija tal-lista annwali, għall-pubblikazzjoni, ta' awtoritajiet kompetenti awtorizzati sabiex ifittxu direttament id-*data* fis-SIS II, inkluża l-lista tal-Uffiċċji ta' N.SIS II u l-Uffiċċji ta' SIRENE [u l-lista tal-awtoritajiet kompetenti awtorizzati li jagħmlu tiftix dirett fid-*data* li jkun hemm fis-sistemi EES, ERIAS u ECRIS-TCN], imsemmija fl-Artikolu 15(1)(nn), kif ukoll tal-lista ta' unitajiet imsemmija fl-Artikolu 15(1)(oo) u l-preżentazzjoni tagħhom lill-Bord tat-Tmexxija għall-adozzjoni.

4. Id-Direttur Eżekuttiv għandu jwettaq kwalunkwe kompitu ieħor b'konformità ma' dan ir-Regolament.

5. Id-Direttur Eżekuttiv għandu jiddeċiedi jekk ikunx neċessarju, għall-fini tat-twettiq tal-kompiti tal-Aġenzija b'mod effiċjenti u effettiv, li jiġu lokalizzati wieħed jew aktar mill-membri tal-persunal fi Stat Membru wieħed jew aktar. Qabel jiddeċiedi li jistabbilixxi uffiċċju lokali, id-Direttur Eżekuttiv għandu jikseb il-kunsens minn qabel tal-Kummissjoni, tal-Bord tat-Tmexxija u tal-Istat(i) Membru/i kkonċernat(i). Id-deċiżjoni għandha tispeċifika l-kamp ta' applikazzjoni tal-attivitajiet li jridu jitwettqu fl-uffiċċju lokali b'mod li jkunu evitati l-ispejjeż żejda u d-duplikazzjoni tal-funzjonijiet amministrattivi tal-Aġenzija. L-attivitajiet li jitwettqu f'siti tekniċi ma jistgħux jitwettqu f'uffiċċju lokali.

Artikolu 22
Il-ħatra tad-Direttur Eżekuttiv

1. Il-Bord tat-Tmexxija għandu jaħtar lid-Direttur Eżekuttiv minn lista ta' kandidati proposta mill-Kummissjoni wara proċedura tal-għażla miftuħa u trasparenti. Il-proċedura tal-għażla għandha tipprevedi l-pubblikazzjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u f'postijiet oħrajn ta' sejħa għal espressjonijiet ta' interess. Il-Bord tat-Tmexxija għandu jaħtar lid-Direttur Eżekuttiv abbażi tal-mertu personali, l-esperjenza fil-qasam tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira u l-ħiliet amministrattivi, finanzjarji u ta' tmexxija, kif ukoll l-għarfien fil-protezzjoni tad-*data*. Il-Bord tat-Tmexxija għandu jieħu d-deċiżjoni tiegħu li jaħtar lid-Direttur Eżekuttiv b'maġġoranza ta' żewġ terzi tal-membri kollha tiegħu li jkollhom dritt għall-vot.

2. Qabel ma jinħatar, il-kandidat magħżul mill-Bord tat-Tmexxija għandu jiġi mistieden jagħmel dikjarazzjoni quddiem il-kumitat(i) kompetenti tal-Parlament Ewropew u jwieġeb il-mistoqsijiet li jagħmlulu l-membri tal-kumitat. Wara d-dikjarazzjoni, il-Parlament Ewropew għandu jadotta opinjoni li tagħti l-fehma tiegħu dwar il-kandidat magħżul u jibgħatha lill-Bord tat-Tmexxija. Il-Bord tat-Tmexxija għandu jinforma lill-Parlament Ewropew dwar il-mod li bih tkun ittieħdet f'kunsiderazzjoni dik l-opinjoni. L-opinjoni għandha tiġi ttrattata bħala personali u kunfidenzjali sakemm jinħatar il-kandidat.

3. Il-mandat tad-Direttur Eżekuttiv għandu jkun ta' ħames snin. Sa tmiem dak il-perjodu, il-Kummissjoni għandha twettaq valutazzjoni li tieħu f'kunsiderazzjoni evalwazzjoni tal-prestazzjoni tad-Direttur Eżekuttiv u l-kompiti u l-isfidi futuri tal-Aġenzija.

4. Il-Bord tat-Tmexxija, filwaqt li jaġixxi fuq proposta mill-Kummissjoni li tqis il-valutazzjoni msemmija fil-paragrafu 3, jista' jestendi l-mandat tad-Direttur Eżekuttiv darba għal mhux aktar minn ħames snin.

5. Jekk ikollu l-ħsieb li jestendi l-mandat tad-Direttur Eżekuttiv, il-Bord tat-Tmexxija għandu jinforma lill-Parlament Ewropew b'dan. Fi żmien ix-xahar qabel kwalunkwe estensjoni bħal din, id-Direttur Eżekuttiv għandu jiġi mistieden jagħmel dikjarazzjoni quddiem il-kumitat(i) kompetenti tal-Parlament Ewropew u jwieġeb il-mistoqsijiet li jagħmlulu l-membri tal-kumitat.

6. Direttur Eżekuttiv li l-mandat tiegħu jkun ġie estiż ma jistax jipparteċipa fi proċedura tal-għażla oħra għall-istess kariga fi tmiem il-perjodu globali.

7. Id-Direttur Eżekuttiv jista' jitneħħa mill-kariga biss b'deċiżjoni tal-Bord tat-Tmexxija, li jaġixxi fuq proposta mill-Kummissjoni.

8. Il-Bord tat-Tmexxija għandu jieħu deċiżjonijiet dwar il-ħatra, l-estensjoni tal-mandat jew it-tneħħija mill-kariga tad-Direttur Eżekuttiv abbażi ta' maġġoranza ta' żewġ terzi tal-voti tal-membri tiegħu li jkollhom id-dritt li jivvotaw.

9. Għall-fini tal-konklużjoni tal-kuntratt mal-Bord tat-Tmexxija, l-Aġenzija għandha tkun irrappreżentata mill-President tal-Bord tat-Tmexxija. Id-Direttur Eżekuttiv għandu jiġi ingaġġat bħala aġent temporanju tal-Aġenzija skont l-Artikolu 2(a) tal-Kundizzjonijiet tax-Xogħol ta' Impjegati oħrajn.

Artikolu 23
Gruppi Konsultattivi

1. Il-Gruppi Konsultattivi li ġejjin għandhom jipprovdu lill-Bord tat-Tmexxija b'għarfien espert li jirrigwardja s-sistemi tal-IT fuq skala kbira u, b'mod partikolari, fil-kuntest tat-tħejjija tal-programm ta' ħidma annwali u r-rapport annwali tal-attività:

   (a) il-Grupp Konsultattiv tas-SIS II;

   (b) il-Grupp Konsultattiv tal-VIS;

   (c) il-Grupp Konsultattiv tal-Eurodac;

   (d) [il-Grupp Konsultattiv tal-[EES-][ETIAS]];

   (e) [il-Grupp Konsultattiv tas-sistema ECRIS-TCN];

   (f) kwalunkwe Grupp Konsultattiv ieħor li jirrigwardja sistema tal-IT fuq skala kbira, meta dan ikun stabbilit fl-istrument leġiżlattiv rilevanti li jirregola l-iżvilupp, l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu ta' dik is-sistema tal-IT fuq skala kbira.

2. Kull Stat Membru li jkun marbut skont il-liġi tal-Unjoni bi kwalunkwe strument leġiżlattiv li jirregola l-iżvilupp, l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu ta' sistema tal-IT fuq skala kbira partikolari, kif ukoll il-Kummissjoni, għandhom jaħtru membru wieħed fil-Grupp Konsultattiv li jirrigwardja dik is-sistema tal-IT fuq skala kbira, għal terminu ta' erba' snin, li jista' jiġġedded darba.

   Id-Danimarka għandha taħtar ukoll membru fi Grupp Konsultattiv li jirrigwardja sistema tal-IT fuq skala kbira, jekk hija tiddeċiedi, skont l-Artikolu 4 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, li timplimenta l-istrument leġiżlattiv li jirregola l-iżvilupp, l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu ta' dik is-sistema tal-IT fuq skala kbira partikolari fil-liġi nazzjonali tagħha.

   Kull pajjiż assoċjat mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen, tal-miżuri relatati mal-Eurodac u tal-miżuri relatati ma' sistemi tal-IT

oħrajn fuq skala kbira li jieħu sehem f'sistema tal-IT fuq skala kbira partikolari għandu jaħtar membru fil-Grupp Konsultattiv li jirrigwardja dik is-sistema tal-IT fuq skala kbira.

3. Il-Europol u l-Eurojust [u l-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta] jistgħu jaħtru rappreżentant kull wieħed fil-Grupp Konsultattiv tas-SIS II. Il-Europol jista' jaħtar ukoll rappreżentant fil-Gruppi Konsultattivi tal-VIS u tal-Eurodac [u tal-EES/ETIAS]. [Il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta jistgħu wkoll jaħtru rappreżentant fil-Grupp Konsultattiv tal-EES-ETIAS.] [L-Eurojust, l-Europol, [u l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew] jistgħu jaħtru wkoll rappreżentant fil-Grupp Konsultattiv tas-sistema ECRIS-TCN.]

4. Il-membri tal-Bord tat-Tmexxija u s-sostituti tagħhom ma għandhomx ikunu membri ta' xi wieħed mill-Gruppi Konsultattivi. Id-Direttur Eżekuttiv jew ir-rappreżentant tad-Direttur Eżekuttiv għandu jkollu d-dritt li jattendi l-laqgħat kollha tal-Gruppi Konsultattivi bħala osservatur.

5. Il-proċeduri għall-operat u l-kooperazzjoni tal-Gruppi Konsultattivi għandhom ikunu stabbiliti fir-regoli ta' proċedura tal-Aġenzija.

6. Meta jħejju opinjoni, il-membri ta' kull Grupp Konsultattiv għandhom jagħmlu mill-aħjar biex jintlaħaq kunsens. Jekk ma jintlaħaqx tali kunsens, l-opinjoni għandha tikkonsisti fil-pożizzjoni motivata tal-maġġoranza tal-membri. Il-pożizzjonijiet motivati tal-minoranza għandhom jiġu rreġistrati wkoll. L-Artikolu 20(3) u (4) għandhom japplikaw kif xieraq. Il-membri li jirrappreżentaw lill-pajjiżi assoċjati mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen u mal-miżuri relatati mal-Eurodac għandhom ikunu permessi jesprimu l-opinjonijiet tagħhom fuq kwistjonijiet li dwarhom mhumiex intitolati li jivvotaw.

7. Kull Stat Membru u kull pajjiż assoċjat mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen u mal-miżuri relatati mal-Eurodac għandu jiffaċilita l-attivitajiet tal-Gruppi Konsultattivi.

8. Għall-presidenza tal-Gruppi Konsultattivi, l-Artikolu 18 għandu japplika *mutatis mutandis*.

KAPITOLU IV
DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

Artikolu 24
Il-persunal

1. Ir-Regolamenti tal-Persunal u l-Kundizzjonijiet tax-Xogħol ta' Impjegati Oħrajn u r-regoli adottati permezz ta' ftehim bejn l-istituzzjonijiet tal-Unjoni sabiex jiddaħħlu fis-seħħ dawk ir-Regolamenti tal-Persunal u l-Kundizzjonijiet tax-Xogħol ta' Impjegati Oħrajn għandhom japplikaw għall-persunal tal-Aġenzija, inkluż id-Direttur Eżekuttiv.

2. Għall-fini tal-implimentazzjoni tar-Regolamenti tal-Persunal, l-Aġenzija għandha titqies bħala aġenzija fis-sens tal-Artikolu 1a(2) tar-Regolamenti tal-Persunal.

3. Il-persunal tal-Aġenzija għandu jikkonsisti f'uffiċjali, persunal temporanju jew persunal kuntrattwali. Il-Bord tat-Tmexxija għandu jagħti l-kunsens tiegħu fuq bażi annwali fejn il-kuntratti li d-Direttur Eżekuttiv ikun qed jippjana li jġedded isiru indefiniti skont il-Kundizzjonijiet tax-Xogħol.

4. L-Aġenzija ma għandhiex timpjega persunal interim biex iwettaq dmirijiet finanzjarji meqjusa bħala sensittivi.

5. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri jistgħu jissekondaw uffiċjali jew esperti nazzjonali għall-Aġenzija fuq bażi temporanja. Il-Bord tat-Tmexxija għandu jadotta deċiżjoni li tistabbilixxi regoli dwar l-issekondar ta' esperti nazzjonali fl-Aġenzija.

6. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 17 tar-Regolament tal-Persunal għall-Uffiċjali, l-Aġenzija għandha tapplika regoli xierqa tas-segretezza professjonali jew dmirijiet ekwivalenti oħrajn ta' kunfidenzjalità.

7. Il-Bord tat-Tmexxija għandu, bi qbil mal-Kummissjoni, jadotta l-miżuri ta' implimentazzjoni meħtieġa msemmija fl-Artikolu 110 tar-Regolamenti tal-Persunal.

Artikolu 25
Interess pubbliku

Il-membri tal-Bord tat-Tmexxija, id-Direttur Eżekuttiv u l-membri tal-Gruppi Konsultattivi għandhom jimpenjaw ruħhom li jaġixxu fl-interess pubbliku. Għal dak il-fini, huma għandom joħorġu dikjarazzjoni ta' impenn annwali, pubblika u bil-miktub.

Il-lista tal-membri tal-Bord ta' Tmexxija għandha tiġi ppubblikata fis-sit Internet tal-Aġenzija.

Artikolu 26
Ftehim dwar il-Kwartieri Ġenerali u Ftehimiet dwar is-siti tekniċi

1. L-arranġamenti meħtieġa dwar l-akkomodazzjoni li trid tiġi pprovduta lill-Aġenzija fl-Istati Membri ospitanti u l-faċilitajiet li għandhom ikunu disponibbli minn dawk l-Istati Membri, flimkien mar-regoli speċifiċi applikabbli fl-Istati Membri ospitanti għad-Direttur Eżekuttiv, għall-membri tal-Bord tat-Tmexxija, għall-persunal tal-Aġenzija u għall-membri tal-familji tagħhom għandhom jiġu stipulati fi Ftehim dwar il-Kwartieri Ġenerali rigward is-sede tal-Aġenzija u fi Ftehimiet rigward is-siti tekniċi, konklużi bejn l-Aġenzija u l-Istati Membri ospitanti wara li tinkiseb l-approvazzjoni tal-Bord tat-Tmexxija.

2. L-Istati Membri ospitanti tal-Aġenzija għandhom jipprovdu l-aħjar kundizzjonijiet possibbli sabiex jiżguraw il-funzjonament tal-Aġenzija, inklużi sistemi edukattivi multilingwi b'dimensjoni Ewropea u konnessjonijiet tat-trasport xierqa.

Artikolu 27
Privileġġi u immunitajiet

Il-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Unjoni Ewropea għandu japplika għall-Aġenzija.

Artikolu 28
Responsabbiltà

1. Ir-responsabbiltà kuntrattwali tal-Aġenzija għandha tiġi rregolata bil-liġi applikabbli għall-kuntratt ikkonċernat.

2. Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea għandu jkollha l-ġurisdizzjoni li tagħti sentenzi skont kwalunkwe klawżola ta' arbitraġġ li tinstab f'kuntratt konkluż mill-Aġenzija.

3. Fil-każ ta' responsabbiltà mhux kuntrattwali, l-Aġenzija għandha, b'konformità mal-prinċipji ġenerali komuni għal-liġijiet tal-Istati Membri, tagħmel tajjeb għal kwalunkwe dannu kkawżat mid-dipartimenti jew mill-persunal tagħha fit-twettiq ta' dmirijiethom.

4. Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea għandu jkollha ġurisdizzjoni f'tilwimiet fuq kumpens għad-dannu msemmi fil-paragrafu 3.

5. Ir-responsabbiltà personali tal-persunal tagħha lejn l-Aġenzija għandha tiġi rregolata mid-dispożizzjonijiet stipulati fir-Regolamenti tal-Persunal jew fil-Kundizzjonijiet tax-Xogħol ta' Aġenti Oħrajn li japplikaw għalihom.

Artikolu 29 Arranġamenti lingwistiċi

1. Id-dispożizzjonijiet tar-Regolament Nru 1[91] għandhom japplikaw għall-Aġenzija.

2. Mingħajr preġudizzju għad-deċiżjonijiet meħuda skont l-Artikolu 342 tat-TFUE, id-dokument uniku ta' programmazzjoni u r-rapport annwali tal-attività msemmija fl-Artikolu 15(1)(r) u (s) ta' dan ir-Regolament, għandhom jiġu prodotti bil-lingwi uffiċjali kollha tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni.

3. Il-Bord tat-Tmexxija jista' jadotta deċiżjoni dwar il-lingwi operattivi mingħajr preġudizzju għall-obbligi stabbiliti fil-paragrafi 1 u 2.

4. Is-servizzi ta' traduzzjoni meħtieġa għall-attivitajiet tal-Aġenzija għandhom jiġu pprovduti miċ-Ċentru tat-Traduzzjoni tal-Unjoni Ewropea.

Artikolu 30
Trasparenza u komunikazzjoni

1. Ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 għandu japplika għad-dokumenti miżmuma mill-Aġenzija.

2. Il-Bord tat-Tmexxija għandu jadotta r-regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001. Abbażi ta' proposta mid-Direttur Eżekuttiv, il-Bord tat-Tmexxija għandu jadotta regoli dwar l-aċċess għad-dokumenti tal-Aġenzija b'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1049/2001.

3. Id-deċiżjonijiet meħuda mill-Aġenzija skont l-Artikolu 8 tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 jistgħu jifformaw is-suġġett ta' ilment lill-Ombudsman Ewropew jew ta' azzjoni quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, skont il-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikoli 228 u 263 tat-TFUE, rispettivament.

4. L-Aġenzija għandha tikkomunika b'konformità mal-istrumenti leġiżlattivi li jirregolaw l-iżvilupp, l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira u, fuq inizjattiva tagħha stess, tista' tinvolvi ruħha f'attivitajiet ta' komunikazzjoni li jaqgħu fi ħdan il-qasam tal-kompetenza tagħha. Hija għandha tiżgura, b'mod partikolari, li minbarra l-pubblikazzjoni speċifikata fl-Artikolu 15(1)(r), (s), (ii), (jj), [(kk)], [(ll)], [(mm)] u fl-Artikolu 42(9), il-pubbliku u kwalunkwe parti interessata jingħataw malajr informazzjoni oġġettiva, preċiża, affidabbli, komprensiva u li tinftiehem faċilment fir-rigward tal-ħidma tagħha. L-allokazzjoni tar-riżorsi għal attivitajiet ta' komunikazzjoni ma għandhiex tkun detrimentali għat-twettiq effettiv tal-kompiti tal-Aġenzija msemmija fl-Artikoli 3 sa

91 Ir-Regolament Nru 1 tal-15 ta' April 1958 li jiddetermina l-lingwi li għandhom jintużaw mill-Komunità Ekonomika Ewropea, ĠU P 17, 6.10.1958, p. 385

12. L-attivitajiet ta' komunikazzjoni għandhom jitwettqu b'konformità mal-pjanijiet rilevanti ta' komunikazzjoni u disseminazzjoni adottati mill-Bord tat-Tmexxija.

5. Kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika għandha tkun intitolata li tindirizza korrispondenza bil-miktub lill-Aġenzija bi kwalunkwe waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni. Hija għandu jkollha d-dritt li tirċievi risposta bl-istess lingwa.

Artikolu 31
Protezzjoni tad-data

1. Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet dwar il-protezzjoni tad-*data* stabbiliti fl-istrumenti leġiżlattivi li jirregolaw l-iżvilupp, l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu ta' sistemi tal-IT fuq skala kbira, l-ipproċessar ta' *data* personali mill-Aġenzija għandu jkun soġġett għar-Regolament (KE) Nru 45/2001 [ir-Regolament (UE) XX/2018 dwar il-protezzjoni ta' *data* personali għall-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni].

2. Il-Bord tat-Tmexxija għandu jistabbilixxi miżuri għall-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 45/2001 [ir-Regolament (UE) XX/2018 dwar il-protezzjoni ta' *data* personali għall-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni] mill-Aġenzija, inklużi dawk li jikkonċernaw lill-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-*Data*. Dawk il-miżuri għandhom jiġu stabbiliti wara li ssir konsultazzjoni mal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data*.

Artikolu 32
Il-finijiet tal-ipproċessar ta' data *personali*

1. L-Aġenzija tista' tipproċessa d-*data* personali biss għall-finijiet li ġejjin:

(a) it-twettiq tal-kompiti tagħha relatati mat-tmexxija operattiva tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira fdati lilha mid-dritt tal-Unjoni;

(b) kompiti amministrattivi.

2. Meta l-Aġenzija tipproċessa *data* personali għall-finijiet imsemmija fil-paragrafu 1(a), għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet speċifiċi li jikkonċernaw il-protezzjoni tad-*data* u s-sigurtà tad-*data* tal-istrumenti leġiżlattivi rispettivi li jirregolaw l-iżvilupp, l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira ġestiti mill-Aġenzija.

Artikolu 33
Regoli ta' sigurtà dwar il-protezzjoni ta' informazzjoni kklassifikata u informazzjoni sensittiva mhux ikklassifikata

1. L-Aġenzija għandha tadotta r-regoli tas-sigurtà tagħha abbażi tal-prinċipji u r-regoli stipulati fir-regoli tas-sigurtà tal-Kummissjoni għall-protezzjoni ta' Informazzjoni Klassifikata tal-Unjoni Ewropea (EUCI) u informazzjoni sensittiva mhux klassifikata, inklużi, fost l-oħrajn, dispożizzjonijiet għall-iskambju, l-ipproċessar u l-ħażna ta' tali informazzjoni kif stabbilit fid-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni (UE, Euratom) 2015/443[92] u 2015/444[93]. Qabel kull skambju ta' informazzjoni klassifikata

92 Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE, Euratom) 2015/443 tat-13 ta' Marzu 2015 dwar is-Sigurtà fil-Kummissjoni (ĠU L 72, 17.3.2015, p. 4).

93 Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE, Euratom) 2015/444 tat-13 ta' Marzu 2015 dwar ir-regoli tas-sigurtà għall-protezzjoni ta' informazzjoni kklassifikata tal-UE (ĠU L 72, 17.3.2015, p. 53).

mal-awtoritajiet relevanti ta' Stat terz għandha tkun inkisbet l-approvazzjoni mill-Kummissjoni.

2. Ir-regoli tas-sigurtà għandhom jiġu adottati mill-Bord tat-Tmexxija wara l-approvazzjoni mill-Kummissjoni. L-Aġenzija tista' tieħu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex tiffaċilita l-iskambju tal-informazzjoni rilevanti għall-kompiti tagħha mal-Kummissjoni u mal-Istati Membri u, fejn ikun xieraq, mal-aġenziji tal-Unjoni rilevanti. Hija għandha tiżviluppa u tħaddem sistema ta' informazzjoni li tkun kapaċi tiskambja informazzjoni kklassifikata ma' dawk l-atturi b'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/488/UE u mad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE, Euratom) 2015/444. Il-Bord tat-Tmexxija għandu, skont l-Artikolu 2 u l-Artikolu 15(1)(y) ta' dan ir-Regolament, jiddeċiedi dwar l-istruttura interna tal-Aġenzija meħtieġa sabiex jiġu ssodisfati l-prinċipji ta' sigurtà xierqa.

Artikolu 34
Is-sigurtà tal-Aġenzija

1. L-Aġenzija għandha tkun responsabbli għas-sigurtà u ż-żamma tal-ordni fil-bini, is-sede u l-art użati minnha. L-Aġenzija għandha tapplika l-prinċipji ta' sigurtà u d-dispożizzjonijiet rilevanti tal-istrumenti leġiżlattivi li jirregolaw l-iżvilupp, l-istabbiliment, l-operat u l-użu tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira.

2. L-Istati Membri ospitanti għandhom jieħdu l-miżuri effettivi u adegwati kollha biex iżommu l-ordni u s-sigurtà fil-viċinanza immedjata tal-bini, is-sede u l-art użati mill-Aġenzija u għandhom jagħtu lill-Aġenzija il-protezzjoni adatta, f'konformità mal-Ftehim rilevanti dwar il-Kwartieri Ġenerali li jikkonċernaw is-sede tal-Aġenzija u l-Ftehimiet dwar is-siti tekniċi u ta' riżerva, filwaqt li jiggarantixxu aċċess liberu għal dan il-bini, is-sede u l-art għall-persuni awtorizzati mill-Aġenzija.

Artikolu 35
Evalwazzjoni

1. Sa mhux aktar tard minn ħames snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, u kull ħames snin minn hemm 'il quddiem, il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-prestazzjoni tal-Aġenzija b'rabta mal-objettivi, il-mandat, il-kompiti u l-postijiet tagħha b'konformità mal-linji gwida tal-Kummissjoni. L-evalwazzjoni għandha tivvaluta wkoll il-kontribut tal-Aġenzija għall-istabbiliment ta' ambjent tal-IT ikkoordinat, kosteffettiv u koerenti fil-livell tal-Unjoni għall-ġestjoni tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira li jappoġġjaw l-implimentazzjoni tal-linji politiċi dwar il-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni (ĠAI). B'mod partikolari, l-evalwazzjoni għandha tevalwa l-ħtieġa possibbli li jiġi mmodifikat il-mandat tal-Aġenzija u l-implikazzjonijiet finanzjarji ta' kwalunkwe modifika bħal din.

2. Meta l-Kummissjoni tqis li l-kontinwazzjoni tal-Aġenzija ma tkunx ġustifikata aktar fir-rigward tal-objettivi, tal-mandat u tal-kompiti assenjati lilha, hija tista' tipproponi li dan ir-Regolament jiġi emendat kif xieraq jew inkella jitħassar.

3. Il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Bord tat-Tmexxija dwar is-sejbiet tal-evalwazzjoni. Is-sejbiet tal-evalwazzjoni għandhom isiru pubbliċi.

Artikolu 36
Inkjesti amministrattivi

L-attivitajiet tal-Aġenzija għandhom ikunu soġġetti għall-inkjesti tal-Ombudsman Ewropew b'konformità mal-Artikolu 228 tat-Trattat.

Artikolu 37
Kooperazzjoni ma' istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni

1. L-Aġenzija għandha tikkoopera mal-Kummissjoni, ma' istituzzjonijiet oħrajn tal-Unjoni u ma' korpi, uffiċċji u aġenziji oħrajn tal-Unjoni, b'mod partikolari dawk stabbiliti fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja u, b'mod partikolari l-Aġenzija Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali, fi kwistjonijiet koperti minn dan ir-Regolament.

2. L-Aġenzija għandha tikkoopera mal-Kummissjoni fil-qafas ta' arranġament ta' ħidma li jistabbilixxi l-metodi operattivi ta' ħidma.

3. L-Aġenzija għandha tikkonsulta u ssegwi r-rakkomandazzjonijiet tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea dwar is-Sigurtà tan-Netwerks u l-Informazzjoni rigward is-sigurtà tan-netwerks, fejn xieraq.

4. Il-kooperazzjoni ma' korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni għandha sseħħ fil-qafas tal-arranġamenti ta' ħidma. Tali arranġamenti għandhom ikunu ngħataw l-approvazzjoni minn qabel tal-Kummissjoni. Tali arranġamenti jistgħu jipprevedu l-kondiviżjoni ta' servizzi bejn l-aġenziji, fejn xieraq, jew skont il-prossimità tal-postijiet jew inkella skont il-qasam ta' politika fil-limiti tal-mandati rispettivi u mingħajr preġudizzju għall-kompiti ewlenin tagħhom.

5. L-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jużaw l-informazzjoni rċevuta mill-Aġenzija biss fil-limiti tal-kompetenzi tagħhom u safejn dawn ikunu jirrispettaw id-drittijiet fundamentali, inklużi r-rekwiżiti tal-protezzjoni tad-*data*. It-trażmissjoni suċċessiva ta' komunikazzjoni oħra ta' *data* personali pproċessata mill-Aġenzija lil istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji jew aġenziji tal-Unjoni għandha tkun soġġetta għal arranġamenti ta' ħidma speċifiċi rigward l-iskambju ta' *data* personali u soġġetta għall-approvazzjoni minn qabel tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data*. Kwalunkwe trasferiment ta' *data* personali mill-Aġenzija għandu jkun konformi mad-dispożizzjonijiet tal-protezzjoni tad-*data* stipulati fl-Artikoli 31 u 32. Fir-rigward tat-trattament ta' informazzjoni kklassifikata, dawk l-arranġamenti għandhom jistabbilixxu li l-istituzzjoni, il-korp, l-uffiċċju jew l-aġenzija tal-Unjoni kkonċernati għandhom jikkonformaw mar-regoli u l-istandards tas-sigurtà ekwivalenti għal dawk applikati mill-Aġenzija.

Artikolu 38
Il-parteċipazzjoni minn pajjiżi assoċjati mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-acquis ta' Schengen u ta' miżuri relatati mal-Eurodac

1. L-Aġenzija għandha tkun miftuħa għall-parteċipazzjoni ta' pajjiżi terzi li jkunu daħlu fi ftehimiet ta' assoċjazzjoni mal-Unjoni għal dan il-għan.

2. Skont id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-ftehimiet ta' assoċjazzjoni msemmija fil-paragrafu 1, għandhom isiru arranġamenti li jispeċifikaw, b'mod partikolari, in-natura, il-firxa u l-mod ta', u r-regoli dettaljati għal, il-parteċipazzjoni mill-pajjiżi

assoċjati mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen u l-miżuri relatati mal-Eurodac fil-ħidma tal-Aġenzija, inklużi dispożizzjonijiet dwar il-kontribuzzjonijiet finanzjarji, il-persunal u d-drittijiet għall-vot.

KAPITOLU V
L-ISTABBILIMENT U L-ISTRUTTURA TAL-BAĠIT

TAQSIMA 1
DOKUMENT UNIKU TA' PROGRAMMAZZJONI

Artikolu 39

Dokument uniku ta' programmazzjoni

1. Kull sena, id-Direttur Eżekuttiv għandu jfassal abbozz ta' dokument uniku ta' programmazzjoni li jinkludi programmazzjoni annwali u pluriennali għas-sena ta' wara, kif stabbilit fl-Artikolu 32 tar-Regolament Delegat (UE) Nru 1271/2013 u tar-regoli finanzjarji tal-Aġenzija msemmija fl-Artikolu 44 u b'kunsiderazzjoni tal-linji gwida stabbiliti mill-Kummissjoni.

   Id-dokument uniku ta' programmazzjoni għandu jinkludi programm pluriennali, programm ta' ħidma annwali, kif ukoll il-baġit tagħha u informazzjoni dwar ir-riżorsi tagħha, kif stabbilit fid-dettall fir-regoli finanzjarji tal-Aġenzija msemmija fl-Artikolu 44.

2. Il-Bord tat-Tmexxija għandu jadotta l-abbozz tad-dokument uniku ta' programmazzjoni wara konsultazzjoni mal-Gruppi Konsultattivi u għandu jibagħtu lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni sa mhux aktar tard mill-31 ta' Jannar ta' kull sena, kif ukoll kwalunkwe verżjoni aġġornata ta' dak id-dokument.

3. Qabel it-30 ta' Novembru ta' kull sena, il-Bord tat-Tmexxija għandu jadotta, permezz ta' maġġoranza ta' żewġ terzi tal-membri tiegħu bid-dritt li jivvotaw u b'konformità mal-proċedura baġitarja annwali, id-dokument uniku ta' programmazzjoni, filwaqt li jqis l-opinjoni tal-Kummissjoni. Il-Bord tat-Tmexxija għandu jiżgura li l-verżjoni definittiva ta' dan id-dokument uniku ta' programmazzjoni jintbagħat lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni u jiġi ppubblikat. Qabel it-30 ta' Novembru ta' kull sena u wara li jqis l-opinjoni tal-Kummissjoni, il-Bord tat-Tmexxija għandu jadotta, b'maġġoranza ta' żewġ terzi tal-membri tiegħu bid-dritt li jivvotaw u b'konformità mal-proċedura baġitarja annwali u mal-programm leġiżlattiv tal-Unjoni fl-oqsma li jaqgħu taħt l-Artikoli 67 sa 89 tat-TFUE, id-dokument uniku ta' programmazzjoni għas-snin ta' wara u jiżgura li d-dokument ta' programmazzjoni adottat jintbagħat lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni u jiġi ppubblikat.

4. Id-dokument uniku ta' programmazzjoni għandu jsir definittiv wara l-adozzjoni finali tal-baġit ġenerali tal-Unjoni u, jekk ikun meħtieġ, jiġi aġġustat kif xieraq. Id-dokument uniku ta' programmazzjoni adottat għandu jintbagħat lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni u jiġi ppubblikat.

5. Il-programm ta' ħidma annwali għas-sena ta' wara għandu jinkludi objettivi dettaljati u r-riżultati mistennija, inklużi indikaturi tal-prestazzjoni. Huwa għandu jinkludi

wkoll deskrizzjoni tal-azzjonijiet li għandhom jiġu ffinanzjati u indikazzjoni tar-riżorsi finanzjarji u umani allokati għal kull azzjoni, b'konformità mal-prinċipji tal-ġestjoni u l-ibbaġitjar ibbażat fuq l-attività. Il-programm ta' ħidma annwali għandu jkun koerenti mal-programm ta' ħidma pluriennali msemmi fil-paragrafu 6. Dan għandu jindika b'mod ċar il-kompiti li jkunu żdiedu, inbidlu jew tħassru meta mqabbel mas-sena finanzjarja preċedenti. Il-Bord tat-Tmexxija għandu jemenda l-programm ta' ħidma annwali adottat meta jingħata kompitu ġdid lill-Aġenzija. Kwalunkwe emenda sostanzjali fil-programm ta' ħidma annwali għandu jiġi adottat bl-istess proċedura bħall-programm ta' ħidma annwali inizjali. Il-Bord tat-Tmexxija jista' jiddelega lid-Direttur Eżekuttiv is-setgħa li jagħmel emendi mhux sostanzjali fil-programm ta' ħidma annwali.

6. Il-programm pluriennali għandu jistabbilixxi l-programmazzjoni strateġika ġenerali, inklużi l-objettivi, ir-riżultati mistennija u indikaturi tal-prestazzjoni. Huwa għandu jistabbilixxi wkoll il-programmazzjoni tar-riżorsi, inklużi l-baġit pluriennali u l-persunal. Il-programmazzjoni tar-riżorsi għandha tiġi aġġornata kull sena. Il-programmazzjoni strateġika għandha tiġi aġġornata, fejn xieraq, b'mod partikolari sabiex jiġi indirizzat l-eżitu tal-evalwazzjoni msemmija fl-Artikolu 35.

Artikolu 40
L-istabbiliment tal-Baġit

1. Kull sena, id-Direttur Eżekuttiv għandu jfassal, wara li jqis l-attivitajiet imwettqa mill-Aġenzija, abbozz ta' dikjarazzjoni tal-estimi tad-dħul u l-infiq tal-Aġenzija għas-sena finanzjarja ta' wara, inkluż pjan ta' stabbiliment, u għandu jibgħathom lill-Bord tat-Tmexxija.

2. Il-Bord tat-Tmexxija għandu, abbażi tal-abbozz ta' dikjarazzjoni tal-estimi mħejjija mid-Direttur Eżekuttiv, jadotta abbozz tal-estimi tad-dħul u l-infiq tal-Aġenzija għas-sena finanzjarja ta' wara, inkluż l-abbozz tal-pjan ta' stabbiliment. Il-Bord tat-Tmexxija għandu jibgħathom lill-Kummissjoni (u lill-pajjiżi assoċjati mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen u mal-miżuri relatati mal-Eurodac), bħala parti mid-dokument uniku ta' programmazzjoni, sal-31 ta' Jannar ta' kull sena.

3. Il-Kummissjoni għandha tibgħat l-abbozz tal-estimi lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill ("l-awtorità baġitarja") flimkien mal-abbozz preliminari tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea.

4. Abbażi tal-abbozz tal-estimi, il-Kummissjoni għandha ddaħħal fl-abbozz tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea l-estimi li tqis li huma meħtieġa għall-pjan ta' stabbiliment u l-ammont tas-sussidju li għandu jitħallas mill-baġit ġenerali, li hija għandha tippreżenta lill-awtorità baġitarja b'konformità mal-Artikoli 313 u 314 tat-TFUE.

5. L-awtorità baġitarja għandha tawtorizza l-approprjazzjonijiet għall-kontribuzzjoni lill-Aġenzija.

6. L-awtorità baġitarja għandha tadotta l-pjan ta' stabbiliment għall-Aġenzija.

7. Il-Bord tat-Tmexxija għandu jadotta l-baġit tal-Aġenzija. Dan għandu jsir finali wara l-adozzjoni finali tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea. Fejn ikun xieraq, dan għandu jiġi aġġustat kif meħtieġ.

8. Kwalunkwe modifika għall-baġit, inkluż għall-pjan ta' stabbiliment, għandha ssegwi l-istess proċedura.

9. Il-Bord tat-Tmexxija għandu, malajr kemm jista' jkun, jinnotifika lill-awtorità baġitarja dwar l-intenzjoni tiegħu li jimplimenta kwalunkwe proġett li jista' jkollu implikazzjonijiet finanzjarji sinifikanti għall-finanzjament tal-baġit tiegħu, b'mod partikolari kwalunkwe proġett li jirrigwardja l-proprjetà, bħall-kiri jew ix-xiri ta' bini. Huwa għandu jinforma lill-Kummissjoni b'dan. Jekk xi waħda mill-fergħat tal-awtorità baġitarja jkollha l-intenzjoni li toħroġ opinjoni, hija għandha, fi żmien ġimgħatejn (2) mill-wasla tal-informazzjoni dwar il-proġett, tinnotifika lill-Bord tat-Tmexxija dwar l-intenzjoni tagħha li toħroġ tali opinjoni. Fin-nuqqas ta' tweġiba, l-Aġenzija tkun tista' tipproċedi bl-operazzjoni ppjanata. Għal kwalunkwe proġett ta' bini li x'aktarx ikollu implikazzjonijiet sinifikanti għall-baġit tal-Aġenzija, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet tar-Regolament Delegat (UE) Nru 1271/2013.

TAQSIMA 2
IL-PREŻENTAZZJONI, L-IMPLIMENTAZZJONI U L-KONTROLL TAL-BAĠIT

Artikolu 41
Struttura tal-baġit

1. L-estimi tad-dħul u l-infiq kollu għall-Aġenzija għandhom jitħejjew għal kull sena finanzjarja, b'mod li jkunu jikkorrespondu għas-sena kalendarja, u għandhom jintwerew fil-baġit tal-Aġenzija.

2. Id-dħul tal-Aġenzija għandu jkun ibbilanċjat f'termini tad-dħul u tal-infiq.

3. Mingħajr preġudizzju għal tipi oħrajn ta' introjtu, id-dħul tal-Aġenzija għandu jikkonsisti minn:

   (a) kontribuzzjoni mill-Unjoni mdaħħla fil-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea (it-taqsima tal-Kummissjoni);

   (b) kontribuzzjoni mill-pajjiżi assoċjati mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen u mal-miżuri relatati mal-Eurodac, li jipparteċipaw fil-ħidma tal-Aġenzija kif stabbilit fil-ftehimiet ta' assoċjazzjoni rispettivi u fl-arranġament imsemmi fl-Artikolu 38 li jispeċifikaw il-kontribuzzjoni finanzjarja tagħhom;

   (c) finanzjament tal-Unjoni fil-forma ta' ftehimiet ta' delega b'konformità mar-regoli finanzjarji tal-Aġenzija msemmija fl-Artikolu 44 u mad-dispożizzjonijiet tal-istrumenti rilevanti li jappoġġjaw il-politiki tal-Unjoni;

   (d) il-kontribuzzjonijiet imħallsin mill-Istati Membri għas-servizzi pprovduti lilhom b'konformità mal-ftehim ta' delega msemmi fl-Artikolu 12;

   (e) kwalunkwe kontribuzzjoni finanzjarja volontarja mill-Istati Membri.

4. L-infiq tal-Aġenzija għandu jinkludi r-remunerazzjoni tal-persunal, l-ispejjeż amministrattivi u infrastrutturali u n-nefqa operazzjonali.

Artikolu 42
L-implimentazzjoni u l-kontroll tal-baġit

1. Id-Direttur Eżekuttiv għandu jimplimenta l-baġit tal-Aġenzija.

2. Kull sena, id-Direttur Eżekuttiv għandu jibgħat lill-awtorità baġitarja l-informazzjoni kollha rilevanti għas-sejbiet tal-proċeduri ta' evalwazzjoni.

3. Sal-1 ta' Marzu ta' sena finanzjarja N+1, l-Uffiċjal tal-Kontabilità tal-Aġenzija għandu jikkomunika l-kontijiet provviżorji għas-sena finanzjarja N lill-Uffiċjal tal-Kontabilità tal-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri. L-Uffiċjal tal-Kontabilità tal-Kummissjoni għandu jikkonsolida l-kontijiet provviżorji tal-istituzzjonijiet u tal-korpi deċentralizzati b'konformità mal-Artikolu 147 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012.

4. L-Aġenzija għandha tibgħat rapport dwar il-ġestjoni baġitarja u finanzjarja għas-sena N lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Qorti tal-Awdituri u lill-Kummissjoni sal-31 ta' Marzu tas-sena N+1.

5. L-Uffiċjal tal-Kontabilità tal-Kummissjoni għandu jibgħat il-kontijiet provviżorji tal-Aġenzija għas-sena N, ikkonsolidati mal-kontijiet tal-Kummissjoni, lill-Qorti tal-Awdituri sal-31 ta' Marzu tas-sena N+1.

6. Malli jirċievi l-osservazzjonijiet tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet provviżorji tal-Aġenzija, skont l-Artikolu 148 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttur Eżekuttiv għandu jħejji l-kontijiet finali tal-Aġenzija taħt ir-responsabbiltà proprja tiegħu u jibgħathom lill-Bord tat-Tmexxija għal opinjoni.

7. Il-Bord tat-Tmexxija għandu jagħti opinjoni dwar il-kontijiet finali tal-Aġenzija għas-sena N.

8. Sal-1 ta' Lulju tas-sena N+1, id-Direttur Eżekuttiv għandu jibgħat il-kontijiet finali, flimkien mal-opinjoni tal-Bord tat-Tmexxija, lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri (kif ukoll lill-pajjiżi assoċjati mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen u mal-miżuri relatati mal-Eurodac).

9. Il-kontijiet finali għas-sena N għandhom jiġu ppubblikati f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea sal-15 ta' Novembru tas-sena N+1.

10. Id-Direttur Eżekuttiv għandu jibgħat lill-Qorti tal-Awdituri tweġiba għall-osservazzjonijiet tagħha sat-30 ta' Settembru tas-sena N+1. Id-Direttur Eżekuttiv għandu jibgħat ukoll dik it-tweġiba lill-Bord tat-Tmexxija.

11. Id-Direttur Eżekuttiv għandu jissottometti lill-Parlament Ewropew, fuq talba ta' dan tal-aħħar, kwalunkwe informazzjoni meħtieġa għall-applikazzjoni bla xkiel tal-proċedura ta' kwittanza għas-sena N, b'konformità mal-Artikolu 165(3) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012.

12. Fuq rakkomandazzjoni mill-Kunsill, li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata, il-Parlament Ewropew għandu, qabel il-15 ta' Mejju tas-sena N+2, jagħti kwittanza lid-Direttur Eżekuttiv fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena N.

Artikolu 43
Prevenzjoni ta' kunflitti ta' interess

L-Aġenzija għandha tadotta regoli interni li jesiġu li l-membri tal-korpi tagħha u l-membri tal-persunal tagħha jevitaw kwalunkwe sitwazzjoni li tista' tagħti lok għal kunflitt ta' interess matul l-impjieg jew il-mandat tagħhom u jirrapportaw tali sitwazzjonijiet.

Artikolu 44
Regoli finanzjarji

Ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-Aġenzija għandhom jiġu adottati mill-Bord tat-Tmexxija wara konsultazzjoni mal-Kummissjoni. Dawn ma għandhomx jiddevjaw mir-Regolament Delegat (UE) Nru 1271/2013, sakemm tali devjazzjoni ma tintalabx speċifikament għall-operat tal-Aġenzija u sakemm il-Kummissjoni ma tkunx tat il-kunsens tagħha minn qabel.

Artikolu 45
Il-ġlieda kontra l-frodi

1. Sabiex jiġu miġġielda l-frodi, il-korruzzjoni u attivitajiet illegali oħrajn, għandu japplika r-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013.

2. L-Aġenzija għandha taderixxi mal-Ftehim Interistituzzjonali tal-25 ta' Mejju 1999 dwar investigazzjonijiet interni mill-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) u għandha tadotta, mingħajr dewmien, id-dispożizzjonijiet xierqa applikabbli għall-impjegati kollha tal-Aġenzija billi tuża l-mudell stabbilit fl-Anness għal dak il-Ftehim.

   Il-Qorti tal-Awdituri għandu jkollha s-setgħa tal-awditjar, abbażi ta' dokumenti u ta' spezzjonijiet fuq il-post, fuq il-benefiċjarji tal-għotjiet, il-kuntratturi u s-sottokuntratturi kollha li rċevew fondi tal-Unjoni mill-Aġenzija.

3. L-OLAF jista' jwettaq investigazzjonijiet, inklużi kontrolli u spezzjonijiet fuq il-post, bil-għan li jistabbilixxi jekk kienx hemm frodi, korruzzjoni jew kwalunkwe attività illegali oħra li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni b'rabta ma' għotja jew kuntratt iffinanzjat mill-Aġenzija, b'konformità mad-dispożizzjonijiet u l-proċeduri stabbiliti fir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 u fir-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96[94].

4. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafi 1, 2 u 3, kuntratti, ftehimiet ta' għotja u deċiżjonijiet ta' għotja tal-Aġenzija għandhom jinkludu dispożizzjonijiet li espressament jagħtu s-setgħa lill-Qorti tal-Awdituri u lill-OLAF biex iwettqu verifiki u investigazzjonijiet skont il-kompetenzi rispettivi tagħhom.

---

[94] Ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96 tal-11 ta' Novembru 1996 dwar il-verifiki u l-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa mill-Kummissjoni sabiex tipproteġi l-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea kontra l-frodi u irregolarijiet oħra (ĠU L 292, 15.11.1996, p. 2).

KAPITOLU VI
EMENDI FI STRUMENTI OĦRAJN TAL-UNJONI

Artikolu 46

Emenda fir-Regolament (KE) Nru 1987/2006 dwar l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen tat-tieni ġenerazzjoni (SIS II) [jew fir-Regolament XX ta' XX dwar l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS) fil-qasam tal-kontrolli fil-fruntieri, li jemenda r-Regolament (UE) Nru 515/2014 u li jħassar ir-Regolament (KE) 1987/2006]

Fir-Regolament (KE) Nru 1987/2006 [*jew fir-Regolament XX ta' XX dwar l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS) fil-qasam tal-kontrolli fil-fruntieri, li jemenda r-Regolament (UE) Nru 515/2014 u li jħassar ir-Regolament (KE) 1987/2006*], l-Artikolu 15(2) u (3) jiġu sostitwiti b'li ġej:

"(2) L-Awtorità tat-Tmexxija għandha tkun responsabbli għall-kompiti kollha relatati mal-infrastruttura tal-komunikazzjoni, b'mod partikolari:

(a) is-superviżjoni;

(b) is-sigurtà;

(ċ) il-koordinazzjoni tar-relazzjonijiet bejn l-Istati Membri u l-fornitur;

(d) kompiti relatati mal-implimentazzjoni tal-baġit;

(e) l-akkwiżizzjoni u t-tiġdid, u

(f) kwistjonijiet kuntrattwali."

Artikolu 47

Emenda fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/533/ĠAI dwar l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen tat-tieni ġenerazzjoni (SIS II) [jew fir-Regolament XX ta' XX tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS) fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija f'materji kriminali, li jemenda r-Regolament (UE) Nru 515/2014 u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1986/2006, id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/533/ĠAI u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/261/UE]

Fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/533/ĠAI [*jew fir-Regolament XX ta' XX tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS) fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija f'materji kriminali, li jemenda r-Regolament (UE) Nru 515/2014 u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1986/2006, id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/533/ĠAI u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/261/UE*], l-Artikolu 15(2) u (3) jiġu sostitwiti b'li ġejjin:

"2. L-Awtorità tat-Tmexxija għandha tkun responsabbli wkoll għall-kompiti kollha relatati mal-infrastruttura tal-komunikazzjoni, b'mod partikolari:

(a) is-superviżjoni;

(b) is-sigurtà;

(c) il-koordinazzjoni tar-relazzjonijiet bejn l-Istati Membri u l-fornitur;

(d) kompiti relatati mal-implimentazzjoni tal-baġit;

(e) l-akkwiżizzjoni u t-tiġdid, u

(f) kwistjonijiet kuntrattwali."

KAPITOLU VII
DISPOŻIZZJONIJIET TRANŻITORJI

Artikolu 48
Arranġamenti tranżitorji rigward id-Direttur Eżekuttiv

Id-Direttur Eżekuttiv tal-eu-LISA maħtur abbażi tal-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) Nru 1077/2011 għandu, għall-bqija tal-mandat tiegħu, ikun assenjat għar-responsabbiltajiet tad-Direttur Eżekuttiv, kif previst fl-Artikolu 21 ta' dan ir-Regolament.

KAPITOLU VIII
DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

Tħassir ta' Artikolu 49

Ir-Regolament (UE) Nru 1077/2011 jitħassar.

Ir-referenzi għar-Regolament imħassar għandhom jinftiehmu bħala referenzi għal dan ir-Regolament.

Artikolu 50
Id-dħul fis-seħħ u l-applikabbiltà

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri b'konformità mat-Trattati.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew	*Għall-Kunsill*
Il-President	*Il-President*

<u>DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA</u>

1. QAFAS TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

1.1. Titolu tal-proposta/inizjattiva

1.2. Qasam/oqsma ta' politika kkonċernat(i) fl-istruttura ABM/ABB

1.3. Natura tal-proposta/inizjattiva

1.4. Objettiv(i)

1.5. Raġunijiet għall-proposta/inizjattiva

1.6. It-tul ta' żmien u l-impatt finanzjarju

1.7. Mod(i) ta' ġestjoni ppjanat(i)

2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

2.1. Ir-regoli dwar il-ġestjoni u r-rapportar

2.2. Sistema ta' ġestjoni u kontroll

2.3. Miżuri għall-prevenzjoni tal-frodi u l-irregolaritajiet

3. STIMA TAL-IMPATT FINANZJARJU TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linja/i baġitarja tan-nefqa affettwati

3.2. Stima tal-impatt fuq in-nefqa

3.2.1. Sommarju tal-istima tal-impatt fuq in-nefqa

3.2.2. Stima tal-impatt fuq l-approprjazzjonijiet operattivi

3.2.3. Stima tal-impatt fuq l-approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva

3.2.4. Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali

3.2.5. Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi

3.3. Stima tal-impatt fuq id-dħul

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

1. QAFAS TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

1.1. Titolu tal-proposta/inizjattiva

Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-Aġenzija Ewropea għat-tmexxija operattiva tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja li jħassar ir-Regolament (UE) 1077/2011 u li jemenda r-Regolament (KE) 1987/2006 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/533/ĠAI.

1.2. Qasam/oqsma ta' politika kkonċernat(i) fl-istruttura ta' ABM/ABB[95]

Qasam ta' politika: Migrazzjoni u Affarijiet Interni (titolu 18)

Attività: Is-Sigurtà Interna (kapitolu 18.02)

1.3. Natura tal-proposta/inizjattiva

☐ Il-proposta/l-inizjattiva tirrigwardja **azzjoni ġdida**

☐ Il-proposta/l-inizjattiva tirrigwardja **azzjoni ġdida b'segwitu għal proġett pilota/azzjoni preparatorja**[96]

☒ Il-proposta/l-inizjattiva tirrigwardja **l-estensjoni ta' azzjoni eżistenti**

☐ Il-proposta/l-inizjattiva tirrigwardja **azzjoni ridiretta lejn azzjoni ġdida**

1.4. Objettiv(i)

1.4.1. L-objettiv(i) strateġiku/strateġiċi pluriennali tal-Kummissjoni fil-mira tal-proposta/inizjattiva

Objettiv Speċifiku 1.2 Ġestjoni tal-fruntieri: Jiġu salvati l-ħajjiet u jiġu protetti l-fruntieri esterni tal-UE

- L-użu ta' sistemi u teknoloġiji tal-IT għal Fruntieri Intelliġenti sabiex tiġi żgurata aħjar is-sigurtà interna u jiġi ffaċilitat il-qsim tal-fruntiera ta' vjaġġaturi in bona fede.

Il-ġestjoni aktar effiċjenti tal-fruntieri tagħna timplika wkoll użu aħjar tal-opportunitajiet offruti minn sistemi u teknoloġiji tal-IT. Illum il-ġurnata, l-UE għandha tliet sistemi tal-IT fuq skala kbira taħt ir-responsabbiltà tad-DĠ HOME, li jittrattaw l-amministrazzjoni tal-ażil (Eurodac), l-applikazzjonijiet għal viża (is-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża - VIS) u l-kondiviżjoni ta' informazzjoni dwar persuni jew oġġetti li għalihom inħoloq allert mill-awtoritajiet kompetenti (Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen - SIS II). L-Aġenzija għandha tkompli tingħata responsabbiltà għal dawn it-tliet sistemi tal-IT fuq skala kbira.

Fis-6 ta' April 2016, id-DĠ HOME ppreżenta proposta dwar l-istabbiliment tas-Sistema ta' Dħul/Ħruġ tal-UE, li għandha tiġi żviluppata mill-eu-LISA bil-għan li jiġi żgurat li din tibda topera sal-2020. L-implimentazzjoni ta' Sistema ta' Dħul/Ħruġ mal-UE kollha se tirriżulta, fost l-oħrajn, fl-awtomatizzazzjoni ta' ċerti kompiti u attivitajiet relatati mal-kontrolli fil-fruntieri. Din l-awtomatizzazzjoni se tiżgura kontroll omoġenju u sistematiku tal-perjodu awtorizzat tas-soġġorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi. Is-sistema tirreġistra l-isem, it-tip ta' dokument tal-ivvjaġġar u l-bijometriċi u d-*data* u l-post tad-dħul u tal-ħruġ. Din se tiffaċilita l-qsim tal-fruntiera ta' vjaġġaturi in bona fede, id-detezzjoni ta' dawk li jeċċedu l-permess ta' soġġorn u l-identifikazzjoni tal-persuni mingħajr dokumenti fiż-żona Schengen. Permezz ta' dan, is-Sistema ta' Dħul/Ħruġ tal-UE se tkun strumentali fl-implimentazzjoni effettiva tal-politika dwar il-viżi u fil-massimizzazzjoni tal-impatt

[95] ABM: ġestjoni bbażata fuq l-attività; ABB: ibbaġitjar ibbażat fuq l-attività.
[96] Kif imsemmi fl-Artikolu 54(2)(a) jew (b) tar-Regolament Finanzjarju.

ekonomiku pożittiv tal-attrazzjoni ta' aktar turisti u viżitaturi oħrajn li jivvjaġġaw għal raġunijiet personali jew professjonali, kif ukoll fil-minimizzazzjoni tal-migrazzjoni irregolari u tar-riskji ta' sigurtà.

Barra minn hekk, soġġetta għall-adozzjoni tal-istrumenti leġiżlattivi rilevanti, l-eu-LISA se tiġi fdata bl-iżvilupp ta' sistemi tal-IT oħrajn fuq skala kbira, bħas-sistema awtomatizzata għar-reġistrazzjoni, il-monitoraġġ u għas-sistema ta' allokazzjoni tal-applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali u s-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar (ETIAS), sistema ċentrali tal-UE għall-valutazzjoni qabel il-wasla attwali tagħhom fil-fruntiera tal-eliġibbiltà ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi eżentati mill-viża biex jidħlu fiż-żona Schengen u, b'mod partikolari, għall-valutazzjoni ta' jekk il-preżenza tagħhom fiż-żona Schengen tirrappreżentax theddida għas-sigurtà. L-ETIAS se tintroduċi saff addizzjonali ta' kontroll sistematiku mqabbel mas-sitwazzjoni attwali (mingħajr l-ETIAS) billi tippermetti li jsiru kontrolli bikrija fl-isfond tal-bażijiet ta' *data* rilevanti u l-valutazzjoni tas-sigurtà, tal-migrazzjoni irregolari u tar-riskju għas-saħħa pubblika. Il-proċess applikat fl-ETIAS jinvolvi lill-awtoritajiet tal-Istati Membri fil-valutazzjoni tar-riskju għall-aktar każijiet kumplessi jew problematiċi.

L-eu-LISA se tkun fdata wkoll bl-ECRIS-TCN,[97] sistema ċentralizzata għall-identifikazzjoni tal-Istati Membri li għandhom informazzjoni dwar il-kundanna ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi (TCN) u persuni apolidi sabiex jissupplimentaw u jappoġġjaw is-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali (ECRIS).

Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi u l-attività/attivitajiet ABM/ABB ikkonċernata/i:

<u>Objettiv speċifiku Nru 1.2</u>

Il-ġestjoni tal-fruntieri: Jiġu salvati l-ħajjiet u jiġu protetti l-fruntieri esterni tal-UE.

<u>Attività/attivitajiet ABM/ABB ikkonċernata/i</u>

Relatata/i mal-programm ta' nfiq ISF għall-Fruntieri u l-Viża, Orizzont 2020.

1.4.2. *Ir-riżultat(i) u l-impatt mistennija*

Speċifika l-effetti li għandu jkollha l-proposta/inizjattiva fuq il-benefiċjarji/gruppi mmirati.

Ippermetti lill-Aġenzija tkompli tiżgura:

- l-iżvilupp effiċjenti ta' sistemi tal-IT fuq skala kbira bl-użu ta' struttura adegwata għat-tmexxija tal-proġetti għal sistemi tal-IT fuq skala kbira li qed jiżviluppaw b'mod effiċjenti;

- it-tħaddim effettiv, sigur u kontinwu tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira;

- it-tmexxija effiċjenti u finanzjarjament responsabbli tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira;

- kwalità adegwatament għolja tas-servizz għall-utenti tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira;

- kontinwità u servizz mingħajr interruzzjoni;

- livell għoli ta' protezzjoni tad-*data*, b'konformità mar-regoli applikabbli, inklużi dispożizzjonijiet speċifiċi għal kull sistema tal-IT fuq skala kbira;

- livell xieraq ta' sigurtà tad-*data* u fiżika, b'konformità mar-regoli applikabbli, inklużi dispożizzjonijiet speċifiċi għal kull sistema tal-IT fuq skala kbira;

1.4.3. - *Indikaturi tar-riżultati u l-impatt*

Speċifika l-indikaturi għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-proposta/inizjattiva.

[97] L-iżvilupp ta' ECRIS-TCN se jiġi ffinanzjat mill-programm tal-Ġustizzja u jkun newtrali f'termini tal-baġit għall-intestatura 3.

Id-Dokument ta' Programmazzjoni tal-eu-LISA għas-sena ta' wara għandu jinkludi objettivi dettaljati u r-riżultati mistennija, **inklużi indikaturi tal-prestazzjoni** (KPIs u SLAs). Huwa għandu jinkludi wkoll deskrizzjoni tal-azzjonijiet li għandhom jiġu ffinanzjati u indikazzjoni tar-riżorsi finanzjarji u umani allokati għal kull azzjoni, b'konformità mal-prinċipji tal-**ibbaġitjar ibbażat fuq l-attività u tal-ġestjoni**. Dan għandu jindika b'mod ċar il-kompiti li jkunu żdiedu, inbidlu jew tħassru meta mqabbel mas-sena finanzjarja preċedenti. Ir-rapport annwali dwar l-attivitajiet tal-Aġenzija għandu jirrapporta dwar il-kisbiet fl-isfond ta' dawk l-indikaturi.

Kull ħames snin mill-2017 'il quddiem, il-Kummissjoni għandha tikkummissjona evalwazzjoni esterna indipendenti tal-azzjoni tal-Aġenzija. L-evalwazzjoni għandha teżamina l-prestazzjoni tal-Aġenzija fir-rigward tal-objettivi, il-mandat, il-kompiti u l-post tagħha. L-evalwazzjoni għandha tivvaluta wkoll il-kontribut tal-Aġenzija għal ambjent tal-IT ikkoordinat, kosteffettiv u koerenti fil-livell tal-Unjoni għall-ġestjoni tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira li jappoġġjaw l-implimentazzjoni tal-linji politiċi dwar il-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni (ĠAI). B'mod partikolari, l-evalwazzjoni għandha tivvaluta l-ħtieġa possibbli li jsiru modifiki fil-mandat tal-Aġenzija (u l-implikazzjonijiet finanzjarji ta' kwalunkwe modifika bħal din).

1.5. Raġunijiet għall-proposta/inizjattiva

1.5.1. Rekwiżit(i) li jrid(u) jiġi/u ssodisfat(i) fuq medda qasira jew twila

L-ewwel evalwazzjoni tal-ħidma tal-Aġenzija bbażata fuq evalwazzjoni esterna indipendenti u mwettqa fl-2015-2016 ikkonkludiet li l-eu-LISA qed tiżgura b'mod effettiv it-tmexxija operattiva tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira u kompiti oħrajn fdati lilha, kif ukoll li huma meħtieġa għadd ta' bidliet fir-Regolament tat-twaqqif, bħat-**trasferiment lill-Aġenzija tal-kompiti tal-infrastruttura ta' komunikazzjoni miżmuma mill-Kummissjoni**. Filwaqt li tibni fuq l-evalwazzjoni esterna, il-Kummissjoni qieset l-iżviluppi politiċi, legali u fattwali u pproponiet, b'mod partikolari, li l-**mandat** tal-Aġenzija għandu jiġi **estiż** sabiex hija tkun tista' twettaq **il-kompiti** derivati mill-adozzjoni mill-koleġiżlaturi tal-proposti **li jafdaw sistemi ġodda** lill-Aġenzija, il-**kompiti msemmija** fil-**Komunikazzjoni tal-Kummissjoni** dwar Sistemi ta' Informazzjoni Aktar Intelliġenti u b'Saħħithom għall-Fruntieri u s-Sigurtà tas-6 ta' April 2016, fir-rapport finali tal-Grupp ta' Esperti ta' Livell Għoli dwar is-Sistemi u l-Interoperabbiltà tal-11 ta' Mejju 2017 u fis-**Seba' rapport ta' progress tal-Kummissjoni lejn Unjoni tas-Sigurtà effettiva u ġenwina** adottat fis-16 ta' Mejju 2017. Il-mandat tal-Aġenzija għandu jiġi estiż ukoll sabiex hija tkun tista' **tipprovdi pariri lill-Istati Membri** fir-rigward tal-konnessjoni tas-sistemi nazzjonali mas-sistemi ċentrali u għall-**assistenza/appoġġ ad hoc**, fejn meħtieġ, kif ukoll biex tipprovdi assistenza/appoġġ lis-servizzi tal-Kummissjoni fuq kwistjonijiet tekniċi relatati ma' sistemi ġodda. L-Aġenzija għandha **tikkontribwixxi għall-iżviluppi fir-riċerka** rilevanti għat-tmexxija operattiva tas-sistemi ġestiti minnha. Hija għandha tqassam l-informazzjoni dwar tali żviluppi lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data*.

Il-mandat tal-Aġenzija għandu jiġi estiż ukoll sabiex hija **tiżviluppa, tħaddem, iżżomm u/jew tospita soluzzjonijiet tekniċi konġunti għall-implimentazzjoni nazzjonali** tal-obbligi li jirriżultaw mil-leġiżlazzjoni tal-UE dwar **is-sistemi deċentralizzati fuq skala kbira** fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja għall-Istati Membri interessati. Dan jista' jsir permezz ta' ftehim ta' delega bejn l-Istati Membri kkonċernati u l-Aġenzija li jafda lil din tal-aħħar bil-kompiti msemmija hawn fuq u bil-baġit korrispondenti.

Il-funzjoni ewlenija tal-Aġenzija għandha tkompli tkun li twettaq il-**kompiti ta' tmexxija operattiva għas-SIS II, il-VIS u l-Eurodac** u, jekk jiġi deċiż hekk mill-koleġiżlaturi, għal sistemi tal-IT oħrajn fuq skala kbira fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja. Barra minn hekk, l-Aġenzija għandha **twettaq kompiti relatati mat-taħriġ**

dwar l-użu tekniku tas-sistemi tal-IT fdati lilha. Barra minn hekk, l-Aġenzija tista' wkoll issir responsabbli għat-**tħejjija, l-iżvilupp u t-tmexxija operattiva ta' sistemi tal-IT fuq skala kbira addizzjonali** fl-applikazzjoni tal-Artikoli 67 sa 89 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE). L-Aġenzija għandha tkun f*data* b'dawn il-kompiti biss permezz ta' strumenti leġiżlattivi sussegwenti u separati, wara li tkun saret valutazzjoni tal-impatt.

1.5.2. Il-valur miżjud tal-involviment tal-UE

